IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.6.2023
COM(2023) 392 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI

KONTIJIET ANNWALI TAL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP GĦAS-SENA FINANZJARJA 2022

KONTENUT

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-KONTIJIET 2
IMPLIMENTAZZJONI U KONTABBILTÀ TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ 3
FONDI ĠESTITI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA 7
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ 9
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE KKONSOLIDATI FIL-FEŻ 52
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE 2022 53
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-EUTF AFRIKA 2022 61
RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-FEŻ U TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE 70
RAPPORT TAL-FEŻ DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA 75

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-KONTIJIET

Il-kontijiet annwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena 2022 tħejjew skont it-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp u skont il-prinċipji, ir-regoli u l-metodi kontabilistiċi stipulati fin-noti tar-rapporti finanzjarji.

Nirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħi għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Jien ksibt mingħand l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni u mingħand il-BEI, li jiggarantixxu l-affidabbiltà tagħha, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-implimentazzjoni baġitarja.

B'dan niċċertifika li abbażi ta' din l-informazzjoni, u tal-kontrolli li jien qist meħtieġa biex niffirma l-kontijiet, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-aspetti materjali kollha.

Rosa ALDEA BUSQUETS

Uffiċjal tal-Kontabbiltà

IMPLIMENTAZZJONI U KONTABBILTÀ TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ

1. SFOND

L-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"UE") għandha relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' għadd kbir ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. L-objettiv ewlieni huwa li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali, bl-għan ewlieni li jitnaqqas u jinqered il-faqar fuq perjodu ta' żmien twil, billi l-pajjiżi benefiċjarji jiġu pprovduti b'għajnuna għall-iżvilupp u b'assistenza teknika. Sabiex tikseb dan, l-UE tfassal, b'mod konġunt mal-pajjiżi msieħba, strateġiji ta' kooperazzjoni u timmobilizza r-riżorsi finanzjarji biex timplimentahom. Dawn ir-riżorsi tal-UE allokati għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu minn tliet sorsi:

- Il-baġit tal-UE;
- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; kif ukoll
- Il-Bank Ewropew tal-Investiment.

Sal-2021, id-data li fiha l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"FEŻ") laħaq l-aħħar stadju tiegħu hekk kif daħlet fis-seħħ il-klawsola ta' estinzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020, il-FEŻ kien l-istrument ewlieni li jipprovdi l-għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"AKP") u lill-Pajjiżi u t-Territorji Ekstra-Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"PTEE"). Madankollu, mill-2021 'il quddiem il-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tal-AKP u l-PTEE hija ffinanzjata mill-baġit tal-UE.

Il-FEŻ mhuwiex iffinanzjat mill-baġit tal-UE. Dan ġie stabbilit permezz ta' Ftehim Intern tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, imlaqqa' fil-Kunsill, u ġestit minn kumitat speċifiku. Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Kummissjoni") hija responsabbli għall-implimentazzjoni finanzjarja tal-operazzjonijiet imwettqa bir-riżorsi tal-FEŻ. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"BEI") jiġġestixxi l-Faċilità ta' Investiment.

Kull FEŻ jiġi konkluż għal perjodu ta' madwar ħames snin u jkun irregolat bir-Regolament Finanzjarju tiegħu stess, li jirrikjedi t-tħejjija ta' rapporti finanzjarji speċifiċi. Barra minn hekk, dawn ir-rapporti finanzjarji jiġu aggregati sabiex jipprovdu ħarsa globali lejn is-sitwazzjoni finanzjarja tar-riżorsi li għalihom hija responsabbli l-Kummissjoni.

Il-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ ġie ffirmat mill-Istati Membri parteċipanti, li ltaqgħu fil-Kunsill, f'Ġunju 2013[1]. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015.

Fl-2018 il-Kunsill adotta r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ[2]. Dan it-test il-ġdid ħassar ir-regolament preċedenti u huwa applikabbli għall-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEŻ preċedenti mingħajr preġudizzju għall-impenji legali eżistenti. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-Faċilità ta' Investiment taħt il-FEŻ preċedenti.

Fi ħdan il-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, il-Faċilità ta' Investiment ġiet stabbilita, ġestita mill-BEI, u użata sabiex tappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat fl-Istati AKP billi essenzjalment tiffinanzja – iżda mhux esklussivament – l-investimenti privati. Il-Faċilità hija maħsuba bħala fond rinnovabbli, sabiex il-ħlas lura tas-self ikun jista' jiġi investit mill-ġdid f'operazzjonijiet oħrajn, bir-riżultat li l-faċilità tirrinova lilha nnifisha u tkun finanzjarjament indipendenti. Billi l-Faċilità ta' Investiment mhijiex ġestita mill-Kummissjoni, hija ma tiġix ikkonsolidata fl-ewwel parti tal-kontijiet annwali – ir-rapporti finanzjarji tal-FEŻ u r-rapport relatat dwar l-implimentazzjoni finanzjarja. Ir-rapporti finanzjarji tal-Faċilità ta' Investiment li tħejjew mill-BEI jinsabu inklużi bħala parti separata mill-kontijiet annwali (il-parti II) sabiex jipprovdu stampa sħiħa tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-FEŻ.

[1] ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
2 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323

2. KIF JIĠI FFINANZJAT IL-FEŻ?

Il-Kunsill tal-2 ta' Diċembru 2013 adotta r-Regolament 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014–2020. F'dan il-kuntest, ġie deċiż li l-kooperazzjoni ġeografika mal-Istati AKP ma tiġix integrata fil-baġit tal-UE, iżda tkompli tkun iffinanzjata permezz tal-FEŻ intergovernattiv eżistenti.

Il-baġit tal-UE huwa annwali u skont il-prinċipju baġitarju tal-annwalità, in-nefqa u d-dħul huma maħsuba u awtorizzati għal sena waħda. Għall-kuntrarju tal-baġit tal-UE, il-FEŻ huwa fond li jopera abbażi tal-pluriennalità. Kull FEŻ jistabbilixxi fond kumplessiv biex jimplimenta l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ġeneralment, matul perjodu ta' ħames snin. Billi r-riżorsi jiġu allokati fuq bażi pluriennali, il-fondi allokati jistgħu jintużaw matul il-perjodu tal-FEŻ. In-nuqqas tal-annwalità tal-baġit huwa enfasizzat fir-rapportar baġitarju, fejn l-implimentazzjoni baġitarja ta' kull FEŻ titkejjel fl-isfond tal-fondi totali.

Ir-riżorsi tal-FEŻ huma kontribuzzjonijiet "ad hoc" mill-Istati Membri tal-UE. Kważi kull ħames snin, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ltaqgħu fil-livell intergovernattiv u ddeċidew dwar l-ammont kumplessiv li se jiġi allokat lill-fond u sabiex jissorveljaw l-implimentazzjoni tiegħu.

Il-Kummissjoni tiġġestixxi l-fond f'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Billi l-Istati Membri għandhom il-politiki tagħhom stess dwar l-iżvilupp u l-għajnuna, b'mod parallel mal-politika tal-Unjoni, l-Istati Membri jridu jikkoordinaw il-politiki tagħhom mal-UE biex jiżguraw li dawn ikunu komplimentari.

Minbarra l-kontribuzzjonijiet imsemmija hawn fuq, huwa possibbli wkoll għall-Istati Membri li jidħlu f'arranġamenti ta' ko-finanzjament jew li jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji lill-FEŻ.

3. ATTIVITAJIET TAL-FEŻ WARA L-31 TA' DIĊEMBRU 2020

It-8 u d-9a' FEŻ ingħalqu fl-2021. Filwaqt li l-kuntratti kollha taħt it-8 FEŻ huma magħluqa, fil-prinċipju 19-il kuntratt miftuħ taħt id-9a' FEŻ jenħtieġ li jagħlqu sal-2024.

Il-11-il FEŻ laħaq l-istadju finali tiegħu hekk kif il-klawżola ta' estinzjoni daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020. Din il-klawżola tistabbilixxi data limitu għall-impenji li jfisser li mill-2021 ma jista' jiġi ffirmat l-ebda ftehim ta' finanzjament ulterjuri taħt il-11-il FEŻ. Madankollu, kuntratti speċifiċi għall-ftehimiet ta' finanzjament eżistenti se jibqgħu jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2023 (u anki wara dan għall-awditjar u l-evalwazzjoni). Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-proġett li għaddejjin iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp se jkomplu sakemm jitlestew finalment.

Fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 ta' bħalissa, il-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi AKP hija integrata fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni u għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali. Bl-istess mod, il-kooperazzjoni mal-PTEE issa hija koperta mid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea (OAD). Dan ifisser li filwaqt li sal-2021 il-programmi tal-FEŻ kienu ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri tal-UE, mill-2021 il-programmi ta' żvilupp se jiġu ffinanzjati permezz tal-baġit tal-UE. Dan jimplika wkoll li l-finanzjament tal-programmi ta' żvilupp huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u li t-tranżazzjonijiet ikollhom jikkonformaw mar-regolamenti finanzjarji tal-UE bl-istess mod bħal programmi oħra iffinanzjati mill-UE.

4. IR-RAPPORTAR FI TMIEM IS-SENA

4.1. KONTIJIET ANNWALI

F'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ, ir-rapporti finanzjarji tal-FEŻ jitħejjew fuq il-bażi tar-regoli dwar il-kontabbiltà bbażati fuq id-dovuti li minnhom infushom huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS). Dawn ir-regoli tal-kontabbiltà adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni huma applikati mill-Istituzzjonijiet u mill-korpi kollha tal-UE sabiex tiġi stabbilita ġabra ta' regoli uniformi għall-kontabbiltà, il-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bl-għan li jiġi armonizzat il-proċess għat-tfassil tar-rapporti finanzjarji. Dawn

ir-regoli kontabilistiċi tal-UE jiġu applikati wkoll mill-FEŻ, filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-attivitajiet tiegħu.

It-tħejjija tal-kontijiet annwali tal-FEŻ hija fdata lill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, li huwa l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-FEŻ. Dan l-uffiċjal jiżgura li l-kontijiet annwali tal-FEŻ jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ.

Il-kontijiet annwali jiġu ppreżentati kif ġej:

Parti I: Fondi ġestiti mill-Kummissjoni

(i) Rapporti finanzjarji u noti ta' spjegazzjoni tal-FEŻ

(ii) Rapporti finanzjarji tal-fondi fiduċjarji tal-UE kkonsolidati fil-FEŻ

(iii) Rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-FEŻ u tal-fondi fiduċjarji tal-UE

(iv) Rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-FEŻ

Parti II: Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni - Fondi ġestiti mill-BEI

(i) Rapporti finanzjarji tal-Faċilità ta' Investiment

Il-parti "Rapporti finanzjarji tal-fondi fiduċjarji Ewropej ikkonsolidati fil-FEŻ" tinkludi r-rapporti finanzjarji taż-żewġ fondi fiduċjarji maħluqin skont il-FEŻ: Il-Fond Fiduċjarju Ewropew ta' Bêkou (ara t-taqsima "Rapporti finanzjarji tal-Fond Fiduċjarju Ewropew ta' Bêkou") u l-Fond Fiduċjarju Ewropew tal-UE għall-Afrika (ara t-taqsima "Rapporti finanzjarji tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika"). Ir-rapporti finanzjarji individwali tal-fondi fiduċjarji jitħejjew taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni u huma soġġetti għal awditjar estern imwettaq minn awditur privat. Iċ-ċifri tal-fondi fiduċjarji inklużi f'dawn il-kontijiet annwali huma proviżorji.

Il-kontijiet annwali tal-FEŻ iridu jiġu adottati mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara d-data tal-karta tal-bilanċ u ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-kwittanza.

5. AWDITJAR U KWITTANZA

5.1. AWDITJAR

Il-kontijiet annwali tal-FEŻ jiġu awditjati mill-awditur estern tiegħu, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"QEA"), li tfassal rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill.

5.2. KWITTANZA

Il-kontroll finali tal-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ għal sena finanzjarja partikolari jkun il-kwittanza. Wara l-awditjar u l-finalizzazzjoni tal-kontijiet annwali, ikun imiss lill-Kunsill li jirrakkomanda u mbagħad lill-Parlament Ewropew li jiddeċiedi jekk jagħtux il-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ għal sena finanzjarja partikolari. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq rieżami tal-kontijiet u fuq ir-rapport annwali tal-QEA (li jinkludi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni uffiċjali) u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet u għal aktar talbiet għall-informazzjoni mill-awtorità tal-kwittanza.

AVVENIMENTI EWLENIN TAL-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA 2022



* Ammont nett, l-10 u l-11-il FEŻ biss

Implimentazzjoni tal-baġit

FL-2022 l-implimentazzjoni finanzjarja għall-10 u l-11-il FEŻ (impenji individwali: Ammont ta' EUR 853 miljun u pagamenti ta' EUR 2 386 miljun) kienu kkaratterizzati mid-deċiżjoni tal-Kunsill[3] li jerġa' juża EUR 600 miljun ta' fondi diżimpenjati mill-10 u l-11 FEŻ.

Id-Deċiżjoni ġiet adottata mill-Kunsill sabiex jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi tal-AKP wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'mod partikolari, il-fondi se jiffinanzjaw azzjonijiet li jipprovdu appoġġ sa EUR 350 miljun għall-produzzjoni tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, sa EUR 100 miljun għall-appoġġ makroekonomiku u sa EUR 150 miljun għall-assistenza umanitarja.

L-ammont totali tal-pagamenti gross għall-FEŻ kollha (EUR 2 452 miljun) jirrappreżenta 98,1 % tal-mira ta' EUR 2 500 miljun ikkomunikata lill-Istati Membri.

Impatt tal-attivitajiet fir-rapporti finanzjarji

Fir-rapporti finanzjarji, l-impatt tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq jinħass l-aktar meta wieħed iħares lejn:

- Prefinanzjament (ara n-nota **2.2**): tnaqqis ta' EUR 239 miljun l-aktar bħala riżultat ta' tnaqqis fl-għadd ta' avvanzi mħallsa minħabba t-tnaqqis fl-għadd ta' kuntratti li ġew ffirmati (EUR 2 118 miljun fl-2021 meta mqabbel ma' EUR 853 miljun fl-2022). Konsegwenza ta' dan, il-flus u l-ekwivalenti ta' flus żdiedu b'EUR 34 miljun bħala riżultat ta' dan it-tnaqqis fil-prefinanzjament u pagamenti oħra (ara n-nota **2.5**);

- Imposti Dovuti (ara n-nota **2.8**): żieda ta' EUR 123 miljun bħala riżultat taż-żieda fin-numru ta' kuntratti miftuħin fi tmiem is-sena li għalihom ma ġiet ivvalidata l-ebda talba għall-kostijiet sa tmiem is-sena u għaldaqstant kellha ssir stima tan-nefqa;

- Spejjeż operatorji (ara n-nota **3.4**): tnaqqis ġenerali fl-ispejjeż operatorji ta' EUR 74 miljun prinċipalment bħala riżultat tal-istralċ tal-Fondi Fiduċjarji li rriżulta fi tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż tagħhom. Minkejja dan, l-ispejjeż relatati mal-għajnuna ta'

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/1223

emerġenza żdiedu hekk kif il-fondi diżimpenjati mill-10 u l-11-il FEŻ reġgħu ntużaw fil-ġlieda kontra l-effetti negattivi tal-gwerra Russa kontra l-Ukrajna.

IL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP
SENA FINANZJARJA 2022

FONDI ĠESTITI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

KONTENUT

FINANCIAL STATEMENTS OF THE EDF 9
EDF BALANCE SHEET 10
EDF STATEMENT OF FINANCIAL PERFORMANCE 11
EDF CASHFLOW STATEMENT 12
EDF STATEMENT OF CHANGES IN NET ASSETS 13
BALANCE SHEET BY EDF 14
STATEMENT OF FINANCIAL PERFORMANCE BY EDF 16
STATEMENT OF CHANGES IN NET ASSETS BY EDF 17
NOTES TO THE FINANCIAL STATEMENTS OF THE EDF 19
FINANCIAL STATEMENTS OF THE EU TRUST FUNDS CONSOLIDATED IN EDF 52
FINANCIAL STATEMENTS OF THE BÊKOU EU TRUST FUND 2022 53
BALANCE SHEET 58
STATEMENT OF FINANCIAL PERFORMANCE 59
CASHFLOW STATEMENT 60
FINANCIAL STATEMENTS OF THE EUTF AFRICA 2022 61
BALANCE SHEET 67
STATEMENT OF FINANCIAL PERFORMANCE 68
CASHFLOW STATEMENT 69
CONSOLIDATED FINANCIAL STATEMENTS OF THE EDF AND THE EU TRUST FUNDS . 70
CONSOLIDATED BALANCE SHEET 71
CONSOLIDATED STATEMENT OF FINANCIAL PERFORMANCE 72
CONSOLIDATED CASH FLOW STATEMENT 73
CONSOLIDATED STATEMENT OF CHANGES IN NET ASSETS 74
EDF REPORT ON FINANCIAL IMPLEMENTATION 75

RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ

Għandu jiġi nnotat li minħabba l-ittondjar taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, xi data finanzjarja fit-tabelli t'hawn taħt tista' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

IL-KARTA TAL-BILANĊ TAL-FEŻ

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2022	31.12.2021
ASSI MHUX KURRENTI			
Assi finanzjarji	2.1	*67*	*39*
Prefinanzjament	2.2	*488*	*671*
Kontribuzzjonijiet għall-Fond Fiduċjarju	2.3	*254*	*382*
Riċevibbli ta' skambju	2.4	*7*	*4*
		816	**1 096**
ASSI KURRENTI			
Assi Finanzjarji	2.1	*3*	–
Prefinanzjament	2.2	*1 396*	*1 453*
Ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' skambju u	2.4	*27*	*35*
Flus u ekwivalenti tal-flus	2.5	*1 027*	*994*
		2 454	**2 481**
ASSI TOTALI		**3 270**	**3 577**
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI			
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2.6	*(7)*	*(7)*
		(7)	**(7)**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Ammonti pagabbli	2.7	*(426)*	*(501)*
Imposti dovuti	2.8	*(1 131)*	*(1 008)*
		(1 558)	**(1 509)**
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**(1 565)**	**(1 516)**
ASSI NETTI		**1 705**	**2 061**
FONDI U RIŻERVI			
Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi	2.9	*65 100*	*62 643*
Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati	2.9	*2 252*	*2 252*
Riżultat ekonomiku riportat mis-snin preċedenti		*(62 834)*	*(59 860)*
Riżultat ekonomiku tas-sena		*(2 813)*	*(2 974)*
ASSI NETTI		**1 705**	**2 061**

IR-RAPPORT TAL-INTROJTU TAL-FEŻ

Miljuni ta' EUR

	Nota	2022	2021
DĦUL			
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju			
Attivitajiet ta' rkupru	3,1	*18*	*27*
		18	**27**
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju			
Dħul finanzjarju	3,2	*2*	*(26)*
Dħul ieħor	3.2	*77*	*74*
		80	**48**
Dħul totali		**98**	**75**
SPEJJEŻ			
Implimentati minn entitajiet oħrajn	3.3	*(1)*	–
Strumenti tal-għajnuna	3.4	*(2 789)*	*(2 864)*
Kofinanzjament tal-ispejjeż	3.5	*4*	*(19)*
Kostijiet tal-finanzjament	3.6	*(6)*	*(20)*
Spejjeż oħrajn	3.7	*(119)*	*(145)*
Spejjeż Totali		**(2 911)**	**(3 049)**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		**(2 813)**	**(2 974)**

RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS TAL-FEŻ

Miljuni ta' EUR

	Nota	2022	2021
Riżultat ekonomiku tas-sena		*(2 813)*	*(2 974)*
Attivitajiet operazzjonali			
Żieda kapitali – kontribuzzjonijiet (netti)		*2 458*	*3 657*
(Żieda)/tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji		*128*	*12*
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament		*239*	*101*
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli ta' skambju u fir-rekuperabbli mhux ta' skambju		*5*	*105*
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti		*1*	*–*
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji		*(1)*	*5*
Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli		*(75)*	*(114)*
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit		*123*	*(519)*
Movimenti oħrajn mhux ta' flus		*–*	*–*
Attivitajiet ta' investiment			
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji mhux derivattivi fuq il-bażi tal-valur ġust		*(31)*	*(7)*
FLUSS TAL-FLUS NETT		**34**	**266**
Żieda netta/(tnaqqis nett) fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus		*34*	*266*
Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena	2.5	*994*	*728*
Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena	2.5	*1 027*	*994*

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI MILL-FEŻ

Miljuni ta' EUR

	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux ezerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A)-(B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	Riżerva ta' valur ġust (F)	Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)+(F)
BILANĊ FIL-31.12.2020	**73 041**	**14 055**	**58 986**	**(59 854)**	**2 252**	**(5)**	**1 379**
L-impatt ta' EAR 11 riveduta				*(5)*		*5*	
BILANĊ FL-01.01.2021	**73 041**	**14 055**	**58 986**	**(59 860)**	**2 252**	**–**	**1 379**
Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet	*(43)*	*(3 700)*	*3 657*	*–*	*–*		*3 657*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*–*	*–*	*–*	*(2 974)*	*–*		*(2 974)*
BILANĊ FIL-31.12.2021	**72 998**	**10 355**	**62 643**	**(62 834)**	**2 252**	**–**	**2 061**
Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet	*(43)*	*(2 500)*	*2 457*	*–*	*–*		*2 457*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*–*	*–*	*–*	*(2 813)*	*–*		*(2 813)*
BILANĊ FIL-31.12.2022	**72 955**	**7 855**	**65 100**	**(65 647)**	**2 252**	**–**	**1 705**

KARTA TAL-BILANĊ TAL-FEŻ

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2022 It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	Total	31.12.2021 It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	Total
ASSI MHUX KURRENTI											
Assi finanzjarji	2.1	–	–	*(1)*	*67*	*67*	–	–	*(2)*	*41*	*39*
Prefinanzjament	2.2	–	–	*221*	*267*	*488*	–	–	*219*	*452*	*671*
Kontribuzzjonijiet għall-Fond Fiduċjarju	2.3	–	*31*	*9*	*213*	*254*	–	*31*	*9*	*341*	*382*
Riċevibbli ta' skambju	2.4	–	–	–	*7*	*7*	–	–	–	*4*	*4*
		–	**31**	**229**	**555**	**816**	**–**	**31**	**226**	**839**	**1 096**
ASSI KURRENTI											
Assi Finanzjarji	*2.1*	–	–	–	*3*	*3*	–	–	–	–	–
Prefinanzjament	2.2	–	*14*	*427*	*954*	*1 396*	–	*14*	*353*	*1 085*	*1 453*
Ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' skambju u ammonti rekuperabbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	2.4	–	–	*10*	*16*	*27*	*180*	*(314)*	*1 296*	*(1 127)*	*35*
Kontijiet inter-FEŻ		*180*	*(369)*	*803*	*(612)*	–	*181*	*(316)*	*1 279*	*(1 144)*	–
Flus u ekwivalenti tal-flus	2.5	–	–	–	*1 027*	*1 027*	–	–	–	*994*	*994*
		180	**(355)**	**1 240**	**1 389**	**2 454**	**361**	**(615)**	**2 928**	**(192)**	**2 481**
ASSI TOTALI		**180**	**(324)**	**1 469**	**1 945**	**3 270**	**361**	**(584)**	**3 154**	**646**	**3 577**
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI											
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2.6	–	–	–	*(7)*	*(7)*	–	–	–	*(7)*	*(7)*
		–	**–**	**–**	**(7)**	**(7)**	**–**	**–**	**–**	**(7)**	**(7)**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI						–					
Ammonti pagabbli	2.7	–	–	*(34)*	*(391)*	*(426)*	–	–	*(27)*	*(473)*	*(501)*
Imposti dovuti	2.8	–	*(7)*	*(119)*	*(1 006)*	*(1 131)*	–	*(6)*	*(110)*	*(892)*	*(1 008)*
		–	**(7)**	**(153)**	**(1 397)**	**(1 558)**	**–**	**(6)**	**(138)**	**(1 365)**	**(1 509)**
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**–**	**(7)**	**(153)**	**(1 404)**	**(1 565)**	**–**	**(6)**	**(138)**	**(1 372)**	**(1 516)**
						–					
ASSI NETTI		**180**	**(331)**	**1 315**	**541**	**1 705**	**361**	**(591)**	**3 016**	**(725)**	**2 061**

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2022 It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	Total	31.12.2021 It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	Total
Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi	2.9	*12 164*	*10 450*	*20 960*	*21 527*	*65 100*	*12 164*	*10 492*	*20 960*	*19 027*	*62 643*
Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati	2.9	*627*	*1 625*	*–*	*–*	*2 252*	*627*	*1 625*	*–*	*–*	*2 252*
Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi	2.9	*(2 513)*	*2 010*	*(38)*	*541*	*–*	*(2 512)*	*2 018*	*101*	*394*	*-*
Riżultat ekonomiku riportat mis-snin preċedenti		*(10 098)*	*(14 410)*	*(19 325)*	*(19 001)*	*(62 834)*	*(10 098)*	*(14 404)*	*(19 065)*	*(16 293)*	*(59 860)*
Riżultat ekonomiku tas-sena		*–*	*(6)*	*(282)*	*(2 526)*	*(2 813)*	*(1)*	*(6)*	*(260)*	*(2 708)*	*(2 974)*
ASSI NETTI		**180**	**(331)**	**1 315**	**541**	**1 705**	**180**	**(274)**	**1 737**	**419**	**2 061**

RAPPORT TAL-INTROJTU MILL-FEŻ

Miljuni ta' EUR

	Nota	2022 It-	Id-	L-10ar	Il-11-	Total	2021 It-	Id-	L-10ar	Il-11-	Total
DĦUL											
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta'											
Attivitajiet ta' rkupru	3.1	–	*(1)*	*(8)*	*28*	*18*	–	–	*1*	*26*	*27*
		–	**(1)**	**(8)**	**28**	**18**	**–**	**–**	**1**	**26**	**27**
Dħul minn tranżazzjonijiet ta'											
Dħul finanzjarju	3.2	–	–	*2*	*1*	*2*	–	–	*(22)*	*(4)*	*(26)*
Dħul ieħor	3.2	–	*3*	*8*	*66*	*77*	–	*5*	*14*	*55*	*74*
		–	**3**	**10**	**67**	**80**	**–**	**5**	**(8)**	**51**	**48**
Dħul totali		**–**	**1**	**2**	**94**	**98**	**–**	**5**	**(7)**	**78**	**75**
SPEJJEŻ											
Implimentati minn entitajiet oħrajn	3.3	–	–	–	*(1)*	*(1)*	–	–	–	–	–
Strumenti tal-għajnuna	3.4	–	*(5)*	*(295)*	*(2 489)*	*(2 789)*	–	*(7)*	*(214)*	*(2 644)*	*(2 864)*
Kofinanzjament tal-ispejjeż	3.5	–	–	*22*	*(18)*	*4*	–	–	*(0)*	*(19)*	*(19)*
Kostijiet tal-finanzjament	3.6	*1*	*2*	*(3)*	*(5)*	*(6)*	–	*7*	*(23)*	*(3)*	*(20)*
Spejjeż oħrajn	3.7	-	*(5)*	*(8)*	*(107)*	*(119)*	–	*(11)*	*(16)*	*(119)*	*(145)*
Spejjeż totali		**1**	**(7)**	**(284)**	**(2 620)**	**(2 911)**	**–**	**(12)**	**(252)**	**(2 785)**	**(3 049)**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		**1**	**(6)**	**(282)**	**(2 526)**	**(2 813)**	**-**	**(8)**	**(259)**	**(2 708)**	**(2 974)**

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI MILL-FEŻ

Miljuni ta' EUR

It-Tmien FEŻ	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A)-(B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	Trasferiment i ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi (F)	Assi Netti Totali (C)+(D)+(E) +(F)
BILANĊ FIL-31.12.2020	**12 164**	**–**	**12 164**	**(10 098)**	**627**	**(2 512)**	**181**
Trasferimenti lejn/mill-10ar FEŻ			–			–	–
BILANĊ FIL-31.12.2021	**12 164**	**–**	**12 164**	**(10 098)**	**627**	**(2 512)**	**181**
Trasferimenti lejn/mill-għaxar FEŻ			–			*(1)*	*(1)*
BILANĊ FIL-31.12.2022	**12 164**	**–**	**12 164**	**(10 098)**	**627**	**(2 513)**	**180**

Miljuni ta' EUR

Id-Disa' FEŻ	Kapital tal-	Fondi mhux	Kapital tal-fond	Riżervi	Kapital tal-	Trasferimenti	Assi Netti
BILANĊ FIL-31.12.2020	**10 550**	**15**	**10 535**	**(14 404)**	**1 625**	**2 041**	**(203)**
Trasferimenti lejn/mill-10ar FEŻ		–	–				–
Trasferimenti lejn/mill-10ar FEŻ			–			*(23)*	*(23)*
Rifużjoni lill-Istati Membri	*(43)*		*(43)*				*(43)*
Riżultat ekonomiku tas-sena			–	*(6)*			*(6)*
BILANĊ FIL-31.12.2021	**10 507**	**15**	**10 492**	**(14 410)**	**1 625**	**2 018**	**(274)**
Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet		–	–				–
Trasferimenti lejn/mill-10ar FEŻ			–			*(8)*	*(8)*
Rifużjoni lill-Istati Membri	*(43)*		*(43)*				*(43)*
Riżultat ekonomiku tas-sena			–	*(6)*		–	*(6)*
BILANĊ FIL-31.12.2022	**10 464**	**15**	**10 450**	**(14 416)**	**1 625**	**2 010**	**(331)**

Miljuni ta' EUR

L-10ar FEŻ	Kapital tal-	Fondi mhux	Kapital tal-	Riżervi	Kapital tal-fond	Riżerva ta' valur	Assi Netti
BILANĊ FIL-31.12.2020	**20 960**	**–**	**20 960**	**(19 063)**	**188**	**(2)**	**2 084**
L-impatt ta' EAR 11 riveduta				*(2)*		*2*	*–*
BILANĊ FL-01.01.2021	**20 960**	**–**	**20 960**	**(19 065)**	**188**	**–**	**2 084**
Trasferimenti lejn/mit-Tmien u d-			*–*		*23*		*23*
Trasferimenti lejn/mill-11-il FEŻ			*–*		*(110)*		*(110)*
Riżultat ekonomiku tas-sena			*–*	*(260)*			*(260)*
BILANĊ FIL-31.12.2021	**20 960**	**–**	**20 960**	**(19 324)**	**101**	**–**	**1 737**
Trasferimenti lejn/mit-Tmien u d-			*–*		*9*		*9*
Trasferimenti lejn/mill-11-il FEŻ			*–*		*(148)*		*(148)*
Riżultat ekonomiku tas-sena			*–*	*(282)*			*(282)*
BILANĊ FIL-31.12.2022	**20 960**	**–**	**20 960**	**(19 606)**	**(38)**	**–**	**1 315**

Miljuni ta' EUR

Il-11-il FEŻ	Kapital tal-	Fondi mhux	Kapital tal-	Riżervi	Kapital tal-	Trasferiment	Riżerva ta'	Assi Netti
BILANĊ FIL-31.12.2020	**29 367**	**14 040**	**15 327**	**(16 290)**	**–**	**283**	**(4)**	**(683)**
L-impatt ta' EAR 11 riveduta				*(4)*			*4*	*-*
BILANĊ FL-01.01.2021	**29 367**	**14 040**	**15 327**	**(16 294)**	**–**	**283**	**-**	**(683)**
Żieda fil-kapital -		*(3 700)*	*3 700*			*110*		*3 810*
Riżultat ekonomiku tas-sena			*–*	*(2 708)*		*–*		*(2 708)*
BILANĊ FIL-31.12.2021	**29 367**	**10 340**	**19 027**	**(19 002)**	**–**	**394**	**–**	**419**
Żieda fil-kapital -		*(2 500)*	*2 500*			*148*		*2 648*
Riżultat ekonomiku tas-sena			*–*	*(2 526)*		*–*		*(2 526)*
BILANĊ FIL-31.12.2022	**29 367**	**7 840**	**21 527**	**(21 528)**	**–**	**541**	**–**	**541**

NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ

Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx fl-għadd finali

1. POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI

1.1. IL-PRINĊIPJI KONTABILISTIĊI

L-objettiv tar-rapporti finanzjarji huwa li jipprovdu informazzjoni li tkun utli għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati dwar il-pożizzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni u l-flussi tal-flus ta' entità.

Il-kunsiderazzjonijiet kumplessivi (jew il-prinċipji kontabilistiċi) li għandhom jiġu segwiti meta jitħejjew ir-rapporti finanzjarji huma stipulati fir-regola kontabilistika 1 tal-UE "Rapporti Finanzjarji" u huma l-istess bħal dawk deskritti fl-IPSAS 1: preżentazzjoni ġusta, bażi tad-dovuti, negozju avvjat, konsistenza tal-preżentazzjoni, materjalità, aggregazzjoni, tpaċija u informazzjoni komparattiva. Il-karatteristiċi kwalitattivi tar-rapportar finanzjarju huma r-rilevanza, ir-rappreżentazzjoni fidila (l-affidabbiltà), il-komprensibbiltà, il-puntwalità, il-komparabbiltà u l-verifikabbiltà.

1.2. IL-BAŻI TAT-TĦEJJIJA

1.2.1. Perjodu ta' rappurtar

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull sena. Is-sena kontabilistika tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.

1.2.2. Il-munita u l-bażi għall-konverżjoni

Il-kontijiet annwali huma ppreżentati f'euro, billi l-euro hija l-munita funzjonali tal-FEŻ. It-tranżazzjonijiet f'muniti barranin jiġu kkonvertiti f'euro bir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Il-qligħ u t-telf tal-kambju li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet f'muniti barranin u mill-konverżjoni mill-ġdid skont ir-rati tal-kambju fi tmiem is-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin huma rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Japplikaw metodi ta' konverżjoni differenti għal proprjetà, impjanti u tagħmir u assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro fid-data meta jkunu nxtraw.

Il-bilanċi fl-aħħar tas-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin huma kkonvertiti f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li japplikaw fil-31 ta' Diċembru.

Ir-rati tal-kambju tal-euro

Valuta	31.12.2022	31.12.2021	Valuta	31.12.2022	31.12.2021
BGN	**1,9558**	1,9558	**PLN**	**4,6808**	4,5969
CZK	**24,1160**	26,8580	**RON**	**4,9495**	4,9490
DKK	**7,4365**	7,4364	**SEK**	**11,1218**	10,2503
GBP	**0,88693**	0,84028	**CHF**	**0,9847**	1,0331
HRK	**7,5345**	7,5156	**JPY**	**140,6600**	130,3800
HUF	**400,8700**	369,1900	**USD**	**1,0666**	1,1326

1.2.3. Użu ta' stimi

F'konformità mal-IPSAS u mal-prinċipji kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali, ir-rapporti finanzjarji bilfors iridu jinkludu ammonti bbażati fuq estimi u suppożizzjonijiet mill-maniġment ibbażati fuq l-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. L-istimi sinifikanti jinkludu, iżda ma humiex limitati għal: ammonti għal obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati, riskju finanzjarju ta' kontijiet riċevibbli u l-ammonti żvelati fin-noti li jikkonċernaw strumenti finanzjarji, provvediment għal indeboliment għal assi finanzjarji b'kost amortizzat u għal obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji, dħul u ħlasijiet dovuti, provvedimenti, grad ta' indeboliment ta' assi intanġibbli u ta' proprjetà, ta' impjant u ta' tagħmir, valur

nett realizzabbli ta' inventarji, assi u obbligazzjonijiet kontinġenti. Ir-riżultati attwali jistgħu jkunu differenti minn dawk l-istimi.

L-istimi raġonevoli huma parti essenzjali mit-tħejjija ta' rapporti finanzjarji u ma jdgħajfux l-affidabilità tagħhom. Stima tista' tkun teħtieġ reviżjoni jekk iseħħu bidliet fiċ-ċirkostanzi li fuqhom kienet ibbażata l-istima jew bħala riżultat ta' informazzjoni ġdida jew aktar esperjenza. Min-natura tagħha, reviżjoni ta' stima ma tirrelatax ma' perjodi preċedenti u mhijiex korrezzjoni ta' żbalji. L-effett ta' bidla fl-istima kontabilistika għandu jiġi rikonoxxut fl-eċċess jew fid-defiċit fil-perjodi meta ssir magħrufa tali bidla.

1.2.4. L-applikazzjoni ta' Regoli Kontabilistiċi tal-Unjoni Ewropea (EAR, European Union Accounting Rules) ġodda u riveduti

EAR ġodda li huma effettivi għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara

Ma daħlet fis-seħħ ebda EAR ġdida għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara.

EAR ġodda adottati iżda li kienu għadhom ma japplikawx fil-31 ta' Diċembru 2022

Ma ġiet adottata l-ebda EAR ġdida matul l-2022.

1.3. KARTA BILANĊJALI

1.3.1. Assi finanzjarji

Klassifikazzjoni mar-rikonoxximent inizjali

Il-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji hija ddeterminata fir-rikonoxximent inizjali. Fuq il-bażi tal-mudell ta' ġestjoni u l-karatteristiċi kuntrattwali tal-flussi ta' flus ta' dawk l-assi, l-assi finanzjarji jistgħu jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji: Assi finanzjarji b'kost amortizzat (amortised cost, "AC"), assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti (fair value through net assets/equity, "FVNA"), jew assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (fair value through surplus or deficit, "FVSD").

(i) Assi finanzjarji fil-kost amortizzat

L-assi finanzjarji b'kost amortizzat huma assi finanzjarji mhux derivattivi li jissodisfaw żewġ kundizzjonijiet: (1) L-entità żżommhom sabiex tiġbor il-flussi tal-flus kuntrattwali. (2) F'jiem speċifikati, hemm flussi tal-fluss kuntrattwali li huma sempliċement ħlasijiet tal-kapital u l-imgħax fuq il-kapital pendenti.

Din il-kategorija tinkludi:

- Flus u ekwivalenti ta' flus;
- Self (inklużi depożiti b'terminu b'maturità oriġinali ta' aktar minn tliet xhur);
- Riċevibbli ta' skambju

Assi finanzjarji b'kost amortizzat huma inklużi fl-assi kurrenti, ħlief għal dawk b'maturità ta' aktar minn 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

(ii) Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti

Dawn l-assi finanzjarji mhux derivattivi għandhom flussi tal-flus kuntrattwali li jirrappreżentaw biss il-kapital u l-imgħax fuq il-kapital pendenti. Barra minn hekk, il-mudell ta' ġestjoni huwa li jinżammu l-assi finanzjarji kemm sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali kif ukoll biex jinbiegħu l-assi finanzjarji.

L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti, jekk ikunu mistennijin li jiġu rrealizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

L-entità ma żżommx dawn l-assi fil-31 ta' Diċembru 2021.

(iii) Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit

L-entità tikklassifika d-derivattivi u l-investimenti ta' ekwità bħala FVSD minħabba li l-flussi tal-flus kuntrattwali ma jirrappreżentawx biss il-kapital u l-imgħax fuq il-kapital.

Barra minn hekk, l-entità tikklassifika t-titoli ta' dejn li żżomm bħala FVSD minħabba li l-portafolli ta' titoli ta' dejn huma ġestiti u evalwati fuq bażi ta' valur ġust tal-portafoll.

L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti, jekk ikunu mistennijin li jiġu rrealizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

Rikonoxximent u kejl inizjali

Ix-xiri ta' assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit jiġu rikonoxxuti fid-data tan-negozju – id-data li fiha l-entità timpenja ruħha li tixtri jew tbigħ l-assi. L-ekwivalenti ta' flus u s-self jiġu rrikonoxxuti meta l-flus kontanti jiġu ddepożitati f'istituzzjoni finanzjarja jew avvanzati lill-mutwatarji.

Inizjalment, l-assi finanzjarji jitkejlu abbażi tal-valur ġust. Għall-assi finanzjarji kollha mhux riportati fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jiżdiedu mal-valur ġust fir-rikonoxximent inizjali. Għall-assi finanzjarji riportati abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jiġu ddebitati fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Il-valur ġust ta' ass finanzjarju mar-rikonoxximent inizjali normalment ikun il-prezz tat-tranżazzjoni sakemm it-tranżazzjoni ma tkunx distakkata, jiġifieri mingħajr korrispettiv jew b'korrispettiv nominali għal finijiet ta' ordni pubbliku. F'dan il-każ, id-differenza bejn il-valur ġust tal-istrument finanzjarju u l-prezz tat-tranżazzjoni tkun komponent mhux ta' skambju li jiġi rrikonoxxut bħala spiża fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. F'dan il-każ, il-valur ġust ta' ass finanzjarju jiġi dderivat minn tranżazzjonijiet kurrenti tas-suq għal strument direttament ekwivalenti. Jekk ma jkun hemm l-ebda suq attiv għall-istrument, il-valur ġust jiġi dderivat minn teknika ta' valwazzjoni li tuża d-data disponibbli mis-swieq osservabbli.

Kejl sussegwenti

L-assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat sussegwentement jitkejlu fuq il-bażi tal-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv.

L-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit sussegwentement jitkejlu abbażi tal-valur ġust. Il-qligħ u t-telf minn bidliet fil-valur ġust (inklużi dawk li jirriżultaw mill-qlib tal-valuta barranija u kwalunkwe mgħax miksub) jiġu inklużi fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja fil-perjodu meta jseħħu.

Valur ġust fil-kejl sussegwenti

Il-valuri ġusti tal-investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti tal-offerti. Jekk is-suq għal ass finanzjarju ma jkunx attiv (u għal titoli mhux ikkwotati u derivattivi barra l-Borża), l-UE tistabbilixxi valur ġust billi tuża tekniki ta' valwazzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet distakkati reċenti, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-flussi tal-flus skontati, mudelli tal-ipprezzar tal-opzjonijiet u tekniki ta' valwazzjoni oħrajn li jintużaw b'mod komuni mill-parteċipanti tas-suq.

L-investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju li ma għandhomx prezz ikkwotat f'suq attiv, jiġu stmati bil-valur tal-assi netti attribwibbli, li jitqies bħala ekwivalenti tal-valur ġust tagħhom.

Indeboliment tal-assi finanzjarji

L-UE tirrikonoxxi u tkejjel telf minn indeboliment għat-telf ta' kreditu mistenni fuq l-assi finanzjarji li jitkejjel fuq il-bażi tal-kost amortizzat u abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti.

It-telf ta' kreditu mistenni (ECL) huwa l-valur preżenti tad-differenza bejn il-flussi tal-flus kuntrattwali u l-flussi tal-flus li l-UE tistenna li tirċievi. L-ECL jinkorpora informazzjoni raġonevoli u appoġġabbli li hija disponibbli mingħajr kost jew sforz bla bżonn fid-data tar-rapportar.

Għall-assi fuq il-bażi tal-kost amortizzat, l-ammont riportat tal-assi jitnaqqas bl-ammont tat-telf minn indeboliment li jiġi rrikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minn indeboliment jonqos, it-telf minn indeboliment rikonoxxut qabel jitreġġa' lura permezz tar-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

(a) *Riċevibbli*

L-entità tkejjel it-telf minn indeboliment fl-ammont ta' ECL tul il-ħajja, bl-użu ta' espedjenti prattiċi (eż. matriċi ta' provvediment).

(b) *Flus u ekwivalenti tal-flus*

L-entità żżomm flus u ekwivalenti ta' flus f'kontijiet bankarji kurrenti u depożiti b'terminu ta' mhux aktar minn 3 xhur. Il-flus kontanti jinżammu f'banek bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu għoljin ħafna, u b'hekk għandhom probabbiltajiet ta' inadempjenza baxxi ħafna. Minħabba d-durata qasira u l-probabbiltajiet ta' inadempjenza baxxi, it-telf ta' kreditu mistenni minn flus u minn ekwivalenti ta' flus huwa negliġibbli. B'riżultat ta' dan, l-ebda provvediment għal indeboliment ma huwa rikonoxxut għal ekwivalenti ta' flus.

(c) *Self*

L-ECL jitkejjel b'mudell ta' tliet stadji li jqis l-events ta' inadempjenza ponderati għall-probabbiltà matul il-ħajja tal-ass finanzjarju u l-evoluzzjoni tar-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni tal-ass finanzjarju. Għal self, l-oriġinazzjoni hija d-data tal-impenn ta' self irrevokabbli

Jekk ma jkun hemm l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni ("stadju 1"), it-telf minn indeboliment ikun l-ECL minn events ta' inadempjenza possibbli fit-12-il xahar li jmiss mid-data tar-rapportar ("ECL ta' 12-il xahar"). Jekk ikun hemm żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni ("stadju 2") jew jekk ikun hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment tal-kreditu ("stadju 3"), it-telf minn indeboliment ikun daqs l-ECL minn avvenimenti ta' inadempjenza possibbli matul il-ħajja kollha tal-assi finanzjarju ("ECL tul il-ħajja").

Irtirar tar-rikonoxximent

L-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux rikonoxxuti meta jiskadu d-drittijiet li jiġu riċevuti flussi ta' flus mill-investimenti jew meta l-entità tkun ittrasferixxiet b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda lil parti oħra. Il-bejgħ ta' assi finanzjarji permezz ta' surplus jew defiċit jiġi rikonoxxut fid-data tan-negozju tagħhom.

1.3.2. Ammonti tal-prefinanzjament

Prefinanzjament huwa pagament maħsub sabiex jipprovdi lill-benefiċjarju b'avvanz ta' flus, jiġifieri "float". Huwa jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti fuq perjodu definit fil-kuntratt, fid-deċiżjoni, fil-ftehim jew fl-att ġuridiku bażiku partikolari. Il-float jew l-avvanz jew jintuża għall-finijiet li għalihom ġie pprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew inkella jitħallas lura. Jekk il-benefiċjarju ma jġarrabx nefqa eliġibbli, huwa għandu l-obbligu li jrodd lura l-avvanz ta' prefinanzjament lill-entità. Għalhekk, hekk kif l-entità żżomm il-kontroll fuq il-prefinanzjament u hija intitolata għal rifużjoni għall-parti ineliġibbli, l-ammont huwa rikonoxxut bħala assi.

Il-prefinanzjament għall-ewwel jiġi rikonoxxut fuq il-karta bilanċjali meta l-flus kontanti jiġu ttrasferiti lir-riċevitur. Dan jitkejjel fl-ammont tal-korrispettiv mogħti. F'perjodi sussegwenti, il-prefinanzjament jitkejjel fl-ammont inizjalment rikonoxxut fil-karta tal-bilanċ nieqes l-ispejjeż eliġibbli (inklużi l-ammonti stmati fejn meħtieġ) imġarrbin matul il-perjodu.

1.3.3. Riċevibbli u rekuperabbli

Ir-regoli tal-kontabbiltà tal-UE jeħtieġu preżentazzjoni separata ta' tranżazzjonijiet ta' skambju u ta' dawk mhux ta' skambju. Biex issir distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji, it-terminu "riċevibbli" huwa riżervat għal tranżazzjonijiet ta' skambju, filwaqt li għal tranżazzjonijiet mhux ta' skambju, jiġifieri meta l-UE tirċievi valur mingħand entità oħra mingħajr ma tagħti valur kważi ugwali lura, jintuża t-terminu "rekuperabbli" (eż. ir-rekuperabbli mill-Istati Membri relatati mar-riżorsi proprji).

Ir-riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju jissodisfaw id-definizzjoni ta' strumenti finanzjarji. L-entità kklassifikathom bħala assi finanzjarji b'kost amortizzat u kejlithom kif xieraq.

Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jiġu riportati bil-valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni bit-tnaqqis tal-valwazzjoni negattiva minħabba indeboliment. Valwazzjoni negattiva minħabba indeboliment tiġi stabbilita meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-entità mhux se tkun tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-rekuperabbli. L-ammont tal-valwazzjoni negattiva huwa d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat. L-ammont tal-valwazzjoni negattiva huwa rikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

1.3.4. Flus u ekwivalenti tal-flus

Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus huma assi finanzjarji b'kost amortizzat u jinkludu l-flus likwidi, id-depożiti eżerċitabbli jew eżerċitabbli f'qasir żmien miżmuma fil-banek u investimenti ferm likwidi oħrajn għal terminu qasir b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew anqas.

1.3.5. Ammonti pagabbli

Inklużi taħt kontijiet pagabbli nsibu kemm l-ammonti relatati ma' tranżazzjonijiet ta' skambju, bħax-xiri ta' oġġetti u ta' servizzi, kif ukoll l-ammonti relatati ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju relatati ma', eż., pretensjonijiet tal-kostijiet mill-benefiċjarji, għotjiet jew finanzjament ieħor tal-UE, jew prefinanzjament riċevut (ara n-nota **1.4.1**).

Meta jiġu pprovduti għotjiet jew finanzjament ieħor lill-benefiċjarji, il-pretensjonijiet tal-kostijiet jiġu rreġistrati bħala ammonti pagabbli għall-ammont mitlub fil-mument meta tiġi riċevuta l-pretensjoni tal-kost. Wara verifika u aċċettazzjoni tal-kostijiet eliġibbli, l-ammonti pagabbli jiġu vvalutati fl-ammont aċċettat u eliġibbli.

L-ammonti pagabbli li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u ta' servizzi jiġu rikonoxxuti mar-riċevuta tal-fattura għall-ammont oriġinali. L-ispejjeż korrispondenti jiddaħħlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew is-servizzi jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-entità.

1.3.6. Obbligazzjonijiet finanzjarji

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji riportati b'kost amortizzat, obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, jew bħala obbligazzjonijiet ta' kuntratt ta' garanzija finanzjarja.

L-obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat huma inizjalment rikonoxxuti abbażi tal-valur ġust inklużi l-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrba u sussegwentement riportati bil-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Dawn ma jibqgħux rikonoxxuti mir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja biss jekk l-obbligu jiġi rrilaxxat, rinunzjat, ikkanċellat jew skadut.

L-obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit jinkludu derivattivi li l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Meta l-kuntratt ta' garanzija jesiġi li l-entità tagħmel pagamenti bi tweġiba għal bidliet fil-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji jew fir-rati tal-kambju, il-kuntratt ta' garanzija jkun derivattiv. Huma jingħataw l-istess trattament kontabilistiku bħall-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit.

L-entità tirrikonoxxi obbligazzjoni ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji meta tidħol f'kuntratt li jirrikjedi li l-UE tagħmel pagamenti speċifiċi sabiex tirrimborża lid-detentur tal-garanzija għal telf li ġarrab minħabba li debitur speċifiku jonqos milli jagħmel pagament meta dovut f'konformità mat-termini oriġinali jew modifikati ta' strument ta' dejn. L-obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji inizjalment jiġu rrikonoxxuti bil-valur ġust.

Il-kejl sussegwenti jiddependi mill-evoluzzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu mill-garanzija finanzjarja. Jekk ma jkun hemm l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu ("stadju 1"), l-obbligazzjonijiet ta' garanziji finanzjarji jitkejlu fl-ogħla ammont tat-telf ta' kreditu mistenni ta' 12-il xahar u l-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, meta xieraq, l-amortizzament kumulattiv. Jekk ikun

hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu (“stadju 2”), l-obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji jitkejlu skont l-ogħla telf ta’ kreditu mistenni tul il-ħajja u l-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, fejn xieraq, l-amortizzament kumulattiv.

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet mhux kurrenti, għajr għall-maturitajiet ta’ anqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali. Il-kuntratti ta’ garanzija finanzjarja huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet kurrenti ħlief jekk l-entità jkollha dritt inkondizzjonat li tiddifferixxi s-saldu tal-obbligazzjoni għal mill-inqas tnax-il xahar wara d-data tar-rapportar.

1.3.7. Dħul u imposti dovuti u differiti

It-tranżazzjonijiet u l-events jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu li miegħu huma relatati. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura tkun għadha ma ħarġitx iżda s-servizz ikun ġie pprovdut, jew il-provvisti jkunu ġew ikkonsenjati mill-entità jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (eż. b'referenza għal kuntratt), dħul akkumulat jiġi rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji. Barra minn hekk, fl-aħħar tas-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti jew l-oġġetti forniti jkunu għadhom ma ġewx ikkonsenjati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

L-ispejjeż jingħaddu wkoll fil-perjodu li jkunu relatati miegħu. Fl-aħħar tal-perjodu kontabilistiku, l-ispejjeż dovuti jiġu rikonoxxuti fuq il-bażi ta' ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment għall-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir skont il-linji gwida operazzjonali u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Uffiċjal tal-Kontabilità. Dawn għandhom l-għan li jiżguraw li r-rapporti finanzjarji jipprovdu rappreżentazzjoni leali tal-fenomeni ekonomiċi u oħrajn li huma maħsuba li jirrappreżentaw. Permezz ta' analoġija, jekk ikun sar pagament bil-quddiem għal servizzi jew oġġetti li jkunu għadhom ma ġewx riċevuti, l-ispiża tiġi differita u rikonoxxuta fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

1.4. RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

1.4.1. Dħul

Id-dħul jinkludi l-influssi gross ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz riċevuti u riċevibbli mill-entità, li jirrappreżentaw żieda fl-assi netti, għajr żidiet relatati ma' kontribuzzjonijiet mis-sidien.

Skont in-natura tat-tranżazzjonijiet sottostanti fir-rapport tal-introjtu, għad-dħul issir distinzjoni bejn:

Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju

Id-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju huwa taxxi u trasferimenti, minħabba li t-trasferent jipprovdi riżorsi lill-entità benefiċjarja, mingħajr ma din tipprovdi direttament prezz li jkun bejn wieħed u ieħor ugwali bi skambju. It-trasferimenti huma influssi ta' benefiċċji ekonomiċi futuri jew potenzjal ta' servizz minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju, għajr taxxi. Għall-entitajiet tal-UE, it-trasferimenti jinkludu l-aktar fondi riċevuti mill-Kummissjoni (eż. sussidju ta' bbilanċjar lill-aġenziji tradizzjonali, sussidju operatorju għall-ftehimiet ta' delega).

L-entità għandha tirrikonoxxi assi fir-rigward tat-trasferimenti meta l-entità tikkontrolla r-riżorsi bħala riżultat ta' avveniment passat (it-trasferiment) u tistenna li tirċievi benefiċċji ekonomiċi futuri jew potenzjal ta' servizz minn dawk ir-riżorsi, kif ukoll meta l-valur ġust ikun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Influss ta' riżorsi minn tranżazzjoni mhux ta' skambju rikonoxxuta bħala assi (jiġifieri flus) huwa rikonoxxut ukoll bħala dħul, ħlief sal-punt li l-entità jkollha obbligu preżenti fir-rigward ta' dak it-trasferiment (kundizzjoni), li jkun irid jiġi ssodisfat qabel ikun jista' jiġi rikonoxxut id-dħul. Sakemm tiġi ssodisfata l-kundizzjoni, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut bħala obbligazzjoni.

Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju

Id-dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi jiġi rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċji sinifikanti tas-sjieda tal-oġġetti jiġu ttrasferiti lill-akkwirent. Id-dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi jiġi rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' meta titlesta t-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar.

(a) *Dħul u spejjeż tal-imgħax*

Id-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax minn assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu billi jintuża l-metodu tal-imgħax effettiv. Dan huwa metodu li jintuża sabiex jiġi kkalkolat il-kost amortizzat ta' assi finanzjarju jew ta' obbligazzjoni finanzjarja u sabiex jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispiża tal-imgħax matul il-perjodu rilevanti.

(b) *Dħul minn dividendi*

Id-dħul minn dividendi u distribuzzjonijiet simili huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi riċevut pagament.

(c) *Dħul u spejjeż minn assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit*

Dan jirreferi għall-qligħ (dħul) fil-valur ġust u għat-telf (spiża) fil-valur ġust minn dawn l-assi finanzjarji, inklużi dawk li jirriżultaw mill-qlib tal-kambju. Għall-assi finanzjarji li jġarrbu l-imgħax, dan jinkludi wkoll l-imgħax.

(d) *Dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji*

Id-dħul minn kuntratti ta' garanzija finanzjarja (primjum ta' garanzija) huwa rikonoxxut matul iż-żmien li l-entità tkun lesta biex tikkumpensa lid-detentur tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja għat-telf ta' kreditu li jista' jġarrab.

1.4.2. Spejjeż

L-ispejjeż huma tnaqqisiet fil-benefiċċji ekonomiċi jew fil-potenzjal ta' servizz matul il-perjodu ta' rapportar fil-forma ta' flussi ta' ħruġ jew ta' konsum ta' assi jew tat-tiġrib ta' obbligazzjonijiet li jirriżultaw fi tnaqqisiet fl-assi netti. Dawn jinkludu kemm l-ispejjeż minn tranżazzjoni ta' skambju kif ukoll l-ispejjeż minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju.

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet ta' skambju li ġejjin mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-entità. Dawn jiġu valwati fl-ammont oriġinali tal-fattura. Barra minn hekk, fid-data tal-karta tal-bilanċ, l-ispejjeż relatati mas-servizz mogħti matul il-perjodu li għalih ma tkunx għadha waslet jew ġiet aċċettata fattura jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju huma marbuta ma' trasferimenti lill-benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: intitolamenti, trasferimenti skont ftehim u għotjiet diskrezzjonarji, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet. It-trasferimenti jiġu rikonoxxuti bħala spejjeż fil-perjodu li matulu jkunu seħħu l-avvenimenti li jwasslu għat-trasferiment, sakemm in-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolament jew ikun ġie ffirmat ftehim li jawtorizza t-trasferiment; ikun ġie ssodisfat kull kriterju ta' eliġibbiltà mill-benefiċjarju; u tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont.

Meta tasal talba għall-ħlas jew pretensjoni għall-kostijiet u din tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, hija tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena, l-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji, iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati, jiġu stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

1.5. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

1.5.1. Assi kontinġenti

Assi kontinġenti huwa assi possibbli li jinħoloq minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tiegħu tkun ikkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment inċert wieħed jew aktar fil-ġejjieni mhux fil-kontroll sħiħ tal-entità. Assi kontinġenti jiġi divulgat meta jkun hemm probabbiltà ta' influss ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

1.5.2. Obbligazzjonijiet kontinġenti

Obbligazzjoni kontinġenti tkun jew obbligu possibbli li l-eżistenza tiegħu tkun ikkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment inċert wieħed jew aktar fil-ġejjieni mhux fil-kontroll sħiħ tal-entità; jew inkella obbligu preżenti fejn ma jkunx probabbli li se jkun meħtieġ ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz sabiex jiġi saldat l-obbligu.

Obbligazzjoni kontinġenti tirriżulta wkoll fiċ-ċirkostanzi rari li fihom jeżisti obbligu preżenti iżda ma jistax jitkejjel b'affidabbiltà suffiċjenti.

L-obbligazzjonijiet kontinġenti ma humiex rikonoxxuti fil-kontijiet. Jiġu ddivulgati sakemm il-possibbiltà ta' ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz ma tkunx remota.

1.6. KAPITAL TAL-FOND

L-Istati Membri tal-FEŻ jipprovdu kontribuzzjonijiet għall-Fond għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-FEŻ kif stabbilit fil-Ftehim Intern ta' kull FEŻ. Skont il-bażi legali applikabbli, is-sejħiet ta' kapital, jiġifieri t-talbiet għal finanzjament għal sena partikolari N, jiġu deċiżi permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fis-sena N-1, bil-fondi li għandhom jiġu riċevuti assenjati b'mod ċar għal perijodi futuri speċifikati.

Il-kontribuzzjonijiet jissodisfaw il-kriterji ta' kontribuzzjoni mis-sidien (EAR 1) u għalhekk huma ttrattati bħala kapital tal-fond fir-rapporti finanzjarji tal-FEŻ. Il-kapital tal-fond jirrappreżenta l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu riċevuti mill-Istati Membri tal-FEŻ. Peress li l-kapital tal-fond mhux mitlub jitnaqqas b'mod miftuħ mill-kapital tal-fond totali (ara d-Dikjarazzjoni tal-Bidliet fl-Assi Netti), il-kapital tal-fond imsejjaħ biss huwa rikonoxxut fil-Karta tal-Bilanċ.

Peress li l-kontribuzzjonijiet miftiehma huma assenjati għal perijodi ta' rapportar speċifikati, bit-talba legali tal-FEŻ kontra l-Istati Membri tal-FEŻ li tirriżulta biss f'dawn il-perijodi, kwalunkwe ammont riċevut bil-quddiem huwa rikonoxxut bħala kontribuzzjonijiet kapitali differiti taħt il-Pagi aktar milli bħala kapital imsejjaħ.

1.7. KOFINANZJAMENT

Il-kontribuzzjonijiet tal-kofinanzjament riċevuti jissodisfaw il-kriterji tad-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju taħt kundizzjonijiet u jiġu ppreżentati bħala ammonti pagabbli lill-Istati Membri, lil Stati terzi u lil oħrajn. Il-FEŻ huwa mitlub li juża l-kontribuzzjonijiet sabiex jipprovdi servizzi lil partijiet terzi jew inkella huwa mitlub li jirritorna l-assi (il-kontribuzzjonijiet riċevuti). L-ammonti pagabbli pendenti relatati mal-ftehimiet tal-kofinanzjament jirrappreżentaw il-kontribuzzjonijiet tal-kofinanzjament riċevuti wara li jitnaqqsu l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-proġett. L-effett fuq l-assi netti huwa żero.

L-ispejjeż relatati mal-kofinanzjament ta' proġetti jiġu rikonoxxuti hekk kif jiġġarrbu. L-ammont korrispondenti ta' kontribuzzjonijiet huwa rikonoxxut bħala dħul operatorju u l-effett fuq ir-riżultat ekonomiku tas-sena huwa żero.

2. NOTI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ

ASSI

2.1. ASSI FINANZJARJI

Assi finanzjarju huwa kwalunkwe assi li huwa:

(a) Flus;

(b) Strument azzjonarju ta' entità oħra;

(c) Dritt kuntrattwali: ta' riċeviment ta' flus jew ta' assi finanzjarju ieħor minn entità oħra; ta' skambju ta' assi finanzjarji jew obbligazzjonijiet finanzjarji ma' entità oħra taħt kundizzjonijiet li huma potenzjalment favorevoli għall-entità; jew

(d) Kuntratt li se jkun jew jista' jiġi saldat fl-istrumenti ta' ekwità proporji tal-entità.

L-assi finanzjarji jiġu kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji b'kost amortizzat (amortised cost, "AC"), assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti (fair value through net assets/equity, "FVNA"), jew assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (fair value through surplus or deficit, "FVSD"). Il-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tiġi ddeterminata mar-rikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta tal-bilanċ.

L-assi finanzjarji tal-FEŻ jinkludu assi finanzjarji fl-FVSD u self u huma kif ġej:

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022	31.12.2021
Mhux kurrenti		
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (FVSD)	*61*	*38*
Self	*5*	*1*
	67	**39**
Kurrenti		
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (FVSD)	*3*	*–*
	3	**–**
Total	**69**	**39**

Id-EUR 61 miljun ta' assi finanzjarji fl-FVSD huma relatati ma' investimenti ta' ekwità fl-oqsma li ġejjin:

- Enerġija sostenibbli rinnovabbli permezz ta' Climate Investor One, ElectriFI u GEEREF;
- Il-promozzjoni ta' finanzjament inklużiv ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju rurali permezz tal-FOND ABC;
- L-inklużjoni finanzjarja fl-Uganda permezz tal-finanzi aBi; kif ukoll
- Il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli fl-Afrika permezz tal-intizjattiv ta' Boost Africa.

Is-EUR 5 miljun ta' self mhux kurrenti jikkonċernaw żewġ oqsma ewlenin: l-agrikoltura sostenibbli permezz tal-AgriFI u l-aċċess u l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija sostenibbli permezz tal-faċilità ta' investiment tal-ElettriFI.

EUR 3 miljun taħt l-intestatura assi finanzjarji attwali huma relatati kompletament ma' investiment ta' ekwità taħt l-istrument finanzjarju ElectriFI li għandu l-għan li jiffinanzja proġetti fi stadju bikri u ta' daqs żgħir li jiffukaw fuq l-aċċess għall-elettriku u l-ġenerazzjoni minn sorsi ta' enerġija sostenibbli fi swieq emerġenti b'enfasi partikolari fuq l-Afrika sub-Saħarjana.

2.2. PREFINANZJAMENT

Ħafna kuntratti jipprevedu pagamenti ta' avvanzi qabel il-bidu tax-xogħlijiet, il-konsenja tal-provvisti jew il-forniment tas-servizzi. Xi drabi, l-iskedi tal-pagamenti tal-kuntratti jipprevedu pagamenti abbażi tar-rapporti tal-progress. Il-prefinanzjament normalment jitħallas fil-munita tal-pajjiż jew tat-territorju fejn jitwettaq il-proġett.

Iż-żmien tal-użu tal-prefinanzjament jirregola jekk jiġix divulgat bħala prefinanzjament kurrenti jew mhux kurrenti. L-użu huwa ddefinit mill-ftehim sottostanti tal-proġett. Kwalunkwe użu dovut fi żmien tnax-il xahar mid-data tar-rapportar jiġi divulgat bħala prefinanzjament kurrenti. Billi ħafna mill-proġetti tal-FEŻ huma fin-natura tagħhom għat-tul, huwa meħtieġ li l-avvanzi relatati jkunu disponibbli għal iktar minn sena waħda. B'hekk, xi ammonti ta' prefinanzjament jintwerew bħala assi mhux kurrenti.

Miljuni ta' EUR

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Prefinanzjament mhux kurrenti	2.2.1	–	–	*221*	*267*	*488*	*671*
Prefinanzjament kurrenti	2.2.2	–	*14*	*427*	*955*	*1 396*	*1 453*
Total		**–**	**14**	**649**	**1 222**	**1 884**	**2 123**

It-tnaqqis fil-prefinanzjament totali b'EUR 239 miljun fl-31 ta' Diċembru 2022 jista' jiġi spjegat l-aktar mit-tnaqqis fil-prefinanzjament imħallas lill-benefiċjarji taħt l-11-il FEŻ li naqas minn EUR 1 537 miljun fl-2021 għal EUR 1 222 miljun fl-2022. Dan huwa allinjat maċ-ċiklu tal-ħajja tal-FEŻ u huwa relatat ukoll mal-evoluzzjoni tan-numru ta' kuntratti miftuħin. Il-11-il FEŻ laħaq il-maturità hekk kif il-klawżola ta' estinzjoni daħlet fis-seħħ fi tmiem l-2020. Mill-1 ta' Jannar 2021 ma seta jiġi ffirmat l-ebda ftehim ta' finanzjament ieħor taħt l-11-il FEŻ, madankollu kuntratti speċifiċi għall-ftehimiet eżistenti xorta jistgħu jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2023. Dan wassal għal tnaqqis f'kuntratti ġodda ffirmati minn EUR 2 118 miljun fl-2021 għal EUR 853 miljun fl-2022.

Min-naħa l-oħra, il-prefinanzjament tal-10 FEŻ żdied minn EUR 572 fl-2021 għal EUR 649 fl-2022. Dan għaliex, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill UE 2022/EUR 1223 600 miljun ta' fondi diżimpenjati mill-10 u l-11-il FEŻ intużaw mill-ġdid biex jiffinanzjaw azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi AKP wara l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.

2.2.1. Prefinanzjament mhux kurrenti skont il-mod ta' ġestjoni

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022	31.12.2021
Ġestjoni Diretta		
Implimentata minn:		
il-Kummissjoni	*11*	*72*
Aġenziji eżekuttivi tal-UE	*10*	*8*
Delegazzjonijiet tal-EU	*7*	*15*
	28	**95**
Ġestjoni Indiretta		
Implimentata minn:		
Il-BEI u l-FEI	*181*	*230*
Organizzazzjonijiet internazzjonali	*221*	*278*
Korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku	*16*	*12*
Korpi rregolati bil-liġi pubblika	*25*	*40*
Pajjiżi terzi	*16*	*14*
Korpi tal-UE u Sħubija Pubblika-Privata	*1*	*1*
	460	**575**
Total	**488**	**671**

2.2.2. Prefinanzjament kurrenti

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Prefinanzjament (gross)	–	*23*	*1 041*	*4 553*	*5 616*	*5 711*
Ikklirjati permezz ta' cut-off	–	*(9)*	*(614)*	*(3 598)*	*(4 220)*	*(4 258)*
Total	**–**	**14**	**428**	**955**	**1 396**	**1 453**

2.2.3. Prefinanzjament kurrenti skont il-mod ta' ġestjoni

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022	31.12.2020
Ġestjoni Diretta		
Implimentata minn:		
il-Kummissjoni	*85*	*61*
Aġenziji eżekuttivi tal-UE	*10*	*11*
Delegazzjonijiet tal-EU	*105*	*159*
	200	**231**
Ġestjoni Indiretta		
Implimentata minn:		
Il-BEI u l-FEI	*209*	*160*
Organizzazzjonijiet internazzjonali	*642*	*642*
Korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku	*96*	*109*
Korpi rregolati bil-liġi pubblika	*116*	*119*
Pajjiżi terzi	*131*	*190*
Korpi tal-UE u Sħubija Pubblika-Privata	*2*	*1*
	1 196	**1 221**
Total	**1 396**	**1 453**

2.2.4. Garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament

Il-garanziji jinżammu sabiex ikun żgurat il-prefinanzjament u jiġu rilaxxati meta titħallas il-pretensjoni finali għal proġett.

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022	31.12.2021
Garanzija għall-prefinanzjament	*37*	*44*

Il-biċċa l-kbira tal-prefinanzjament jitħallas permezz tal-ġestjoni indiretta. F'dan il-każ, il-benefiċjarju tal-garanzija ma jkunx il-FEŻ iżda l-awtorità kontraenti. Għad li l-FEŻ mhuwiex il-benefiċjarju, dawk il-garanziji jiggarantixxu l-assi tiegħu. Fl-2022 dawk il-garanziji ammontaw għal EUR 482 miljun.

2.3. KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-FOND FIDUĊJARJU

Din l-intestatura tirrappreżenta l-ammont imħallas bħala kontribuzzjonijiet lill-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika u lill-Fond Fiduċjarju tal-UE ta' Bêkou. Il-kontribuzzjonijiet huma netti mill-kostijiet imġarrbin mill-fondi fiduċjarji u attribwibbli għall-FEŻ.

Il-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji jiġu implimentati mill-FEŻ bil-mod ta' ġestjoni diretta.

Miljuni ta' EUR

	Kontribuzzjoni netta fil-31.12.2021	Kontribuzzjoni jiet imħallsa fl-2022	Allokazzjoni tal-ispejjeż netti tal-fondi fiduċjarji fl-	Kontribuzzjoni netta fil-31.12.2022
L-Afrika	*381*	*300*	*(438)*	*243*
Bêkou	*1*	*30*	*(20)*	*11*
Total	**382**	**330**	**(458)**	**254**

It-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet minn EUR 634 miljun fl-2021 għal EUR 330 miljun fl-2022 jirriżulta mit-tnaqqis fl-ispejjeż tal-Fondi Fiduċjarji minħabba l-istralċ taż-żewġ Fondi Fiduċjarji. Fi tmiem l-2021, l-EUTF Afrika u l-EUTF Bêkou kienu laħqu l-quċċata tal-attivitajiet tagħhom hekk kif laħqu tmiem il-perjodu ta' kuntrattar. L-istralċ tal-Fondi Fiduċjarji li beda minn hemm' il quddiem wassal għal tnaqqis fl-għadd ta' kuntratti miftuħa u għalhekk tnaqqis fl-ispejjeż.

2.4. REKUPERABBLI MHUX TA' SKAMBJU U RIĊEVIBBLI TA' SKAMBJU

It-tranżazzjonijiet ta' skambju huma tranżazzjonijiet li fihom l-entità tirċievi assi jew servizzi, jew ikollha obbligazzjonijiet li jispiċċaw, u direttament tagħti bejn wieħed u ieħor valur ugwali (primarjament fil-forma ta' oġġetti, ta' servizzi jew ta' użu ta' assi) lill-parti l-oħra bi skambju. Tranżazzjonijiet mhux ta' skambju huma tranżazzjonijiet li fihom entità jew tirċievi valur mingħand entità oħra mingħajr ma tagħti direttament bejn wieħed u ieħor valur ugwali bi skambju, jew tagħti valur lil entità oħra mingħajr ma tirċievi bejn wieħed u ieħor valur ugwali bi skambju.

2.4.1. Riċevibbli ta' skambju mhux kurrenti

Fl-31.12.2022, il-FEŻ għandu EUR 7 miljun f'ammonti riċevibbli ta' skambju fuq terminu twil li jinkludu prinċipalment spejjeż differiti li jirriżultaw minn diversi strumenti finanzjarji.

2.4.2. Rekuperabblu kurrenti mhux ta' skambju u riċevibbli ta' skambju

Miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2022	31.12.2021
Ammonti rekuperabbli minn tranżazzjonijiet	2.4.2.1	*15*	*26*
Ammonti riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta'	2.4.2.2	*12*	*9*
Total		**27**	**35**

2.4.2.1. Ammonti rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Stat Membru	–	–	–	–	–	–
Klijenti	–	*3*	*46*	*7*	*56*	*56*
Korpi pubbliċi	–	*4*	*13*	*3*	*19*	*25*
Stati terzi	–	*1*	*4*	*2*	*7*	*6*
Valwazzjoni negattiva	–	*(7)*	*(54)*	*(5)*	*(67)*	*(66)*
Kontijiet interkorporattivi mal-istituzzjonijiet tal-UE	–	–	–	–	–	*5*
Total	**–**	**0**	**9**	**7**	**15**	**26**

2.4.2.2. Ammonti riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Introjtu dovut	-	-	-	*1*	*1*	-
Kontijiet inter-FEŻ	*180*	*(369)*	*803*	*(612)*	*1*	-
Oħrajn	–	–	–	*10*	*10*	*9*
Total	**180**	**(369)**	**803**	**(602)**	**12**	**9**

Għal raġunijiet ta' effiċjenza, it-teżor waħdieni li jkopri l-FEŻ kollha huwa allokat għall-11-il FEŻ; dan iwassal għal operazzjonijiet bejn id-diversi FEŻ, li jiġu bbilanċjati fil-kontijiet inter-FEŻ bejn id-diversi karti tal-bilanċ tal-FEŻ.

L-intestatura "oħrajn" tinkludi prinċipalment ir-riċevibbli li jirriżultaw minn riċevibbli ta' strumenti finanzjarji. Mill-ammont riċevibbli l-ieħor ta' EUR 10 miljun , ammont ta' EUR 4 miljun huwa relatat ma'

riċevibbli mill-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli (Global Energy Efficiency and Renewable Energy Fund, GEEREF) u ammont ta' EUR 5 miljun huwa relatat ma' riċevibbli minn Climate Investor One.

2.5. IL-FLUS U L-EKWIVALENTI TAL-FLUS[4]

Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus huma strumenti finanzjarji b'kost amortizzat u jinkludu flus fl-idejn, depożiti miżmuma fuq talba jew b'avviż ta' malajr mal-banek (bħal kontijiet kurrenti u kontijiet ta' tfaddil) u investimenti ferm likwidi oħrajn b'terminu qasir bil-maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas.

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Kontijiet speċjali						
Banek ċentrali	*–*	*–*	*–*	*835*	*835*	*795*
	–	**–**	**–**	**835**	**835**	**795**
Kontijiet kurrenti						
Banek kummerċjali	*–*	*–*	*–*	*161*	*161*	*165*
Flus li jappartjenu għal strumenti	*–*	*–*	*–*	*31*	*31*	*34*
	–	**–**	**–**	**192**	**192**	**199**
Total	**–**	**–**	**–**	**1 027**	**1 027**	**994**

Iż-żieda fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus b'EUR 34 miljun tista' tiġi spjegata prinċipalment mit-tnaqqis fil-pagamenti li saru matul is-sena. Dan huwa konformi mat-tnaqqis fl-ispejjeż (ara n-nota **3.4**) u t-tnaqqis fil-prefinanzjament (ara n-nota **2.2**). Fil-fatt, fl-2022 il-pagamenti netti tal-FEŻ naqsu bi 30 % li ammontaw għal EUR 2 388 miljun.

Bħal fis-snin preċedenti u sabiex jiġi llimitat ir-riskju tal-kontroparti, aktar flus jinżammu f'kontijiet ma' banek ċentrali milli fil-banek kummerċjali (ara n-nota **5.1**).

OBBLIGAZZJONIJIET

2.6. OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI

2.6.1. Dispożizzjonijiet Finanzjarji

Dawn il-provvedimenti jirrappreżentaw it-telf ta' kreditu stmat li se jiġġarrab b'rabta mas-self mogħti taħt strumenti finanzjarji differenti.

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Dispożizzjonijiet finanzjarji	*–*	*–*	*–*	*1*	*1*	*–*

L-ammont ta' EUR 1 miljun jirrappreżenta t-telf ta' kreditu stmat b'rabta mal-garanzija mogħtija taħt l-istrumenti finanzjarji li ġejjin: ElectriFI CW u ElectriFI CW II.

2.6.2. Garanziji finanzjarji

Dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw it-telf stmat li se jiġġarrab fir-rigward tal-garanziji mogħtija taħt strumenti finanzjarji differenti, fejn l-entitajiet fdati jingħataw is-setgħa li joħorġu garanziji f'isimhom stess iżda f'isem u għar-riskju tal-FEŻ. Ir-riskju finanzjarju tal-FEŻ marbut mal-garanziji huwa limitat u l-assi finanzjarji jiġu pprovduti gradwalment sabiex ikopru t-talbiet futuri għal ħlas ta' garanzija.

[4] F'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, it-teżor huwa ppreżentat fil-karta tal-bilanċ tal-11-il FEŻ. In-natura tal-kontijiet bankarji differenti hija deskritta fil-Kapitolu 5, Ġestjoni tar-Riskju Finanzjarju.

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Obbligazzjoni tal-garanziji finanzjarji	–	–	–	*1*	*1*	*1*

L-ammont ta' EUR 1 miljun jirrappreżenta t-telf stmat fir-rigward tal-garanzija mogħtija taħt l-istrument finanzjarju Euritz ta' EUR 11 miljun (ara n-nota **3.2.1**).

2.6.3. Obbligazzjonijiet Finanzjarji Oħra

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	–	–	–	*2*	*2*	–

L-ammont ta' EUR 2 miljun jirrigwarda kompletament l-ammonti pagabbli li jirriżultaw mill-istrument finanzjarju ElectriFI CW II.

2.6.4. Ammonti pagabbli tal-kofinanzjament

L-ammonti pagabbli ta' kofinanzjament jirrappreżentaw fondi riċevuti mill-FEŻ fir-rigward tal-ftehimiet ta' kofinanzjament. Il-FEŻ huwa meħtieġ juża dawn il-kontribuzzjonijiet sabiex jipprovdi s-servizzi miftiehma lil partijiet terzi u jirritorna l-fondi mhux użati lill-kontributuri. Iż-żmien tal-użu tal-ammonti ta' kofinanzjament jiddetermina jekk dawn humiex divulgati bħala kurrenti jew mhux kurrenti.

Fl-aħħar tas-sena ssir valutazzjoni każ b'każ tal-ammonti pagabbli kollha ta' kofinanzjament u tal-ammonti kollha li x'aktarx ma jintużawx fit-12-il xahar ta' wara jitqiesu bħala mhux kurrenti. L-ammonti kurrenti huma murijin taħt in-nota **2.7.2**.

Miljuni ta' EUR

	It-	Id-	L-10ar	Il-11-	31.12.2022	31.12.2021
Ammonti pagabbli ta'	–	–	–	*3*	*3*	*6*
Ammonti pagabbli ta'	–	–	*19*	*27*	*46*	*35*
Total	**–**	**–**	**20**	**29**	**49**	**41**

2.7. AMMONTI PAGABBLI

L-ammonti pagabbli huma obbligazzjonijiet li jridu jitħallsu għal oġġetti jew servizzi li kienu riċevuti jew fornuti u li, kuntrarju għall-imposti dovuti, tkun diġà nħarġet fattura għalihom jew li dwarhom ikun sar ftehim formali mal-fornitur. L-ammonti pagabbli jistgħu jkunu relatati kemm ma' tranżazzjonijiet ta' skambju, bħax-xiri ta' oġġetti u servizzi, kif ukoll ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju (eż. pretensjonijiet tal-kostijiet mill-benefiċjarji ta' għotjiet, prefinanzjament jew finanzjament ieħor mill-UE).

Miljuni ta' EUR

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Ammonti pagabbli kurrenti	2.7.1	–	-	*17*	*213*	*230*	*263*
Ammonti pagabbli varji	2.7.2	–	–	*17*	*178*	*196*	*238*
Total		**–**	**–**	**34**	**391**	**426**	**501**

2.7.1. Ammonti pagabbli kurrenti

Miljuni ta' EUR

	It-	Id-	L-10ar	Il-11-	31.12.2022	31.12.2021
Fornituri	–	-	*3*	*61*	*63*	*72*
Stat Membru	–	–	–	–	–	*3*
Stati terzi	–	–	–	*126*	*126*	*158*
Korpi pubbliċi	–	-	*(1)*	*41*	*41*	*51*
Istituzzjonijiet u Aġenziji	–	-	–	–	–	*4*
Ammonti pagabbli kurrenti oħrajn	–	-	*14*	*(15)*	–	*(25)*
Total	**–**	**–**	**17**	**213**	**230**	**263**

L-ammonti pagabbli fil-biċċa l-kbira jinkludu dikjarazzjonijiet tal-kostijiet riċevuti mill-FEŻ fir-rigward ta' għotjiet ipprovduti lill-benefiċjarji. Dawn jiġu rreġistrati fil-mument meta tiġi riċevuta r-rapport tal-kostijiet u għall-ammont sħiħ tar-rapport tal-kostijiet. Wara kontroll tal-eliġibbiltà, l-ammonti eliġibbli biss jitħallsu lill-benefiċjarji. Fi tmiem is-sena jiġu analizzati l-pretensjonijiet tal-kostijiet pendenti u l-ammonti eliġibbli stmati relatati ma' dawk il-pretensjonijiet tal-kostijiet huma rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. L-ammonti mhux eliġibbli stmati huma murija taħt ammonti pagabbli kurrenti oħrajn.

It-tnaqqis fl-ammonti pagabbli b'mod partikolari lill-fornituri u lill-istati terzi huwa dovut għal tnaqqis fil-fatturi li għadhom ma ġewx ivvalidati u mħallsa qabel tmiem is-sena. Fost l-ammonti pagabbli lil Stati Terzi hemm ammont ta' EUR 60 miljun ta' appoġġ baġitarju lill-Etjopja, li ilu sospiż minn Novembru 2020 minħabba s-sitwazzjoni fil-pajjiż.

2.7.2. Ammonti pagabbli varji

Miljuni ta' EUR

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Ammonti pagabbli tal-kofinanzjament	2.6.4	–	–	*19*	*27*	*46*	*35*
Kontribuzzjonijiet kapitali differiti	2.7.2.1	–	–	–	*147*	*147*	*199*
Ammonti pagabbli varji oħrajn		–	–	*(2)*	*4*	*2*	*4*
Total		**–**	**–**	**17**	**178**	**196**	**238**

2.7.2.1. Kontribuzzjonijiet kapitali differiti

Ammont ta' EUR 43 miljun ta' kontribuzzjonijiet kapitali differiti huma relatati ma' rifużjoni lill-Istati Membri minn fondi diżimpenjati jew mhux użati minn proġetti taħt id-Disa' FEŻ (ara n-nota **2.9.1**). L-Istati Membri qablu li r-rifużjoni tiġi kkumpensata bil-kontribuzzjonijiet mill-11-il FEŻ matul l-ewwel sejħa għal kontribuzzjonijiet fl-2023.

Minbarra r-rifużjoni, ammont ta' EUR 105 miljun huwa relatat mal-ewwel pagament parzjali tal-2023 imħallas bil-quddiem lir-Renju Unit. Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit jibqa' parti

għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u tal-FEŻ preċedenti mhux magħluqin kollha, u jassumi l-istess obbligi bħall-Istati Membri f'dan ir-rigward (ara n-nota **2.9.1**).

2.8. IMPOSTI DOVUTI

Id-dovuti huma obbligazzjonijiet li jridu jitħallsu għal oġġetti jew servizzi li kienu riċevuti jew fornuti iżda - kuntrarju għall-pagabbli - li tkun għadha ma ħarġitx fattura għalihom jew li dwarhom ma jkunx sar ftehim formali mal-fornitur. Il-kalkolu tad-dovuti huwa bbażat fuq l-ammont ta' impenji baġitarji miftuħa fi tmiem is-sena. Il-porzjon tal-imposti dovuti stmati relatati mal-prefinanzjament imħallas ġie rreġistrat bħala tnaqqis tal-ammonti tal-prefinanzjament.

It-tranżazzjonijiet u l-events jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu li miegħu huma relatati. Fl-aħħar tas-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti jew l-oġġetti jkunu għadhom ma ġewx ikkonsenjati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Imposti dovuti	–	*7*	*119*	*1 004*	*1 130*	*1 007*
Dovuti u differimenti oħrajn	–	–	–	*2*	*2*	*1*
Total	**–**	**7**	**119**	**1 006**	**1 131**	**1 008**

L-imposti dovuti jikkonsistu fl-ispejjeż operatorji stmati għall-kuntratti li għadhom għaddejjin jew li ntemmu mingħajr pretensjonijiet tal-kostijiet ivvalidati fejn l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji ġew stmati bl-użu tal-aħjar informazzjoni disponibbli. Il-porzjon tal-imposti dovuti stmati, li jirrigwarda l-prefinanzjament imħallas, -kien irreġistrat bħala tnaqqis tal-ammonti ta' prefinanzjament (ara n-nota **2.2** above).

Iż-żieda fl-imposti dovuti hija xprunata l-aktar miż-żieda ta' imposti dovuti taħt il-11 FEŻ minn EUR 891 miljun fl-2021 għal EUR 1 006 miljun fl-2022. Dan għaliex fi tmiem l-2022 kien hemm aktar proġetti għaddejjin li għalihom il-kost tal-pretenzjonijiet kienu għadhom ma ġewx riċevuti u vvalidati u għalhekk il-kostijiet sottostanti kellhom jiġu stmati matul l-għeluq.

ASSI NETTI

2.9. KAPITAL TAL-FOND

L-Istati Membri tal-FEŻ jipprovdu kontribuzzjonijiet għall-Fond għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-FEŻ kif stabbilit fil-Ftehim Intern ta' kull FEŻ. Skont il-bażi legali applikabbli, is-sejħiet ta' kapital, jiġifieri t-talbiet għal finanzjament għal sena partikolari N, jiġu deċiżi permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fis-sena N-1, bil-fondi li għandhom jiġu riċevuti assenjati b'mod ċar għal perijodi futuri speċifikati.

Il-kontribuzzjonijiet jissodisfaw il-kriterji tal-kontribuzzjonijiet mis-sidien (EAR 1) u għalhekk huma ttrattati bħala kapital tal-fond fir-rapporti finanzjarji tal-FEŻ. Il-kapital tal-fond jirrappreżenta l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu riċevuti mill-Istati Membri tal-FEŻ. Peress li l-kapital tal-fond mhux mitlub jitnaqqas mill-kapital tal-fond totali (ara d-Dikjarazzjoni tal-Bidliet fl-Assi Netti), il-kapital tal-fond imsejjaħ biss huwa rikonoxxut fil-Karta tal-Bilanċ.

Peress li l-kontribuzzjonijiet miftiehma huma assenjati għal perijodi ta' rapportar speċifikati, bit-talba legali tal-FEŻ kontra l-Istati Membri tal-FEŻ li tirriżulta biss f'dawn il-perijodi, kwalunkwe ammont riċevut bil-quddiem huwa rikonoxxut bħala kontribuzzjonijiet kapitali differiti taħt il-Pagi aktar milli bħala kapital imsejjaħ.

2.9.1. Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa'	L-10ar	Il-11-	Total

		FEŻ	FEŻ	il FEŻ	
Kapital tal-fond	*12 164*	*10 507*	*20 960*	*29 367*	*72 998*
Kapital tal-fond mhux eżerċitat	*–*	*(15)*	*-*	*(10 340)*	*(10 355)*
Kapital tal-fond eżerċitat 31.12.2021	**12 164**	**10 492**	**20 960**	**19 027**	**62 643**
Kapital tal-fond	*12 164*	*10 464*	*20 960*	*29 367*	*72 955*
Kapital tal-fond mhux eżerċitat	*–*	*(15)*	*-*	*(7 840)*	*(7 855)*
Kapital tal-fond eżerċitat 31.12.2022	**12 164**	**10 450**	**20 960**	**21 527**	**65 100**

Il-fondi mhux eżerċitati jirrappreżentaw l-ammonti li għadhom ma ġewx eżerċitati mill-Istati Membri. Il-kapital tal-fond eżerċitat jirrappreżenta l-kontribuzzjonijiet, li ġew eżerċitati mill-FEŻ u ttrasferiti fil-kontijiet tat-teżor mill-Istati Membri (ara hawn taħt **2.9.2.**).

Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2242, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri stabbiliti fil-Ftehimiet Interni tat-Tmien u tad-Disa' FEŻ tnaqqsu skont dan, għal ammont ta' EUR 43 miljun minn fondi diżimpenjati skont id-Disa' FEŻ. Ir-rifużjonijiet li jirriżultaw minn dan it-tnaqqis ġew ikkumpensati konta sejħa addizzjonali għal fondi skont il-11-il FEŻ. Fil-fatt, ir-rifużjoni se tintuża kontra l-ewwel pagament parzjali tal-2023 li jispjega it-EUR 43 miljun ta' kapital differit (ara n-nota **2.7.2.1**).

Filwaqt li r-Renju Unit jibqa' parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-programmi kollha, f'konformità mal-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-sehem tiegħu ta' fondi mhux impenjati u diżimpenjati mit-Tmien, mid-Disa' u mill-10 FEŻ ma jistax jerġa' jintuża.

2.9.2. Kapital tal-fond eżerċitat u mhux eżerċitat skont l-Istati Membri u mir-Renju Unit

Miljuni ta' EUR

Kontribuzzjonijiet tal-11-il FEŻ	%	Kapital mhux eżerċitat fil-31.12.2021	Kapital eżerċitat fl-2022	Kapital mhux eżerċitat fil-31.12.2022
L-Awstrija	*2.40*	*248*	*(60)*	*188*
Il-Belġju	*3,25*	*336*	*(81)*	*255*
Il-Bulgarija	*0,22*	*23*	*(5)*	*17*
Il-Kroazja	*0,23*	*23*	*(6)*	*18*
Ċipru	*0.11*	*12*	*(3)*	*9*
Ir-Repubblika Ċeka	*0,80*	*83*	*(20)*	*63*
Id-Danimarka	*1,98*	*205*	*(50)*	*155*
L-Estonja	*0,09*	*9*	*(2)*	*7*
Il-Finlandja	*1,51*	*156*	*(38)*	*118*
Franza	*17,81*	*1 842*	*(445)*	*1 397*
Il-Ġermanja	*20,58*	*2 128*	*(514)*	*1 614*
Il-Ġreċja	*1,51*	*156*	*(38)*	*118*
L-Ungerija	*0,61*	*64*	*(15)*	*48*
L-Irlanda	*0,94*	*97*	*(24)*	*74*
L-Italja	*12,53*	*1 296*	*(313)*	*982*
Il-Latvja	*0,12*	*12*	*(3)*	*9*
Il-Litwanja	*0,18*	*19*	*(5)*	*14*
Il-Lussemburgu	*0,26*	*26*	*(6)*	*20*
Malta	*0,04*	*4*	*(1)*	*3*
In-Netherlands	*4,78*	*494*	*(119)*	*375*
Il-Polonja	*2,01*	*208*	*(50)*	*157*
Il-Portugall	*1,20*	*124*	*(30)*	*94*
Ir-Rumanija	*0,72*	*74*	*(18)*	*56*
Is-Slovakkja	*0,38*	*39*	*(9)*	*29*
Is-Slovenja	*0,22*	*23*	*(6)*	*18*
Spanja	*7,93*	*820*	*(198)*	*622*
L-Iżvezja	*2,94*	*304*	*(73)*	*230*
Ir-Renju Unit	*14,68*	*1 518*	*(367)*	*1 151*
Total	**100,00**	**10 340**	**(2 500)**	**7 840**

Peress li l-kapital tat-Tmien, tad-Disa' u tal-Għaxar FEŻ ġie eżerċitat u riċevut kollu kemm huwa fis-snin preċedenti, fl-2022, ġie eżerċitat ammont ta' EUR 2 500 miljun li huwa relatat kompletament mal-11-il FEŻ.

2.9.3. Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	Total
Bilanċ fil-31.12.2020	**(2 512)**	**2 041**	**188**	**283**	**–**
Trasferiment ta' ammonti dižimpenjati għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-10 FEŻ minn FEŻ preċedenti	–	*(23)*	*23*	–	–
Trasferiment ta' ammonti dižimpenjati għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-11-il FEŻ minn FEŻ preċedenti	–	–	*(110)*	*110*	–
Bilanċ fil-31.12.2021	**(2 512)**	**2 018**	**101**	**394**	**–**
Trasferiment ta' ammonti dižimpenjati għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-10ar FEŻ minn FEŻ preċedenti	*(1)*	*(8)*	*9*	–	–
Trasferiment ta' ammonti dižimpenjati għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-11-il FEŻ minn FEŻ preċedenti	–	–	*(148)*	*148*	–
Bilanċ fil-31.12.2022	**(2 513)**	**2 010**	**(38)**	**541**	**–**

Din l-intestatura tinkludi r-riżorsi ttrasferiti bejn il-FEŻ attivi.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cotonou, il-fondi kollha mhux użati f'FEŻ preċedentament attivi jiġu trasferiti għall-aktar FEŻ li nfetaħ riċentement wara d-diżimpenn. Ir-riżorsi ttrasferiti minn FEŻ oħrajn iżidu l-approprjazzjonijiet tal-fond destinatarju u jnaqqsu dawk tal-fond tal-oriġini. Il-fondi ttrasferiti għar-riżerva tal-prestazzjoni tal-10 u l-11-il FEŻ jistgħu jiġu impenjati biss taħt kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Ftehimiet Interni.

3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

DĦUL

Miljuni ta' EUR

	Nota	2022	2021
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	3,1	*18*	*27*
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju	3,2	*80*	*48*
Total		**98**	**75**

3.1. DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

Id-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju huwa relatat ma' tranżazzjonijiet fejn it-trasferent jipprovdi riżorsi lill-entità benefiċjarja, mingħajr ma din tipprovdi direttament prezz li jkun bejn wieħed u ieħor ugwali bi skambju. L-intestatura tinkludi prinċipalment l-ammonti riċevuti mill-Kummissjoni matul is-sena u l-irkupri tal-ispejjeż operazzjonali.

Miljuni ta' EUR

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	2022	2021
Irkupru tal-ispejjeż		*-*	*(1)*	*9*	*10*	*17*	*8*
Kofinanzjament tad-dħul	3.1.1	*–*	*–*	*(22)*	*18*	*(4)*	*19*
Total		**–**	**(1)**	**(8)**	**28**	**18**	**27**

Iż-żieda tal-irkupru mid-dħul mill-ispejjeż jista' jiġi spjegat l-aktar miż-żieda fl-għadd ta' ordnijiet ta' rkupru maħruġa fl-2022 meta mqabbel mal-2021.

It-tnaqqis fid-dħul tal-kofinanzjament huwa dovut għat-tnaqqis fl-ispiża tal-kofinanzjament (ara n-nota **3.5**).

Id-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jista' jinqasam skont il-mod ta' ġestjoni kif ġej:

Miljuni ta' EUR

	2022	2021
Ġestjoni Diretta		
Implimentata minn:		
il-Kummissjoni	*1*	*1*
Delegazzjonijiet tal-EU	*(3)*	*7*
	(2)	**8**
Ġestjoni Indiretta		
Implimentata minn:		
Pajjiżi terzi	*13*	*27*
Korpi rregolati bil-liġi pubblika	*(3)*	*(13)*
Organizzazzjonijiet internazzjonali	*7*	*3*
Korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku	*3*	*2*
	20	**19**
Total	**18**	**27**

3.1.1. Kofinanzjament tad-dħul

Il-kontribuzzjonijiet tal-kofinanzjament riċevuti jissodisfaw il-kriterji tad-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju taħt ċerti kundizzjonijiet u, bħala tali, m'għandhomx jaffettwaw ir-rapport tal-introjtu meta jiġu riċevuti. Il-kontribuzzjonijiet jibqgħu taħt l-obbligazzjonijiet (ara n-nota **2.6.2 u 2.7.4**) sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet marbutin mal-fondi mogħtija, jiġifieri jiġġarrbu l-ispejjeż eliġibbli (ara n-nota

3.5). L-ammont korrispondenti mbagħad jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu bħala dħul mhux ta' skambju mill-kofinanzjament. Konsegwentement, l-effett fuq ir-riżultat ekonomiku tas-sena huwa żero.

3.2. DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	2022	2021
Dħul finanzjarju	-	-	*2*	*1*	*3*	*(26)*
Dħul ieħor	-	*3*	*8*	*66*	*77*	*74*
Total	**–**	**3**	**10**	**67**	**80**	**48**

It-EUR 3 miljun taħt l-intestatura dħul finanzjarju jinkludu prinċipalment imgħax akkumulat fuq ordnijiet ta' rkupru mhux imħallsa u dħul finanzjarju minn assi finanzjarji miżmuma b'surplus u defiċit b'valur ġust (ara n-nota **2.1**).

Dħul ieħor huwa relatat primarjament mal-qligħ tal-kambju. It-telf tal-kambju korrispondenti huwa rreġistrat taħt spejjeż oħrajn (ara n-nota**3.7**).

SPEJJEŻ

Inklużi taħt din l-intestatura huma l-ispejjeż imġarrbin fir-rigward tal-attivitajiet operazzjonali.

3.3. IMPLIMENTATI MINN ENTITAJIET OĦRAJN

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	2022	2021
Servizzi ta' għajnuna teknika	–	–	–	*1*	*1*	–

L-ammont ta' EUR 1 miljun jinkludi l-ispejjeż tal-assistenza teknika mġarrba minn diversi strumenti finanzjarji.

3.4. STRUMENTI TAL-GĦAJNUNA

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa'	L-10ar	Il-11-	2022	2021
Għajnuna programmata	–	–	*41*	*1 266*	*1 307*	*1 244*
Appoġġ makroekonomiku	–	*4*	–	–	*4*	*7*
Politika settorjali	–	–	–	–	*(0)*	*(5)*
Proġetti intra-AKP	–	–	*232*	*664*	*896*	*951*
Għajnuna ta' emerġenza	–	*1*	*21*	*96*	*118*	*6*
Programmi oħra ta'	–	-	–	–	–	*(1)*
Appoġġ istituzzjonali	–	–	*1*	*5*	*6*	*14*
Kontribuzzjonijiet għal Fondi	–	–	–	*458*	*458*	*646*
Total	**–**	**5**	**295**	**2 489**	**2 789**	**2 864**

L-ispejjeż operatorji tal-FEŻ ikopru diversi strumenti tal-għajnuna u jieħdu forom differenti, skont kif il-flus jitħallsu u jiġu ġestiti.

Fl-2022, it-tnaqqis fin-nefqa operazzjonali b'EUR 74 miljun kien fil-parti l-kbira l-konsegwenza tat-tnaqqis fl-ispejjeż taħt il-11-il FEŻ (EUR 2 644 miljun fl-2021 għal EUR 2 489 miljun fl-2022). Dan it-tnaqqis jista' jiġi spjegat l-aktar mit-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji (ara n-nota **2.3**). Minkejja dan, l-ispejjeż relatati mal-għajnuna ta' emerġenza żdiedu b'EUR 112 miljun wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill li jerġgħu jintużaw il-fondi mill-10 u l-11-il FEŻ biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi AKP li jirriżultaw mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Dan wassal ukoll għal żieda fl-ispejjeż taħt l-10 FEŻ minn EUR 214 miljun fl-2021 għal EUR 295 miljun fl-2022 (ara n-nota **2.2**).

It-tibdiliet fl-ispejjeż taħt id-9 FEŻ huma allinjati maċ-ċiklu tal-ħajja tal-FEŻ u huma wkoll relatati mal-evoluzzjoni tan-numru ta' kuntratti miftuħin. Fl-2022 ħafna kuntratti tlestew u ngħalqu taħt id-9 FEŻ u l-FEŻ preċedenti, li rriżulta f'anqas spejjeż imġarrba taħt dawk il-FEŻ.

3.5. SPEJJEŻ TA' KOFINANZJAMENT

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	2022	2021
Kofinanzjament	–	–	*(22)*	*18*	*(4)*	*19*

Taħt din l-intestatura hemm inklużi l-ispejjeż li saru fuq proġetti ta' kofinanzjament fl-2022. Ta' min jinnota li l-ispejjeż imġarrba jinkludu l-ammonti stmati relatati mal-eżerċizzju ta' cut-off (u konsegwentement riversjar tal-ammonti stmati relatati mas-sena li għaddiet).

L-ammont negattiv tal-ispejjeż ta' kofinanzjament huwa prinċipalment dovut għat-treġġigħ lura tal-prenotazzjonijiet tal-għeluq tas-sena l-oħra. Fl-2021, l-ispejjeż stmati tal-kofinanzjament kienu ogħla minn dawk tal-2022.

Sabiex l-ispejjeż jiġu stmati aħjar, fl-2022 il-metodu ta' allokazzjoni tal-ispejjeż lid-donaturi ta' kofinanzjament tjieb billi tqies l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament. Dan wassal għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' kofinanzjament li għandhom jiġu rikonoxxuti.

F'konformità mar-regoli kontabilistiċi dwar il-kofinanzjament, l-ammonti mġarrbin ma kellhom l-ebda impatt fuq ir-riżultat tas-sena minħabba li ġew rikonoxxuti kemm fl-ispejjeż ta' kofinanzjament kif ukoll fid-dħul ta' kofinanzjament (ara wkoll in-nota **3.1.1**).

STRUMENTI TA' GĦAJNUNA U KOFINANZJAMENT TAL-ISPEJJEŻ SKONT IT-TIP TA' ĠESTJONI

Miljuni ta' EUR

	2022	2021
Ġestjoni Diretta		
Implimentata minn:		
il-Kummissjoni	*70*	*168*
Aġenziji eżekuttivi tal-UE	*6*	*4*
Fondi Fiduċjarji	*431*	*(515)*
Delegazzjonijiet tal-EU	*1 121*	*658*
	1 628	**315**
Ġestjoni Indiretta		
Implimentata minn:		
Il-BEI u l-FEI	*39*	*113*
Organizzazzjonijiet internazzjonali	*(544)*	*1 053*
Korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku	*325*	*204*
Korpi rregolati bil-liġi pubblika	*99*	*212*
Pajjiżi terzi	*1 234*	*983*
Korpi tal-UE u Sħubija Pubblika-Privata	*4*	*3*
	1 157	**2 568**
Total	**2 785**	**2 883**

3.6. KOSTIJIET TAL-FINANZJAMENT

Miljuni ta' EUR

	It-	Id-	L-10ar	Il-11-	2022	2021
Telf nett minn indeboliment fuq self u riċevibbli	–	*(2)*	*3*	*2*	*2*	*18*
Telf fuq l-assi jew fuq l-obbligazzjonijiet	–	–	–	*2*	*2*	*1*

Sussidju ta' Tariffi	–	–	–	*1*	*1*	–
Telf minn indeboliment minn garanziji	–	–	–	*1*	*1*	–
Total	-	**(2)**	**3**	**4**	**6**	**20**

Fil-31 ta' Diċembru 2022, it-telf nett minn indeboliment relatat mal-garanzija finanzjarja kien ta' EUR 1 miljun.

Il-EUR 2 miljun ta' spejjeż finanzjarji għal assi finanzjarji fl-FVSD huma relatati prinċipalment mad-differenzi fil-kambju, l-imgħax u l-bidliet fil-valur ġust b'mod partikolari għall-istrumenti finanzjarji FOND ABC u Boost AFRICA.

L-ammont ta' EUR 1 miljun taħt l-intestatura "sussidju tat-tariffi" jirrigwarda l-ispejjeż imġarrba taħt l-istrument finanzjarju Kulima.

L-ammont negattiv taħt id-9 FEŻ għall-intestatura "telf nett minn indeboliment fuq self u riċevibbli" huwa prinċipalment dovut għat-treġġigħ lura tal-prenotazzjonijiet tal-għeluq tas-sena l-oħra. Fl-2022 l-ispejjeż stmati fuq ammonti irrekuperabbli li jirriżultaw minn ordnijiet ta' rkupru qodma (aktar minn sentejn (2)), fallimenti u rinunzji kienu ogħla minn dawk fl-2021.

3.7. SPEJJEŻ OĦRAJN

Taħt din l-intestatura huma inklużi l-ispejjeż ta' natura amministrattiva bħal servizzi esterni mhux tal-IT, spejjeż ta' kiri operattiv, komunikazzjonijiet u pubblikazzjonijiet, spejjeż ta' taħriġ eċċ.

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	2022	2021
Spejjeż amministrattivi u tal-IT	–	–	–	*56*	*56*	*98*
Telf realizzat fuq id-debituri tan-negozju	–	*2*	*1*	*1*	*4*	*7*
Telf mill-kambju	–	*3*	*7*	*50*	*60*	*41*
Total	**–**	**5**	**8**	**107**	**119**	**145**

L-intestatura Spejjeż amministrattivi u tal-IT tinkludi ammonti li huma bbażati fuq il-ftehim intern tal-FEŻ mal-Kummissjoni biex ikopri n-nefqa amministrattiva mġarrba kemm mill-Kwartieri Ġenerali kif ukoll mid-Delegazzjonijiet fir-rigward tal-ġestjoni tal-programmi tal-FEŻ. L-hekk imsejħa "spiża ta' appoġġ" tirrigwardja l-aktar l-ispejjeż għat-tħejjija, is-segwitu, il-monitoraġġ, u l-evalwazzjoni tal-proġetti kif ukoll l-ispejjeż għan-netwerks tal-kompjuter, l-assistenza teknika, il-ġestjoni finanzjarja u t-tbassir eċċ.

It-tnaqqis f'din l-intestatura huwa xprunata l-aktar mit-tnaqqis fl-ispejjeż amministrattiv u tal-IT minn EUR 98 miljun fl-2021 għal EUR 56 miljun fl-2022.

Iż-żieda fit-telf mill-kambju huwa dovut l-aktar miż-żieda fit-telf mhux realizzat mir-rivalwazzjoni tal-bilanċi miżmuma f'muniti fil-31 ta' Diċembru 2022.

4. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI U DIVULGAZZJONIJIET IMPORTANTI OĦRAJN

4.1. ASSI KONTINĠENTI

L-assi kontinġenti huma assi possibbli li jirriżultaw minn avvenimenti li seħħu fil-passat u li l-eżistenza tagħhom se tkun ikkonfermata biss bl-okkorrenza jew nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment futur inċert wieħed jew aktar li m'humiex għal kollox fil-kontroll tal-entità.

Miljuni ta' EUR

	It-	Id-	L-10ar	Il-11-	31.12.2022	31.12.2021
Garanziji ta' prefinanzjament	–	–	*2*	-	*37*	*44*
Garanziji ta' prestazzjoni	–	–	–	-	*1*	*11*
Garanziji ta' żamma	–	–	–	-	–	*9*
Total	**–**	**–**	**2**	**–**	**38**	**63**

Il-garanziji ta' prefinanzjament jintalbu f'ċerti każijiet mingħand il-benefiċjarji li ma humiex Stati Membri, meta jsiru pagamenti bil-quddiem.

Il-garanziji ta' prestazzjoni jintalbu sabiex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-finanzjament mill-FEŻ jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti tagħhom mal-FEŻ.

Il-garanziji ta' żamma jikkonċernaw biss il-kuntratti tax-xogħlijiet. Tipikament, 10 % tal-pagamenti interim lill-benefiċjarji jinżammu biex jiġi żgurat li l-kuntratturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Dawn l-ammonti miżmuma jiġu riflessi bħala ammonti pagabbli. Soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kontraenti, il-kuntrattur jista' minflok jippreżenta garanzija ta' żamma li tieħu post l-ammonti miżmuma fuq il-pagamenti interim. Dawn il-garanziji riċevuti jiġu divulgati bħala assi kontinġenti.

Għal kuntratti taħt ġestjoni indiretta, il-garanziji jappartjenu għal awtorità kontraenti oħra minbarra l-FEŻ u, għalhekk, dawn ma jiġux iddivulgati mill-FEŻ.

4.2. OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

Obbligazzjonijiet kontinġenti huma obbligi possibbli li jirriżultaw minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tagħhom tiġi kkonfermata biss bl-okkorrenza jew in-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment futur inċert wieħed jew aktar mhux kompletament fil-kontroll tal-entità, jew obbligi preżenti li jirriżultaw minn avvenimenti passati fejn il-ħruġ ta' riżorsi ma jkunx probabbli jew l-ammont ma jkunx jista' jitkejjel b'mod affidabbli.

4.2.1. Garanziji mogħtija

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Garanziji mogħtija	–	–	–	*(25)*	*(25)*	*(7)*

It-tabella ta' hawn fuq turi l-firxa tal-iskopertura tal-baġit tal-FEŻ għall-pagamenti futuri possibbli marbuta mal-garanziji mogħtija lill-grupp tal-BEI jew lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn. L-ammonti huma ppreżentati netti mill-provvedimenti finanzjarji jew l-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti għal dawk il-programmi.

L-ammont ta' EUR 25-il miljun jinkludi l-aktar garanziji taħt l-istrumenti finanzjarji li ġejjin: EUR 11 miljun taħt l-istrument finanzjarju EURITZ, EUR 10 miljun taħt il-FOND KULIMA u 4 miljun oħra taħt il-faċilità tal-katina tal-valur agrikola taż-ZAMBIA.

4.2.2. Obbligazzjonijiet kontinġenti relatati ma' kawżi legali

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Kawżi legali pendenti	–	–	*(11)*	*(7)*	*(18)*	–

Fl-2022 inbdew 3 kawża legali ġdida kontra l-Kummissjoni Ewropea.

Taħt din l-intestatura, EUR 11-il miljun huma obbligazzjonijiet kontinġenti b'rabta ma' żewġ azzjonijiet taħt il-FEŻ li qed jistennew id-data tas-smigħ orali jew is-sentenza pendenti tal-Arbitru nnominat.

Ammont ta' EUR 7 miljuni huwa relatat ma' azzjonijiet għad-danni li qed jitressqu bħalissa u li qed jistennew id-data tas-smigħ jew is-sentenza pendenti tal-Qorti ta' Brussell.

4.3. DIVULGAZZJONIJIET SINIFIKANTI OĦRAJN

4.3.1. Impenji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati

L-ammont divulgat hawn taħt huwa l-RAL ('Reste à Liquider') bażitarju li minnu tnaqqsu l-ammonti relatati li ġew inklużi bħala spejjeż fir-rapport tal-introjtu. L-RAL bażitarju huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji li għalihom għadhom ma sarux pagamenti u/jew diżimpenji. Din hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta' programmi pluriennali.

Miljuni ta' EUR

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-10ar FEŻ	Il-11-il FEŻ	31.12.2022	31.12.2021
Impenji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati	–	*16*	*349*	*4 487*	*4 853*	*6 355*

It-tnaqqis fl-RAL huwa konformi mat-tnaqqis fl-RAL bażitarju li ammonta għal EUR 6 459 miljun (2021: EUR 7 993 miljun), ikkawżati mill-għadd inqas ta' impenji individwali ffirmati matul is-sena.

5. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

Id-divulgazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-FEŻ huma marbutin mal-operazzjonijiet tat-teżor imwettqa mill-Kummissjoni f'isem il-FEŻ sabiex jiġu implimentati r-riżorsi tiegħu.

5.1. IL-POLITIKI TAL-ĠESTJONI TAR-RISKJU U L-ATTIVITAJIET TAL-IĦĦEĠĠJAR

Ir-regoli u l-prinċipji għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ u fil-Ftehim Intern.

B'riżultat tar-regolament imsemmi hawn fuq, japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

(a) *Il-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ jitħallsu mill-Istati Membri f'kontijiet speċjali miftuħa mal-bank tal-ħruġ ta' kull Stat Membru jew mal-istituzzjoni finanzjarja nnominata minnu. L-ammonti tal-kontribuzzjonijiet għandhom jibqgħu f'dawk il-kontijiet speċjali sakemm ikun meħtieġ li jsiru l-pagamenti tal-FEŻ.*

(b) *Il-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ jitħallsu mill-Istati Membri f'EUR, filwaqt li l-pagamenti tal-FEŻ jiġu ddenominati f'EUR u f'muniti oħrajn.*

(c) *Ma jistgħux jinġibdu flus aktar milli jkun hemm iddepożitati mill-kontijiet bankarji miftuħa mill-Kummissjoni f'isem il-FEŻ.*

Minbarra l-kontijiet speċjali, jinfetħu kontijiet bankarji oħrajn mill-Kummissjoni f'isem il-FEŻ, ma' istituzzjonijiet finanzjarji (banek ċentrali u banek kummerċjali), għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-pagamenti u sabiex jiġu riċevuti ammonti oħrajn minbarra l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit.

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti huma awtomatizzati ħafna u jiddependu fuq sistemi ta' informazzjoni moderni. Jiġu applikati proċeduri speċifiċi sabiex jiggarantixxu s-sigurtà tas-sistema u jiżguraw is-segregazzjoni tad-dmirijiet f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, mal-istandards tal-kontroll intern tal-Kummissjoni u mal-prinċipji tal-awditjar.

Sett ta' linji gwida u proċeduri bil-miktub jirregolaw il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti bl-għan li jiġi llimitat ir-riskju operazzjonali u finanzjarju u jiġi żgurat livell adegwat ta' kontroll. Dawn ikopru l-oqsma differenti tal-operat u l-konformità mal-linji gwida u mal-proċeduri tiġi vverifikata regolarment.

5.2. RISKJU TAL-KAMBJU

Skopertura tal-FEŻ għar-riskju tal-kambju fi tmiem is-sena – il-pożizzjoni netta

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022				31.12.2021		
	USD	EUR	Oħrajn	Total	USD	EUR	Total
Assi finanzjarji							
Assi finanzjarji fil-kost amortizzat	–	6		*6*	–	–	–
*Assi finanzjarji fl-FVSD***	14	42	9	*65*	8	30	*39*
*Riċevibbli***	*6*	*4*	–	*10*	–	*8*	*8*
Flus u ekwivalenti tal-flus	*7*	*1 015*	*5*	*1 027*	*3*	*991*	*994*
	27	**1 067**	**14**	**1 108**	**11**	**1 029**	**1 040**
Obbligazzjonijiet finanzjarji							
Obbligazzjoni tal-garanziji finanzjarji	–	*3*	–	*3*	–	–	–
	–	**3**	**–**	**3**	**–**	**–**	**–**
Total	**27**	**1 069**	**14**	**1 110**	**11**	**1 029**	**1 040**

* Mill-2021, ir-riklassifikazzjoni tal-assi finanzjarji (fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EAR11 aġġornata)
** Mill-2021, ir-riċevibbli jeskludu l-imposti differiti u l-introjtu dovut (l-ebda riskju tal-munita) u r-rekuperabbli ma jidhrux (mhux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EAR11
*** Mill-2021, l-ammonti pagabbli ma għadhomx jiġu divulati peress li mhumiex qed jesponu lill-FEŻ għal riskju sinifikanti tal-valuta (peress li l-maġġoranza l-kbira hija fl-

Il-kontribuzzjonijiet kollha jinżammu f'EUR, u l-muniti l-oħrajn jinxtraw biss meta jkunu meħtieġa sabiex isiru l-pagamenti. B'riżultat ta' dan, l-operazzjonijiet tat-teżor tal-FEŻ mhumiex esposti għar-riskju tal-valuta.

5.3. RISKJU TAR-RATA TAL-IMGĦAX

Il-FEŻ ma jissellifx flus u konsegwentement mhuwiex espost għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax.

Imgħax isir dovut fuq il-bilanċi li jżomm fil-kontijiet bankarji differenti tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'isem il-FEŻ, daħħlet fis-seħħ miżuri biex tiżgura li l-imgħax iġġenerat regolarment ikun jirrifletti r-rati tal-imgħax tas-suq, kif ukoll il-varjazzjonijiet possibbli tagħhom.

Il-kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-FEŻ jiġu kkreditati minn kull Stat Membru f'kont speċjali miftuħ mal-istituzzjoni finanzjarja ddeżinjata minnu. Billi r-rimunerazzjoni applikata għal uħud minn dawn il-kontijiet tista' attwalment tkun negattiva, hemm fis-seħħ proċeduri ta' ġestjoni tal-flus maħsuba biex inaqqsu l-bilanċi miżmuma fil-kontijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/888, kull remunerazzjoni negattiva fuq dawn il-kontijiet titħallas mill-Istat Membru rilevanti.

Il-bilanċi mil-lum għall-għada miżmuma fil-kontijiet mal-banek kummerċjali jiġu remunerati kuljum. Ir-remunerazzjoni tal-bilanċi fuq dawn il-kontijiet hija bbażata fuq ir-rati varjabbli tas-suq li fuqhom jiġi applikat marġini kuntrattwali (pożittiv jew negattiv). Għall-biċċa l-kbira tal-kontijiet, il-kalkolu tal-imgħax huwa marbut mar-rata ta' referenza tas-suq u jiġi aġġustat sabiex jirrifletti kwalunkwe varjazzjoni f'din ir-rata. B'riżultat ta' dan, il-FEŻ ma jieħu l-ebda riskju li l-bilanċi tiegħu jkunu rimunerati b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq.

5.4. RISKJU TA' KREDITU (RISKJU TAL-KONTROPARTI)

Skopertura massima għar-riskju ta' kreditu:
Għall-assi finanzjarji, l-ammonti rrapportati huma ammonti riportati netti u jirrappreżentaw l-iskopertura tal-FEŻ għar-riskju ta' kreditu fi tmiem il-perjodu tar-rapportar.

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022	31.12.2021
Assi finanzjarji		
Self	*6*	*1*
Flus u ekwivalenti tal-flus	*1 027*	*994*
*Riċevibbli ta' skambju**	*11*	*8*
Garanziji mogħtija		–
Kuntratti ta' garanzija finanzjarja	*12*	*8*
Total fil-31.12.2022	**1 056**	**1 011**

** Bl-esklużjoni tal-imposti differiti*

Self minn Strumenti Finanzjarji: kwalità tal-kreditu

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022				
	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Stadju Nru 3	POCI	Total
Aġenzija					
Grad primjum u għoli	–	–	–	–	–
Grad medju superjuri	–	–	–	–	–
Grad medju inferjuri	–	–	–	–	–
Grad mhux ta' investiment u grad ta' inadempjenza	*7*	–	–	–	*7*
Ammont riportat gross	**7**	**–**	**–**	**–**	**7**
Wara t-tnaqqis tal-kopertura għal telf	*1*	–	–	–	1
Ammont riportat nett	**6**	**–**	**–**	**–**	**6**

Flus u ekwivalenti ta' flus: kwalità tal-kreditu

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022	31.12.2021
Aġenzija		
Grad primjum u għoli	*724*	*751*
Grad medju superjuri	*299*	*241*
Grad medju inferjuri	*4*	*2*
Grad mhux ta' investiment u grad ta' inadempjenza	–	–
Ammont riportat gross	**1 027**	**994**
Wara t-tnaqqis tal-kopertura għal telf	-	-
Ammont riportat nett	**1 027**	**994**

Riċevibbli: kwalità tal-kreditu

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022					
	Mhux dovuti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Total
		0-30 jum	31-90 jum	91 jum - sena waħda (1)	> 1 sena	
Ammont riportat gross	11	–	–	–	–	*11*
Wara t-tnaqqis tal-kopertura għal telf	–	–	–	–	–	–
Ammont riportat nett	**11**	**–**	**–**	**–**	**–**	*11*

Assi finanzjarji fil-FVSD: kwalità tal-kreditu

Fl-2022 l-assi finanzjarji fl-FVSD inklużi f'dawn ir-rapporti finanzjarji huma relatati ma' investimenti ta' ekwità li mhumiex soġġetti għal riskju ta' kreditu (ara n-nota **2.1**).

5.5. RISKJU TA' LIKWIDITÀ

Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-maturità kuntrattwali li jifdal
L-obbligazzjonijiet finanzjarji u l-ammonti pagabbli taħt din l-intestatura huma divulgati mill-ammonti riportati mill-Karta tal-Bilanċ.

Miljuni ta' EUR

	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total
Obbligazzjonijiet finanzjarji fil-	*426*	*5*	–	*430*
Obbligazzjonijiet finanzjarji fil-	*501*	*6*	–	*508*

Il-prinċipji tal-baġit applikati għall-FEŻ jiżguraw li r-riżorsi ġenerali tal-flus għall-perjodu baġitarju jkunu dejjem suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti. Tabilħaqq, il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri huma daqs l-ammont globali tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-perjodu baġitarju rilevanti. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-FEŻ jitħallsu fi tliet pagamenti parzjali fis-sena, filwaqt li l-pagamenti huma soġġetti għal ċerta staġjonalità.

Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor dejjem ikunu suffiċjenti sabiex ikopru l-pagamenti li jridu jiġu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tat-teżor tiġi skambjata regolarment bejn it-teżor tal-Kummissjoni u d-dipartimenti rilevanti tal-infiq.

Minbarra dak li ntqal hawn fuq, fil-kuntest tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-FEŻ, l-għodod awtomizzati tal-ġestjoni tal-flus jiżguraw li kuljum ikun hemm likwidità suffiċjenti disponibbli f'kull kont bankarju tal-FEŻ.

6. DIKJARAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI

Il-partijiet relatati tal-FEŻ huma l-Fondi Fiduċjarji ta' Bêkou, tal-Afrika-UE, u l-Kummissjoni Ewropea. It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-UE u, minħabba li dan huwa l-każ, ma huwa meħtieġ ebda rekwiżit speċifiku ta' divulgazzjoni għal dawn it-tranżazzjonijiet f'konformità mar-regoli tal-kontabbiltà tal-UE.

Il-FEŻ ma għandu l-ebda ġestjoni separata minħabba li huwa ġestit mill-Kummissjoni. L-intitolamenti tal-maniġment prinċipali tal-UE, inkluża l-Kummissjoni, ġew divulgati fil-kontijiet annwali kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea taħt l-intestatura 7.2 "Intitolamenti tal-maniġment prinċipali".

7. EVENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI

Fid-data tat-trażmissjoni ta' dawn il-kontijiet, ma nġiebet ebda kwistjoni materjali għall-attenzjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-FEŻ li kienet teħtieġ divulgazzjoni separata f'din it-taqsima. Il-kontijiet annwali u n-noti relatati tħejjew bl-użu tal-aktar informazzjoni reċenti disponibbli u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata hawn fuq.

8. RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU U R-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

Ir-riżultat ekonomiku tas-sena jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-prinċipji tad-dovuti. Madankollu, ir-riżultat tal-baġit huwa bbażat fuq ir-regoli kontabilistiċi abbażi tal-ħlasijiet. Billi r-riżultat ekonomiku u r-riżultat tal-baġit it-tnejn ikopru l-istess tranżazzjonijiet operazzjonali sottostanti, dan huwa kontroll utli sabiex jiġi żgurat li huma rikonċiljabbli. It-tabella ta' hawn taħt turi din ir-rikonċiljazzjoni, billi tenfasizza l-ammonti ta' rikonċiljazzjoni ewlenin, maqsuma bejn l-entrati tad-dħul u tal-infiq. In-noti għat-tabella jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar in-natura tal-entrati ewlenin ta' rikonċiljazzjoni.

Miljuni ta' EUR

	2022	2021
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA	**(2 813)**	**(2 974)**
Dħul		
Intitolamenti li ma jaffettwawx ir-riżultat tal-baġit	*(5)*	–
Intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li għadhom ma nġabrux	*(3)*	(6)
Intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti	*19*	20
Effett nett tal-prefinanzjament	*37*	13
Dħul dovut (nett)	*(82)*	(69)
Oħrajn	–	–
Spejjeż		
Spejjeż tas-sena kurrenti li għadhom ma tħallsux	*16*	*111*
Spejjeż tas-snin preċedenti li tħallsu fis-sena kurrenti	*(408)*	*(741)*
Effett nett tal-prefinanzjament	*244*	*(295)*
Spejjeż dovuti (netti)	*607*	*539*
RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAS-SENA	**(2 387)**	**(3 401)**

8.1. L-ENTRATI TA' RIKONĊILJAZZJONI - DĦUL

Id-dħul baġitarju ta' sena finanzjarja jikkorrespondi għad-dħul miġbur mill-intitolamenti stabbiliti matul is-sena u l-ammonti miġbura mill-intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti.

L-**intitolamenti li ma jaffettwawx ir-riżultat tal-baġit** huma rreġistrati fir-riżultat ekonomiku, iżda minn perspettiva baġitarja dawn ma jistgħux jitqiesu bħala dħul, minħabba li l-ammont li jidħol jiġi ttrasferit għal riżervi u ma jistax jiġi impenjat mill-ġdid mingħajr deċiżjoni tal-Kunsill.

L-**intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li għadhom ma nġabrux** għandhom jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni minħabba li ma jifformawx parti mid-dħul baġitarju. Għall-kuntrarju, l-**intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti** jridu jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni.

Il-**linja tal-effett nett tal-prefinanzjament** tirreferi għall-ikklerjar tal-prefinanzjament bl-ammonti rkuprati mill-benefiċjarji. Dawn ir-riċevuti ta' flus jirrappreżentaw dħul tal-baġit iżda ma għandhom l-ebda impatt fuq ir-riżultat ekonomiku u, għalhekk, iridu jiġu miżjuda għal finijiet ta' rikonċiljazzjoni.

Id-**dħul nett dovut** jikkonsisti prinċipalment f'dovuti li jkunu saru għall-finijiet ta' cut-off fl-aħħar tas-sena. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri d-dħul dovut tas-sena kurrenti nieqes it-treġġigħ lura tad-dħul dovut tas-sena preċedenti, li jittieħed f'kunsiderazzjoni.

8.2. ENTRATI TA' RIKONĊILJAZZJONI – NEFQA

L-ispejjeż tas-sena kurrenti li għadhom ma tħallsux għandhom jiġu miżjuda għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni billi huma inklużi fir-riżultat ekonomiku iżda ma jifformawx parti min-nefqa baġitarja. Għall-kuntrarju, **l-ispejjeż tas-snin preċedenti li tħallsu fis-sena kurrenti** jridu jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni billi dawn jagħmlu parti min-nefqa baġitarja tas-sena kurrenti iżda ma għandhom l-ebda effett fuq ir-riżultat ekonomiku jew inkella jnaqqsu l-ispejjeż f'każ ta' korrezzjonijiet.

Ir-riċevuti ta' flus mill-**kanċellazzjonijiet tal-pagamenti** ma jaffettwawx ir-riżultat ekonomiku, filwaqt li jaffettwaw ir-riżultat baġitarju.

L-effett nett tal-prefinanzjament huwa l-kombinazzjoni tal-ammonti ta' prefinanzjament ġodda mħallsin fis-sena kurrenti (rikonoxxuti bħala n-nefqa baġitarja tas-sena) u l-ikklirjar tal-prefinanzjament imħallas fis-sena kurrenti jew fis-snin preċedenti permezz tal-aċċettazzjoni tal-kostijiet eliġibbli. Dan tal-aħħar jirrappreżenta spiża f'termini ta' dovuti iżda mhux fil-kontijiet baġitarji, minħabba li l-pagament tal-prefinanzjament inizjali diġà tqies bħala nefqa baġitarja fiż-żmien meta tħallas.

L-**ispejjeż netti dovuti** jikkonsistu prinċipalment f'dovuti li jkunu saru għall-finijiet ta' cut-off fl-aħħar tas-sena, jiġifieri l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji tal-fondi tal-FEŻ iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati lill-FEŻ. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri l-ispejjeż dovuti tas-sena kurrenti nieqes it-treġġigħ lura tal-ispejjeż dovuti tas-sena preċedenti, li jittieħed f'kunsiderazzjoni.

RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE KKONSOLIDATI FIL-FEŻ

RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE 2022

Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'eluf ta' euro (kEUR), jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx fl-għadd finali.

INFORMAZZJONI KUNTESTWALI

Sfond ġenerali dwar il-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni

Stabbiliment

F'konformità mal-Artikoli 234 u 235 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (RF tal-UE)[5] u mal-Artikolu 35 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (RF tal-FEŻ)[6], il-Kummissjoni Ewropea tista' tistabbilixxi fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet esterni ("fondi fiduċjarji tal-UE/EUTFs"). Il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jiġu ffurmati permezz ta' ftehim konkluż ma' donaturi oħra għal azzjonijiet ta' emerġenza u ta' wara l-emerġenza meħtieġa sabiex tittieħed azzjoni f'każ ta' kriżi, jew għal azzjonijiet tematiċi.

Il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea b'deċiżjoni wara l-konsultazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din id-deċiżjoni tinkludi l-ftehim kostituttiv ma' donaturi oħrajn.

Il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jiġu stabbiliti u implimentati biss soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Hemm valur miżjud fl-intervent tal-Unjoni: l-objettivi tal-fondi fiduċjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-iskala jew effetti potenzjali tagħhom, ikunu jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni milli fil-livell nazzjonali u l-użu tal-istrumenti finanzjarji eżistenti ma jkunx suffiċjenti biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni;
- il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jġibu viżibilità politika ċara għall-Unjoni u vantaġġi maniġerjali kif ukoll kontroll aħjar mill-Unjoni tar-riskji u tal-iżborżi tal-Unjoni u tal-kontribuzzjonijiet tad-donaturi l-oħrajn;
- il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni ma jidduplikawx kanali oħrajn ta' finanzjament diġà eżistenti, jew strumenti simili, mingħajr ma jipprovdu xi addizzjonalità;
- L-objettivi tal-fondi fiduċjarji tal-Unjoni huma allinjati mal-objettivi tal-istrument jew tal-partita baġitarja tal-Unjoni li minnhom jiġu ffinanzjati.

Fondi Fiduċjarji Kurrenti tal-UE

Sal-lum, il-Kummissjoni waqqfet erba' EUTFs:

- L-EUTF BÊKOU, li l-objettiv tiegħu huwa li jappoġġa l-aspetti kollha tal-ħruġ tar-Repubblika Ċentru-Afrikana mill-kriżi u l-isforzi tagħha ta' bini mill-ġdid. Stabbilit fil-15 ta' Lulju 2014;
- L-EUTF MADAD, Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea bħala tweġiba għall-kriżi Sirjana. Stabbilit fil-15 ta' Diċembru 2014;
- L-EUTF AFRIKA, Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiltà u li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika. Stabbilit fit-12 ta' Novembru 2015;
- L-EUTF KOLOMBJA, biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi fl-irkupru bikri u fl-istabbilizzazzjoni wara l-kunflitt. Stabbilit fit-12 ta' Diċembru 2016.

Missjoni

L-EUTF Bêkou ġie stabbilit, bil-għan li jippromwovi l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA). L-objettiv prinċipali tiegħu, kif stipulat fil-Ftehim Kostituttiv, huwa li jipprovdi għajnuna mmirata u konsistenti għar-reżiljenza ta' gruppi vulnerabbli u appoġġ għall-aspetti kollha tal-ħruġ tar-Repubblika Ċentru-Afrikana mill-kriżi, u tar-rikostruzzjoni tagħha, li jikkoordina l-azzjonijiet matul it-terminu qasir, it-terminu medju u t-terminu twil u li jgħin lill-pajjiżi ġirien jaffrontaw il-konsegwenzi tal-kriżi.

[5] Ir-Regolament (UE, EURATOM) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323.

Attivitajiet operazzjonali ewlenin

Il-fond fiduċjarju tal-Unjoni jiġbor flimkien ir-riżorsi minn donaturi differenti sabiex jiffinanzja programmi abbażi tal-objettivi miftiehma. Mill-ħolqien tiegħu f'Lulju 2014, l-EUTF Bêkou adotta 22-il programm u għen aktar minn 2,5 miljun benefiċjarju. Il-programmi għandhom jgħinu lir-Repubblika Ċentru-Afrikana (CAR) u lill-popolazzjoni tagħha wara l-kriżi tal-2013. B'mod aktar speċifiku, l-EUTF Bêkou għandu l-għan li jiżgura l-aċċess għas-servizzi bażiċi (prinċipalment is-saħħa, l-ilma u s-sanità), jappoġġa l-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tax-xogħol, u jippromwovi l-koeżjoni soċjali u r-rikonċiljazzjoni.

Governanza

Il-ġestjoni tal-EUTF Bêkou hija żgurata mill-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi wkoll bħala s-segretarjat taż-żewġ korpi governattivi tiegħu – il-Bord tal-Fond Fiduċjarju u l-Bord Operazzjonali. Il-Bord tal-Fond Fiduċjarju u l-Kumitat Operazzjonali tal-EUTF Bêkou huma msawrin minn rappreżentanti tad-donaturi, tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew, minn rappreżentant tal-awtoritajiet u minn osservaturi tar-Repubblika Ċentru-Afrikana. Ir-regoli għall-kompożizzjoni tal-bord u r-regoli interni tiegħu huma stabbiliti fil-ftehim kostituttiv tal-fond fiduċjarju tal-Unjoni.

Il-kompitu ewlieni tal-Bord huwa li jistabbilixxi u jirrieżamina l-istrateġija ġenerali tal-fond fiduċjarju. Il-Bord Operazzjonali huwa responsabbli għall-għażla tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. Japprova wkoll il-kontijiet annwali u r-rapporti annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mill-fond fiduċjarju.

Sorsi ta' finanzjament

L-EUTF Bêkou huwa ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet mid-donaturi.

Kontijiet annwali

Bażi għat-tħejjija

Il-qafas legali u l-iskadenzi għat-tħejjija tal-kontijiet annwali huma stabbiliti mill-"Ftehim li jistabbilixxi l-fond fiduċjarju tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċentru-Afrikana, 'Il-Fond Fiduċjarju tal-UE ta' Bêkou', u r-regoli interni tiegħu" ("Ftehim Kostituttiv"). Skont dan il-Ftehim Interistituzzjonali, il-kontijiet annwali jitħejjew f'konformità mar-regoli adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni (Regoli Kontabilistiċi tal-UE, EAR), li huma bbażati fuq standards kontabilistiċi aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku (IPSAS).

Uffiċjal tal-Kontabbiltà

L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni jservi bħala l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-fondi fiduċjarji tal-Unjoni. L-Uffiċjal tal-Kontabilità huwa responsabbli għall-istabbiliment tal-proċeduri kontabilistiċi u t-tabella tal-kontijiet komuni għall-fondi fiduċjarji kollha tal-Unjoni. L-Awditur Intern tal-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw l-istess setgħat fuq il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni kif jagħmlu fir-rigward tal-azzjonijiet l-oħrajn imwettqin mill-Kummissjoni. Il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jiġu soġġetti wkoll għal awditjar estern indipendenti kull sena.

Kompożizzjoni tal-kontijiet annwali

Il-kontijiet annwali jkopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru u jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. Filwaqt li r-rapporti finanzjarji u n-noti komplementari jitħejjew fuq bażi ta' kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti, ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit huma primarjament ibbażati fuq il-movimenti tal-flus kontanti.

Proċess mill-kontijiet proviżorji għall-kwittanza

Il-kontijiet annwali huma soġġetti għal awditjar estern indipendenti. Il-kontijiet annwali provviżorji mħejjija mill-Uffiċjal tal-Kontabilità jiġu trażmessi, sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara, lill-Kumitat Operazzjonali li mbagħad jittrażmettihom lill-kumpanija tal-awditjar magħżula mill-entità wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Wara l-awditu, l-Uffiċjal tal-Kontabilità jħejji l-kontijiet annwali finali u jissottomettihom lill-Kumitat Operazzjonali għall-approvazzjoni (l-Artikolu 8.3.4(c)).

Il-kontijiet annwali tal-EUTF Bêkou huma kkonsolidati fil-kontijiet annwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Punti ewlenin operazzjonali

Kisbiet tas-sena

L-UE nediet l-ewwel Fond Fiduċjarju (EUTF) tagħha, imsemmi Bêkou (jiġifieri tama fil-lingwa Sango), f'Lulju 2014 sabiex tgħin lir-Repubblika Ċentru-Afrikana (CAR) u lill-popolazzjoni tagħha wara l-kriżi tal-2013. L-EUTF Bêkou għandu l-għan li jiżgura l-aċċess għas-servizzi bażiċi (prinċipalment is-saħħa, l-ilma u s-sanità), jappoġġa l-iżvilupp rurali u l-irkupru ekonomiku, u jippromwovi r-rikonċiljazzjoni. Mill-ħolqien tiegħu, l-EUTF Bêkou ffinanzja 22 programm u għen aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-pajjiż.

Fl-2022 is-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-RĊA baqgħet mimlija tensjoni, għalkemm l-intensità tal-azzjoni armata naqset meta mqabbla mal-2021. Id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda baqgħu jinfirxu. Il-preżenza u l-azzjoni tal-Grupp Wagner fil-pajjiż jibqgħu ta' tħassib għall-UE — il-grupp li ilu taħt miżuri restrittivi tal-UE minn Diċembru 2021. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' proliferazzjoni ta' gruppi armati u milizzji, il-proċess ta' paċi fir-RĊA għadu mblukkat, minkejja l-organizzazzjoni ta' "Djalogu Repubblikan" f'Marzu. Is-sena 2022 kienet ikkaratterizzata wkoll miż-żieda fit-tensjonijiet politiċi dwar l-emenda proposta għall-Kostituzzjoni tal-President Touadéra, li tippermettilu joħroġ għat-tielet mandat. Mil-lat soċjoekonomiku, fl-2022 il-prezzijiet bażiċi tal-oġġetti żdiedu drastikament u l-pajjiż ilu għaddej minn kriżi serja tal-fjuwil b'nuqqasijiet importanti minn Ġunju. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija fir-RĊA, bħal madwar il-kontinent, ġiet affettwata u aggravata mill-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna. Is-sitwazzjoni baġitarja tal-istat hija kritika, u l-adozzjoni mill-gvern tal-kriptoassi bħala valuta legali tqajjem tħassib. F'dan il-kuntest estremament volatili, skont l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) fl-2022 madwar 3,1 miljun persuna, jew 63 % tal-popolazzjoni Ċentru-Afrikana, kienu fi bżonn urġenti ta' assistenza umanitarja.

L-aċċess umanitarju jkompli jiffaċċja ostakli sinifikanti, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' sigurtà, il-limitazzjonijiet fuq il-moviment fil-pajjiż, ir-restrizzjonijiet fiżiċi tal-ambjent (il-kwalità tat-toroq, l-għargħar, eċċ.) u l-vjolenza mwettqa kontra l-persunal umanitarju. Matul l-ewwel sitt xhur tas-sena, l-aċċess tjieb bi ftit, prinċipalment minħabba t-tneħħija ta' ċerti restrizzjonijiet amministrattivi fuq id-dħul fil-pajjiż wara l-illaxkar tal-miżuri tal-COVID-19. In-nuqqas ta' fjuwil fit-tieni nofs tas-sena affettwa l-moviment tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u tal-persunal tal-UE fil-pajjiż u lejn il-pajjiż. Dan xekkel it-twassil tal-għajnuna umanitarja u aggrava s-sitwazzjoni kritika tal-popolazzjonijiet vulnerabbli fi bżonn kbir ta' dan.

Avveniment eċċezzjonali li ta' min isemmi minħabba l-influwenza tiegħu fuq il-ħidma tal-UE fir-RĊA, inkluż il-Fond Fiduċjarju, kien nar fil-lejl tat-18 ta' Diċembru 2022 li qered il-bini tad-Delegazzjoni tal-UE. B'xorti tajba, ma kkawżax diżgrazzji umani, iżda kkawża ħsara materjali sinifikanti.

Kisbiet ewlenin f'oqsma ta' prijorità speċifiċi

Il-kisbiet ewlenin tal-2022 ippreżentati hawn taħt jirriflettu l-objettivi speċifiċi ewlenin/l-oqsma ta' intervent tal-Fond Fiduċjarju.

Fil-qasam tal-aċċess għas-servizzi, il-Fond Fiduċjarju Bêkou kompla l-appoġġ tiegħu għas-setturi tas-Saħħa u tal-WASH (Ilma, Sanità u Iġjene). Fl-ambitu tas-Saħħa, iffinanzja 408,398 konsultazzjoni medika jew preventiva u interventi tas-saħħa, prinċipalment dawk kurattivi (63 %) u konsultazzjonijiet dwar is-saħħa materna u tat-tfal (15 %). Il-proġetti tal-EUTF appoġġaw ukoll ir-riabilitazzjoni u l-bini ta' infrastruttura medika u t-taħriġ tal-persunal u r-relays tal-komunità. Fil-qasam tal-WASH, permezz tal-appoġġ tal-EUTF Bêkou, 104,597 Afrikan Ċentrali bbenefikaw minn aċċess imtejjeb għal sors ta' ilma tax-xorb jew faċilitajiet sanitarji, 119 spiera ġew riabilitati jew mibnija, filwaqt li l-bidla fl-imġiba u s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet ġew imsaħħa, permezz tat-taħriġ ta' 20 artiġjan tat-tiswija u s-sensitizzazzjoni ta' 31,021 individwu dwar l-iġjene u s-sanità.

Fil-qasam tal-koeżjoni soċjali, il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet implimentati bl-appoġġ tal-EUTF Bêkou kellhom l-għan li jagħtu s-setgħa lin-nisa u jiġġieldu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru (GBV), kif ukoll li jsaħħu l-media fil-pajjiż. 3,243 superstiti ta' GBV irċevew assistenza psikosoċjali jew medika jew appoġġ ieħor skont il-ħtiġijiet tagħhom. Għalhekk, fl-2022 ġew ipprovduti 4,985 servizz ta' appoġġ lis-superstiti. Barra minn hekk, 50,415 ċittadin tal-Afrika Ċentrali bbenefikaw direttament minn interventi għall-bini tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti, prinċipalment workshops ta' sensibilizzazzjoni relatati mal-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-EUTF Bêkou kompla wkoll il-ħidma tiegħu ma' stazzjonijiet tar-radju nazzjonali u komunitarji, billi pprovda appoġġ tekniku u finanzjarju lil 19-il stazzjon tar-radju, li jippermetti l-produzzjoni u t-tixrid ta' xandiriet relatati mar-rikonċiljazzjoni u l-koeżjoni soċjali.

Fil-qasam tal-appoġġ għall-irkupru tas-setturi ekonomiċi u produttivi, l-EUTF Bêkou assista kemm l-agrikoltura produttiva kif ukoll dik orjentata lejn is-sussistenza, appoġġa l-gruppi agrikoli u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, rawwem il-ħolqien tal-impjiegi (kemm xogħol li jirrikjedi ħafna ħaddiema, taħriġ vokazzjonali, żvilupp ta' attivitajiet li jiġġeneraw l-introjtu) u ffaċilita l-aċċess għas-servizzi finanzjarji għan-negozji ż-żgħar u l-individwi. Pereżempju, 2,733 ċittadin tal-Afrika Ċentrali bbenefikaw mill-iżvilupp tal-ħiliet permezz ta' taħriġ intraprenditorjali, finanzjarju jew vokazzjonali. 2,188 individwu ieħor ibbenefikaw minn aċċess aktar faċli għas-servizzi finanzjarji permezz ta' assoċjazzjonijiet fl-irħula għat-tfaddil u s-self.

Baġit u implimentazzjoni tal-baġit

Sa tmiem l-2022, il-kontribuzzjonijiet għall-EUTF Bêkou ammontaw għal aktar minn EUR 310 miljun, bħal fis-sena preċedenti 2021. Il-Fond Fiduċjarju ffinalizza l-impenn u l-ikkuntrattar tal-kontribuzzjonijiet kollha riċevuti fl-31 ta' Diċembru 2021, bl-eċċezzjoni ta' fondi riżervati għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-awditjar u l-komunikazzjoni li għadhom jistgħu jiġu kkuntrattati wara din id-data.

Il-kontribuzzjonijiet iċċertifikati kollha mill-baġit tal-UE, l-Istati Membri, u donaturi oħra tħallsu għal ammont totali ta' aktar minn EUR 267 miljun bl-eċċezzjoni ta' EUR 43 miljun mill-FEŻ li għad iridu jitħallsu, biex jitnaqqas l-imgħax negattiv fuq it-teżor.

F'termini ta' kuntratti, l-EUTF Bêkou ffirma 10 kuntratti ġodda inklużi 6 kuntratt ta' verifika/awditjar tal-infiq u 4 kuntratti li jikkonċernaw l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u komunikazzjoni tal-programmi, għal ammont totali ta' ftit aktar minn EUR 1,241 miljun[7].

L-aħħar iżda mhux l-anqas, fl-2022 tħallsu aktar minn EUR 30 miljun; l-iżborżi totali qabżu l-EUR 263 miljun mindu nħoloq l-EUTF Bêkou.

Impatt tal-attivitajiet fir-rapporti finanzjarji

Fir-rapporti finanzjarji, l-impatt tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq jinħass l-aktar meta wieħed iħares lejn:

- Spejjez operatorji: imnaqqsa b'EUR 25 770 bħala riżultat tal-istralċ tal-Fond Fiduċjarju u tnaqqis konsegwenti fl-għadd ta' kuntratti miftuħa;
- Il-prefinanzjament: naqas b'kEUR 811 minħabba l-fatt li l-ikklerjar tal-prefinanzjament għal proġetti ligħadhom għaddejjin jew li ntemmu kien ogħla mill-ammonti ta' pre-finanzjament ġdid li jirriżultaw minn kuntratti ġodda ffirmati fl-2022: fl-2022 ġew iffirmati biss 10 kuntratt relatati ma' attivitajiet ta' awditjar, evalwazzjoni u komunikazzjoni għal ammont ta' EUR 1 241;
- L-għadd ferm aktar baxx ta' kuntratti miftuħa fi tmiem l-2022 ikkawżat mill-istralċ tal-Fond Fiduċjarju rriżulta fi tnaqqis sostanzjali ta' imposti dovuti bi EUR 12 239;
- Obbligazzjonijiet finanzjarji: żdiedu b'EUR 9 385 prinċipalment minħabba l-fatt li l-kontribuzzjonijiet imsarrfa ma kinux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż netti allokati lid-donaturi.

[7] L-ammont totali ta' 1.241 miljun jinkludi l-ammonti impenjati u diżimpenjati matul is-sena 2022.

KARTA BILANĊJALI

EUR '000

	Nota	31.12.2022	31.12.2021
ASSI MHUX KURRENTI			
Prefinanzjament	*2.1*	*336*	*214*
		336	**214**
ASSI KURRENTI			
Prefinanzjament	*2.1*	*10 829*	*11 762*
Ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta'	*2.2*	*3 595*	*4 446*
Flus u ekwivalenti tal-flus	*2.3*	*4 316*	*3 792*
		18 740	**20 000**
ASSI TOTALI		**19 076**	**20 214**
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI			
Obbligazzjonijiet finanzjarji	*2.4*	*(12 552)*	*(3 167)*
		(12 552)	**(3 167)**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Ammonti pagabbli	*2.5*	*(4 563)*	*(2 847)*
Imposti dovuti	*2.6*	*(1 961)*	*(14 200)*
		(6 524)	**(17 047)**
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**(19 076)**	**(20 214)**
ASSI NETTI		**–**	**–**

RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

EUR '000

	Nota	2022	2021
DĦUL			
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju			
Dħul minn donazzjonijiet	*3.1*	*21 504*	*46 995*
Rkupru tal-ispejjeż	*3.2*	*42*	*–*
		21 546	**46 995**
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju			
Dħul finanzjarju	*3.3*	*40*	*–*
		40	**–**
Dħul totali		**21 586**	**46 995**
SPEJJEŻ			
Spejjeż operatorji	*3.4*	*(20 251)*	*(46 021)*
Kostijiet tal-finanzjament	*3.5*	*(12)*	*(48)*
Spejjeż oħrajn	*3.6*	*(1 323)*	*(925)*
Spejjeż totali		**(21 586)**	**(46 995)**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		**–**	**–**

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS

EUR '000

	2022	2021
Riżultat ekonomiku tas-sena	*–*	*–*
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament	*811*	*5 924*
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli ta' skambju u fir-rekuperabbli mhux ta' skambju	*851*	*894*
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji	*9 385*	*(14 671)*
Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli	*1 716*	*2 052*
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti	*(12 240)*	*2 254*
FLUSS TAL-FLUS NETT	**524**	**(3 547)**
Żieda netta/(tnaqqis nett) fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus	*524*	*(3 547)*
Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena	*3 792*	*7 339*
Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena	*4 316*	*3 792*

RAPPORTI FINANZJARJI TAL-EUTF AFRIKA 2022

Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'eluf ta' euro (kEUR), jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx fl-għadd finali.

INFORMAZZJONI TA' SFOND DWAR L-EUTF AFRIKA

Sfond ġenerali dwar il-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni

Stabbiliment

F'konformità mal-Artikoli 234 u 235 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (RF tal-UE)[8] u mal-Artikolu 35 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (RF tal-FEŻ)[9], il-Kummissjoni Ewropea tista' tistabbilixxi fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet esterni ("fondi fiduċjarji tal-UE/EUTFs"). Il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jiġu ffurmati permezz ta' ftehim konklużż ma' donaturi oħra għal azzjonijiet ta' emerġenza u ta' wara l-emerġanza meħtieġa sabiex tittieħed azzjoni f'każ ta' kriżi, jew għal azzjonijiet tematiċi.

Il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea b'deċiżjoni wara l-konsultazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din id-deċiżjoni tinkludi l-ftehim kostituttiv ma' donaturi oħrajn.

Il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jiġu stabbiliti u implimentati biss soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Hemm valur miżjud fl-intervent tal-Unjoni: l-objettivi tal-fondi fiduċjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-iskala jew effetti potenzjali tagħhom, ikunu jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni milli fil-livell nazzjonali u l-użu tal-istrumenti finanzjarji eżistenti ma jkunx suffiċjenti biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni;
- il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jġibu viżibilità politika ċara għall-Unjoni u vantaġġi maniġerjali kif ukoll kontroll aħjar mill-Unjoni tar-riskji u tal-iżborżi tal-Unjoni u tal-kontribuzzjonijiet tad-donaturi l-oħrajn;
- il-fondi fiduċjarji tal-Unjoni ma jidduplikawx kanali oħrajn ta' finanzjament diġà eżistenti, jew strumenti simili, mingħajr ma jipprovdu xi addizzjonalità;
- L-objettivi tal-fondi fiduċjarji tal-Unjoni huma allinjati mal-objettivi tal-istrument jew tal-partita baġitarja tal-Unjoni li minnhom jiġu ffinanzjati.

Fondi Fiduċjarji Kurrenti tal-UE

Sal-lum, il-Kummissjoni waqqfet erba' EUTFs:

- L-EUTF BÊKOU, li l-objettiv tiegħu huwa li jappoġġa l-aspetti kollha tal-ħruġ tar-Repubblika Ċentru-Afrikana mill-kriżi u l-isforzi tagħha ta' bini mill-ġdid. Stabbilit fil-15 ta' Lulju 2014;
- L-EUTF MADAD, Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea bħala tweġiba għall-kriżi Sirjana. Stabbilit fil-15 ta' Diċembru 2014;
- L-EUTF AFRIKA, Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiltà u li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika. Stabbilit fit-12 ta' Novembru 2015;
- L-EUTF KOLOMBJA, biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi fl-irkupru bikri u fl-istabbilizzazzjoni wara l-kunflitt. Stabbilit fit-12 ta' Diċembru 2016.

Missjoni

L-objettivi ewlenin tal-EUTF Afrika huma li jappoġġa l-aspetti kollha tal-istabbiltà u li jikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni, kif ukoll li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża d-destabbilizzazzjoni, l-ispostament sfurzat u l-migrazzjoni irregolari, b'mod partikolari billi jippromwovi r-reżiljenza, l-opportunitajiet indaqs u ekonomiċi, is-sigurtà u l-iżvilupp u l-indirizzar tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

[8] Ir-Regolament (UE, EURATOM) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323.

Attivitajiet operazzjonali ewlenin

Il-fond fiduċjarju tal-Unjoni jiġbor flimkien ir-riżorsi minn donaturi differenti sabiex jiffinanzja azzjoni abbażi tal-objettivi miftiehma. L-EUTF Afrika jopera fi tliet żoni ġeografiċi ewlenin, jiġifieri r-reġjun tas-Saħel u ż-żona tal-Lag Chad, il-Qarn tal-Afrika u t-Tramuntana tal-Afrika. Il-pajjiżi ġirien tal-pajjiżi eliġibbli jistgħu jibbenefikaw, fuq bażi ta' każ b'każ, mill-proġetti tal-fond fiduċjarju. Il-fond fiduċjarju huwa stabbilit għal perjodu limitat sabiex jipprovdi rispons fuq terminu qasir u medju għall-isfidi tar-reġjuni.

Governanza

Il-ġestjoni tal-EUTF Afrika hija żgurata mill-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi wkoll bħala s-segretarjat taż-żewġ korpi governattivi tiegħu – il-Bord tal-Fond Fiduċjarju u l-Bord Operazzjonali. Il-Bord tal-Fond Fiduċjarju u l-Kumitat Operazzjonali tal-EUTF għall-Afrika huma komposti minn rappreżentanti tad-donaturi u tal-Kummissjoni, kif ukoll minn rappreżentanti ta' Stati Membri tal-UE mhux kontributuri, l-awtoritajiet tal-pajjiżi eliġibbli u organizzazzjonijiet reġjonali bħala osservaturi. Ir-regoli għall-kompożizzjoni tal-bord u r-regoli interni tiegħu huma stabbiliti fil-ftehim kostituttiv tal-fond fiduċjarju tal-Unjoni.

Il-kompitu ewlieni tal-Bord huwa li jistabbilixxi u jirrieżamina l-istrateġija ġenerali tal-fond fiduċjarju. Il-Bord Operazzjonali huwa responsabbli għall-għażla tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. Japprova wkoll il-kontijiet annwali u r-rapporti annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mill-fond fiduċjarju.

Sorsi ta' finanzjament

L-EUTF Bêkou huwa ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet mid-donaturi. Kontijiet annwali

Bażi għat-tħejjija

Il-qafas legali u l-iskadenzi għat-tħejjija tal-kontijiet annwali huma stabbiliti mill-"Ftehim li jistabbilixxi l-fond fiduċjarju ta' emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiltà u li jindirizza l-kawżi fl-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u tal-persuni spustjati fl-Afrika u r-regoli interni tiegħu" ("Ftehim Kostituttiv"). Skont dan il-Ftehim Interistituzzjonali, il-kontijiet annwali jitħejjew f'konformità mar-regoli adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni (Regoli Kontabilistiċi tal-UE, EAR), li huma bbażati fuq standards kontabilistiċi aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku (IPSAS).

Uffiċjal tal-Kontabbiltà

Fuq il-bażi tal-Ftehim kostituttiv, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni jservi bħala l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Fond Fiduċjarju.

Kompożizzjoni tal-kontijiet annwali

Il-kontijiet annwali jkopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru u jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. Filwaqt li r-rapporti finanzjarji u n-noti komplementari jitħejjew fuq bażi ta' kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti, ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit huma primarjament ibbażati fuq il-movimenti tal-flus kontanti.

Proċess mill-kontijiet proviżorji għall-kwittanza

Il-kontijiet annwali huma soġġetti għal awditjar estern indipendenti. Il-kontijiet annwali provviżorji mħejjija mill-Uffiċjal tal-Kontabilità jiġu trażmessi, sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara, lill-Kumitat Operazzjonali li mbagħad jittrażmettihom lill-kumpanija tal-awditjar magħżula mill-entità wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Wara l-awditu, l-Uffiċjal tal-Kontabilità jħejji l-kontijiet annwali finali u jissottomettihom lill-Kumitat Operazzjonali għall-approvazzjoni.

Il-kontijiet annwali tal-EUTF Afrika huma kkonsolidati fil-kontijiet annwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Punti ewlenin operazzjonali

Kisbiet tas-sena

F'konformità ma' tmiem il-perjodu ta' kuntrattar fil-31 ta' Diċembru 2021, minn Jannar 2 022 l-EUTF għall-Afrika mhux se jiffinanzja impenji finanzjarji ġodda jew żidiet baġitarji. L-impenji finanzjarji relatati ma' attivitajiet amministrattivi bħal awditi, evalwazzjonijiet, monitoraġġ u attivitajiet ta' komunikazzjoni huma l-uniċi li jistgħu jiġu kkuntrattati. Il-programmi tal-EUTF Afrika se jkomplu jiġu implimentati sa tmiem l-2025.

Matul l-2022, l-EUTF Afrika wera wkoll li huwa għodda ta' implimentazzjoni rapida u effettiva, li tiffaċilita d-djalogu ta' politika mal-pajjiżi sħab Afrikani, tapplika approċċi innovattivi, u tipproduċi riżultati tanġibbli fit-tliet reġjuni (is-Saħel u l-Lag Chad, il-Qarn tal-Afrika u l-Afrika ta' Fuq).

L-EUTF Afrika kompla jikkonsolida l-kisbiet tiegħu fi sħubija mal-aġenziji tal-iżvilupp tal-Istati Membri tal-UE, l-organizzazzjonijiet tan-NU, il-NGOs u l-pajjiżi sħab. F'konformità mad-data tat-tmiem tal-kuntratti tal-Fond Fiduċjarju fi tmiem l-2021, l-ammont totali tal-programmi operazzjonali approvati baqa' l-istess bħal fl-2021 (EUR 4 935,1 miljun). Fi tmiem l-2022 u minn mindu nbeda l-Fond Fiduċjarju ġew approvati 248 programm. Sa tmiem l-2022, il-pagamenti operazzjonali kumulattivi kienu laħqu madwar EUR 4 176 miljun.

Fl-2022, l-EUTF Afrika kompla jappoġġa l-istabbiltà, u jindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni u tal-ispostament furzat, inklużi l-kawżi ewlenin tagħhom, u l-opportunitajiet, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab Afrikani fir-reġjuni tas-Saħel u l-Lag Chad, il-Qarn tal-Afrika u l-Afrika ta' Fuq. Dawn jinkludu l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, u l-appoġġ għar-ritorn volontarju lejn il-pajjiż ta' oriġini, u r-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti ġewwa l-pajjiż.

Matul is-sena li għaddiet, il-wegħda globali lill-EUTF Afrika baqgħet daqs dik tal-2021 u ammontat għal kważi EUR 5 061,7 miljun, li minnhom EUR 623,2 miljun mill-Istati Membri tal-UE u minn donaturi oħrajn (ir-Renju Unit, in-Norveġja u l-Iżvizzera).

Il-kontabbiltà u t-trasparenza ġew żgurati permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq bażi regolari fosthom aġġornamenti regolari fuq is-sit web tal-EUTF Afrika, il-pubblikazzjoni ta' posts fuq il-media soċjali u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' komunikazzjoni. Bħal fis-snin preċenti, ir-rapporti tas-Sistema ta' Monitoraġġ u ta' Apprendiment (MLS) (disponibbli fuq is-sit web ta' EUTF Afrika) dwar is-Saħel u l-Lag Chad u l-Qarn tal-Afrika komplew juru r-riżultati tanġibbli miksubin mill-EUTF Afrika f'oqsma differenti ta' ħidma. Is-sistema ta' Monitoraġġ u Tagħlim tar-reġjun tal-Afrika ta' Fuq ittieħdet minn sieħeb ta' implimentazzjoni differenti fi tmiem l-2021. Huwa ppreżenta l-ewwel rapport annwali tiegħu li jippreżenta riżultati kumulattivi fir-reġjun biex jirrapporta l-progress meta mqabbel mas-sett ta' indikaturi komuni tal-output tal-Fond Fiduċjarju.

Matul l-2022 il-pajjiżi tat-tliet reġjuni ffaċċjaw żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija u flussi migratorji kkawżati minn taħlita ta' fatturi soċjopolitiċi u ekonomiċi aggravati mill-effetti dejjem jikbru tat-tibdil fil-klima. Filwaqt li l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 kien għadu tanġibbli, l-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna wasslet għal żieda fil-kostijiet tal-importazzjoni tal-ikel u tal-fjuwil. Din l-inflazzjoni ekonomika flimkien ma' nixfiet severi, għargħar u kunflitti lokali kellhom impatt negattiv fuq l-ekonomija, is-sigurtà tal-ikel u konsegwentement fuq il-migrazzjoni u l-mobilità fil-kontinent.

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà tar-reġjun tas-Saħel u tal-Lag Chad baqgħet ta' tħassib b'livelli għoljin ta' vjolenza u tensjonijiet interkomunali flimkien ma' sitwazzjoni politika instabbli (b'mod partikolari fil-Mali, il-Burkina Faso u ċ-Ċad). Iż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi u tal-ikel flimkien ma' nixfiet kbar, għargħar, u kunflitti naqqsu r-reġjun tas-Saħel u tal-Lag Chad fl-agħar kriżi tal-ikel tiegħu f'aktar minn għaxar snin. Huma stmat li minn Ġunju 2022 38 miljun persuna jistgħu jkunu qed ibatu l-ġuħ fl-Afrika tal-Punent. Fl-istess ħin, l-ispostament intern kompla jiżdied b' 4.6 miljun persuna spustati jew refuġjati fil-Burkina Faso, il-Mali, in-Niġer, iċ-Ċad u l-Mawritanja fl-ewwel semestru tal-2022 (żieda minn 4,2 miljun f'Diċembru 2021). Il-finanzjament totali approvat fir-reġjun tas-Saħel u tal-Lag Chad mill-bidu tal-EUTF għall-Afrika jammonta għal EUR 2 217,8 miljun.

Fir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika, in-nixfa u d-degradazzjoni ambjentali aggravati minn żieda qawwija fil-prezzijiet tal-ikel u tal-fjuwil, wasslu għal kriżi tas-sigurtà tal-ikel b'mod partikolari fl-Etjopja, il-Kenja u s-Somalja b'madwar 20 miljun persuna li qed ibatu biex jissopravivu u huwa stmat li bħalissa 55 miljun ruħ fir-reġjun kollu qed jiffaċċjaw nuqqas ta' sigurtà tal-ikel. L-għargħar ikkontribwixxa wkoll b'mod sinifikanti għall-ispostament, b'mod partikolari fis-Sudan u s-Sudan t'Isfel. Filwaqt li l-instabbiltà u l-kunflitti persistenti komplew jaggravaw is-sitwazzjoni fir-reġjun, seħħew żviluppi politiċi inkoraġġanti: fl-Etjopja

ġie ffirmat ftehim ta' waqfien tal-ostilitajiet, fil-Kenja saret elezzjoni ġenerali relattivament kalma, u fis-Sudan ġie ffirmat Ftehim Qafas għall-formazzjoni ta' Gvern tranżitorju. Il-finanzjament totali li ġie approvat fir-reġjun tas-Saħel u tal-Lag Chad mill-bidu tal-EUTF għall-Afrika jammonta għal EUR 1 810 miljun.

Fir-reġjun tal-Afrika ta' Fuq, l-iskarsezza tal-ikel u tal-enerġija, flimkien mal-impatt destabbilizzanti tal-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna u l-impatt ekonomiku u soċjali li għadu tanġibbli tal-COVID-19, aggravati mill-effetti dejjem jikbru tat-tibdil fil-klima, iffurmaw sensiela ta' avvenimenti stressanti li affettwat lill-pajjiżi fir-reġjun. Il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq huma pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni għall-migrazzjoni. Fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali, aktar minn 90 000 migrant u refuġjat waslu fl-Ewropa fl-2022 u telqu prinċipalment mil-Libja u t-Tuneżija, u joriġinaw primarjament mill-Eġittu, mit-Tuneżija u mill-Bangladesh. Dan jirrappreżenta żieda ta' aktar minn 50 % meta mqabbel mal-2021 u żieda fil-migranti mill-Asja u mill-Afrika ta' Fuq. Minn mindu nbeda l-EUTF għall-Afrika ġie approvat total ta' finanzjament ta' EUR 907,3 miljun fir-reġjun tal-Afrika ta' Fuq.

Baġit u implimentazzjoni tal-baġit

Fl-2022, ma sar l-ebda programm ġdid jew żidiet baġitarji f'wieħed mit-tliet reġjuni tal-EUTF għall-Afrika, f'konformità ma' tmiem il-perjodu ta' kuntrattar fl-31 ta' Diċembru 2021.

Meta jitqies it-total impenjat imnaqqas mill-ammont diżimpenjat, l-ammont totali impenjat għan-nefqa operazzjonali u amministrattiva mill-bidu tal-EUTF għall-Afrika ammonta għal EUR 5 056,31 miljun.

Meta jitqies l-ammont nett impenjat u li ma sar l-ebda diżimpenn, meta mqabbel mal-EUR 112 miljun fl-2021, fl-2022 saru 34 kuntratt ġdid għal ammont ta' EUR 3,32 miljun. Dawn il-kuntratti kienu relatati biss ma' attivitajiet amministrattivi (awditjar, evalwazzjoni, komunikazzjoni, monitoraġġ) peress li l-programmi jew l-attivitajiet operazzjonali ma jistgħux jiġu ffinanzjati aktar minn Jannar 2022.

Il-pagamenti fil-perjodu ta' rapportar laħqu EUR 442 miljun, li kienu EUR 306 miljun inqas milli fl-2021 (EUR 748 miljun). Il-pagamenti huma aktar baxxi fl-2022, minħabba li bosta proġetti waslu fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tagħhom; dawn huma konformi max-xejriet tal-previżjoni annwali.

Fl-2022, l-implimentazzjoni totali tal-baġit f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli użati mill-impenji laħqet 99 % (inkluż irkupru u ammonti diżimpenjati).

Fl-2022, il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tħalli impatt fuq il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-EUTF Afrika, għalkemm mhux b'mod sever daqs fl-2021. Il-finanzjament orjentat mill-ġdid fl-2021 u fl-2020 biex jipprovdi r-rispons meħtieġ għall-pandemija kompla jintuża biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tal-COVID-19, inklużi attivitajiet ta' prevenzjoni jew miżuri ta' mitigazzjoni soċjoekonomiċi.

Mill-bidu tal-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna, il-prezzijiet globali tal-ikel u tal-komoditajiet żdiedu malajr, u affettwaw serjament lill-pajjiżi Afrikani. Għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Afrikani li huma dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-ikel u tal-fjuwil, l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet globali tal-prodotti bażiċi fuq il-baġits nazzjonali kif ukoll fuq l-ikel domestiku, l-enerġija, u l-prezzijiet għall-konsumatur huwa kritiku. L-inflazzjoni ekonomika affettwat l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-EUTF, u naqqset il-kapaċità tal-akkwist tas-sħab u tal-benefiċjarji, u kellha effett sinifikanti fuq l-interventi li jipprovdu trasferimenti soċjali (attivitajiet in natura jew fi flus) biex jissemma eżempju wieħed.

Impatt tal-attivitajiet fir-rapporti finanzjarji

Fir-rapporti finanzjarji, l-impatt tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq jinħass l-aktar meta wieħed iħares lejn:

- **Prefinanzjament:** naqas b' EUR 173 980 minħabba l-fatt li l-ikklerjar tal-prefinanzjament bi spejjeż imġarrba għal proġetti li għadhom għaddejjin jew li ntemmu kien ogħla mill-ammonti ta' pre-finanzjament ġdid li jirriżultaw minn kuntratti ġodda ffirmati fl-2022. Fl-2022 ġew iffirmati biss 30 kuntratt relatati ma' attivitajiet amministrattivi: awditjar, evalwazzjoni, komunikazzjoni u monitoraġġ għal ammont ta' EUR 2,69 miljun;

- **Obbligazzjonijiet finanzjarji:** naqsu b'EUR 190 739 prinċipalment minħabba l-fatt li l-kontribuzzjonijiet imsarrfa matul is-sena ma kinux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż netti allokati lid-donaturi. Dan wassal għal tnaqqis fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus;

- **Spejjeż operazzjonali:** imnaqqsa b'EUR 265 746 bħala riżultat tal-istralċ tal-Fond Fiduċjarju. L-2022 kienet l-ewwel sena wara tmiem il-perjodu ta' kuntrattar, li wassal għal tnaqqis fl-għadd ta' kuntratti miftuħa u għalhekk tnaqqis fl-ispejjeż.

KARTA BILANĊJALI

f'eluf ('000) ta' EUR

	Nota	31.12.2022	31.12.2021
ASSI MHUX KURRENTI			
Assi Finanzjarji	*2.1*	*1 943*	*–*
Prefinanzjament	*2.2*	*14 927*	*55 305*
		16 870	**55 305**
ASSI KURRENTI			
Prefinanzjament	*2.2*	*304 055*	*437 657*
Ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' skambju u ammonti rekuperabbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	*2.3*	*35 914*	*45 339*
Flus u ekwivalenti tal-flus	*2.4*	*157 587*	*179 759*
		497 556	**662 755**
ASSI TOTALI		**514 426**	**718 061**
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI			
Obbligazzjonijiet finanzjarji	*2.5*	*(334 791)*	*(525 530)*
		(334 791)	**(525 530)**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Ammonti pagabbli	*2.6*	*(30 975)*	*(53 143)*
Imposti dovuti	*2.7*	*(148 660)*	*(139 388)*
		(179 635)	**(192 531)**
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**(514 426)**	**(718 061)**
ASSI NETTI		**–**	**–**

RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

f'eluf ('000) ta' EUR

	Nota	2022	2021
DĦUL			
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju			
Dħul minn donazzjonijiet	*3.1*	*605 739*	*871 456*
Irkupru tal-ispejjeż	*3.2*	*754*	*16*
		606 493	**871 472**
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju			
Dħul finanzjarju	*3.3*	*251*	*131*
Dħul f'munita barranija ieħor	*3.4*	*18 902*	*16 340*
		19 152	**16 471**
Dħul totali		**625 645**	**887 943**
SPEJJEŻ			
Spejjeż operatorji	*3.5*	*(590 545)*	*(856 291)*
Kost tal-finanzjament	*3.6*	*(643)*	*(550)*
Spejjeż oħrajn	*3.7*	*(34 457)*	*(31 103)*
Spejjeż totali		**(625 645)**	**(887 943)**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		**–**	**–**

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS

f'eluf ('000) ta' EUR

	2022	2021
Riżultat ekonomiku tas-sena	*–*	*–*
Attivitajiet operazzjonali		
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament	*173 980*	*159 078*
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli ta' skambju u fir-rekuperabbli mhux ta' skambju	*9 425*	*(38 992)*
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji	*(190 739)*	*(20 849)*
Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli	*(22 168)*	*7 765*
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti	*9 272*	*14 786*
Attivitajiet ta' investiment		
*Żieda/tnaqqis fl-assi finanzjarji nonderivattivi fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit**	*(1 943)*	*–*
FLUSS TAL-FLUS NETT	**(22 172)**	**121 788**
Żieda netta/(tnaqqis nett) fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus	*(22 172)*	*121 788*
Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena	*179 759*	*57 971*
Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena	*157 587*	*179 759*

RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-FEŻ U TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE

Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx fl-għadd finali.

KARTA TAL-BILANĊ KONSOLIDATA

Miljuni ta' EUR

	31.12.2022	31.12.2021
ASSI MHUX KURRENTI		
Assi finanzjarji	*69*	*39*
Prefinanzjament	*503*	*726*
Riċevibbli ta' skambju	*7*	*4*
	580	**770**
ASSI KURRENTI		
Assi finanzjarji	*3*	*–*
Prefinanzjament	*1 711*	*1 902*
Ammonti riċevibbli li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' skambju u	*66*	*85*
Flus u ekwivalenti tal-flus	*1 189*	*1 177*
	2 970	**3 164**
ASSI TOTALI	**3 550**	**3 934**
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI		
Obbligazzjonijiet finanzjarji	*(101)*	*(154)*
	(101)	**(154)**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI		
Ammonti pagabbli	*(462)*	*(557)*
Imposti dovuti u introjtu differit	*(1 282)*	*(1 162)*
	(1 744)	**(1 719)**
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI	**(1 845)**	**(1 873)**
ASSI NETTI	**1 705**	**2 061**
FONDI U RIŻERVI		
Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi	*65 100*	*62 643*
Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati	*2 252*	*2 252*
Riżultat ekonomiku riportat mis-snin preċedenti	*(62 834)*	*(59 860)*
Riżultat ekonomiku tas-sena	*(2 813)*	*(2 974)*
ASSI NETTI	**1 705**	**2 061**

RAPPORT TAL-INTROJTU KONSOLIDAT

Miljuni ta' EUR

	2022	2021
DĦUL		
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju		
Attivitajiet ta' rkupru	*19*	*27*
Dħul minn donazzjonijiet tal-fondi fiduċjarji	*169*	*272*
	188	**300**
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju		
Dħul finanzjarju	*3*	*(25)*
Dħul ieħor	*96*	*90*
	99	**64**
Dħul totali	**287**	**364**
SPEJJEŻ		
Strumenti tal-għajnuna	*(2 331)*	*(2 218)*
Spejjeż implimentati minn entitajiet oħrajn	*(1)*	*–*
Spejjeż implimentati minn fondi fiduċjarji	*(611)*	*(902)*
Kofinanzjament tal-ispejjeż	*4*	*(19)*
Kostijiet tal-finanzjament	*(7)*	*(21)*
Spejjeż oħrajn	*(155)*	*(178)*
Spejjeż Totali	**(3 100)**	**(3 338)**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA	**(2 813)**	**(2 974)**

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS KONSOLIDAT

Miljuni ta' EUR

	2022	2021
Riżultat ekonomiku tas-sena	*(2 813)*	*(2 974)*
Attivitajiet operazzjonali		
Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet	*2 458*	*3 657*
(Żieda)/tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji	*(0)*	*–*
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament	*414*	*266*
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli ta' skambju u fir-rekuperabbli mhux ta' skambju	*16*	*66*
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti	*1*	*0*
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji	*(54)*	*(19)*
Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli	*(96)*	*(104)*
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit	*120*	*(502)*
Movimenti oħrajn mhux ta' flus	*–*	*-*
Attivitajiet ta' investiment		
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	*(33)*	*(7)*
FLUSS TAL-FLUS NETT	**12**	**384**
Żieda netta/(tnaqqis nett) fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus	12	384
Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena	1 177	793
Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena	1 189	1 177

RAPPORT KONSOLIDAT TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI

Miljuni ta' EUR

	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A)-(B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa	Riżerva ta' valur ġust (F)	Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)+(F)
BILANĊ FIL-31.12.2020	**73 041**	**14 055**	**58 986**	**(59 854)**	**2 252**	**(5)**	**1 379**
L-impatt ta' EAR 11 riveduta	–	–	–	*(5)*		*5*	
Bilanċ fl-01.01.2021	**73 041**	**14 055**	**58 986**	**(59 860)**	**2 252**	**-**	**1 379**
Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet	*(43)*	*(3 700)*	*3 657*	–	–		*3 657*
Riżultat ekonomiku tas-sena	–	–	–	*(2 974)*	–		*(2 974)*
BILANĊ FIL-31.12.2021	**72 998**	**10 355**	**62 643**	**(62 834)**	**2 252**	**–**	**2 061**
Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet	*(43)*	*(2 500)*	*2 457*				*2 457*
Riżultat ekonomiku tas-sena			–	*(2 813)*			*(2 813)*
BILANĊ FIL-31.12.2022	**72 955**	**7 855**	**65 100**	**(65 647)**	**2 252**	**–**	**1 705**

RAPPORT TAL-FEŻ DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA

KONTENUT

1. BACKGROUND 77
1.1. Previous EDFs 77
1.2. 10th and 11th EDF 78
2. FINANCIAL IMPLEMENTATION 79
2.1. Financial outturn 79
2.2. Revenue 83
2.3. Operational Expenditure and specific programmes 84
3. GLOSSARY 90

1. SFOND

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li tnieda fl-1959 huwa l-istrument ewlieni għall-forniment ta' għajnuna tal-UE għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u mal-Pajjiżi u mat-Territorji Ekstra-Ewropej (PTEE). L-objettiv prinċipali tiegħu huwa t-tnaqqis, u eventwalment, il-qerda tal-faqar.

Il-FEŻ huwa stabbilit permezz ta' Ftehim Intern tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri u ġestit minn kumitat speċifiku. Ir-riżorsi tal-FEŻ huma kontribuzzjonijiet "ad hoc" mill-Istati Membri tal-UE, li jiddeċiedu dwar ammont globali li jiġi allokat għall-fond (fuq perjodu ta' ħames snin). Minbarra dawn il-kontribuzzjonijiet, huwa possibbli wkoll li l-Istati Membri jidħlu f'arranġamenti ta' kofinanzjament jew li jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji lill-FEŻ. Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-implimentazzjoni finanzjarja tal-operazzjonijiet imwettqin bir-riżorsi tal-FEŻ. Il-Bank Ewropew tal-Investiment jimmaniġġja l-Faċilità ta' Investiment.

Il-FEŻ huwa fond li jopera fuq il-bażi tal-multiannwalità. Kull FEŻ jiġi konkluż għal perjodu ta' madwar ħames snin u jkun irregolat bir-Regolament Finanzjarju tiegħu stess, li jirrikjedi t-tħejjija ta' rapporti finanzjarji għal kull FEŻ individwali. Għaldaqstant, ir-rapporti finanzjarji jitħejjew separatament għal kull FEŻ fir-rigward tal-parti li hija ġestita mill-Kummissjoni.

Il-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-aħħar FEŻ, il-11-il FEŻ (2014-2020), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015. Mill-2021, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi AKP hija inkluża fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI). Madankollu, il-proġetti li għaddejjin, iffinanzjati mill-FEŻ, se jkomplu bl-implimentazzjoni tagħhom, taħt il-bażi ġuridika rispettiva tal-FEŻ.

Dan ir-rapport huwa prodott f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ[10]. Jippreżenta informazzjoni dwar id-dħul u tan-nefqa tal-FEŻ, b'enfasi fuq avvenimenti importanti li kellhom impatt sinifikanti fuq l-implimentazzjoni finanzjarja tas-sena 2020.

Minħabba li ma hemm l-ebda operazzjoni li għadha għaddejja taħt il-FEŻ preċedenti[11], dan ir-rapport jinkludi ċifri għall-għaxar u għall-11-il FEŻ biss.

1.1. FEŻ preċedenti

Is-6 u s-7a' FEŻ

Is-sitt FEŻ ingħalaq fl-2006 u s-seba' FEŻ ingħalaq fl-2008. Fl-2019, il-Kummissjoni għalqet it-tranżazzjonijiet pendenti li jifdal tat-8n proġetti tal-FEŻ.

F'konformità mal-artikolu 1(2)(b) tal-Ftehim Intern tad-disa' FEŻ, il-bilanċi u d-diżimpenji tal-FEŻ preċedenti ġew ittrasferiti lid-disa' FEŻ.

It-8ien u d-9a' FEŻ

Is-sena 2021 kienet tirrappreżenta l-għeluq finanzjarju u operazzjonali tat-Tmien FEŻ għal ammont totali ta' nefqa ta' EUR 10 374 miljun. Il-Kummissjoni ħabbret l-għeluq tat-Tmien FEŻ lill-Istati Membri fil-Komunikazzjoni li ġiet ippreżentata lill-Kunsill f'Ottubru 2021.

L-attivitajiet kollha tat-Tmien FEŻ tlestew, twettqu l-verifiki u l-kontrolli kollha, u l-kuntratti u d-deċiżjonijiet finanzjarji kollha ngħalqu fil-kontijiet tal-FEŻ. L-ordnijiet ta' rkupru kollha, li kienu għadhom miftuħa wara l-għeluq operazzjonali, ġew imsarrfa jew rinunzjati bl-eċċezzjoni ta' 10 ordnijiet ta' rkupru (inklużi sitt każijiet ta' litigazzjoni segwiti mis-Servizz Legali). F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2003)19044, dawn l-10 ROs ġew trasferiti lejn id-Disa' FEŻ.

L-għeluq tad-9FEŻ miexi sew. Għad hemm 19-il kuntratt miftuħ, li minnhom 12 jikkonċernaw azzjonijiet fis-Sudan t'Isfel (Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/315/UE). Dawn ġew deċiżi wara l-klawżola ta' estinzjoni tad-Disa' FEŻ u għandhom, fil-prinċipju, jingħalqu sal-2024.

[10] IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1877

[11] Ħlief għall-operazzjonijiet fis-Sudan t'Isfel

Mill-2015 sal-2022, il-Kummissjoni wettqet tliet rifużjonijiet ta' krediti tat-Tmien/id-Disa' FEŻ għal ammont totali ta' EUR 1 868,6[12] miljun. F'Jannar 2023 ġie rimborżat bilanċ ta' EUR 43 miljun fil-kuntest tal-ħlas tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri lill-FEŻ.

1.2. L-għaxar u l-11-il FEŻ

Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ġie ffirmat fit-23 ta' Ġunju 2000 f'Cotonou mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u mill-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (l-Istati AKP). Daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003 (li stabbilixxa d-disa' FEŻ). Il-Ftehim ta' Cotonou ġie emendat darbtejn, l-ewwel permezz tal-ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (li stabbilixxa l-għaxar FEŻ), it-tieni permezz tal-ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (li stabbilixxa l-11-il FEŻ).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE tas-27 ta' Novembru 2001 (2001/822/KE) dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCT) mal-Komunità Ewropea daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2001. Din id-Deċiżjoni kienet emendata fid-19 ta' Marzu 2007 (id-Deċiżjoni 2007/249/KE).

Il-Ftehim Intern dwar il-finanzjament tal-għajnuna tal-Komunità fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020 f'konformità mal-Ftehim rivedut ta' Cotonou, adottat mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità Ewropea f'Awwissu 2013, daħal fis-seħħ f'Marzu 2015.

Skont il-Ftehim ta' Cotonou, għat-tieni perjodu (2008-2013), l-Għaxar FEŻ kellu baġit kumplessiv ta' EUR 22 682 miljun. Minn dan l-ammont:

- EUR 21 966 miljun ġew allokati lill-pajjiżi AKP;
- EUR 286 miljun għall-PTEE; kif ukoll
- EUR 430 miljun għall-Kummissjoni bħala nefqa ta' appoġġ għall-programmazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-FEŻ.

L-ammont għall-pajjiżi AKP jinqasam kif xieraq:

- EUR 17 766 miljun għal programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali;
- EUR 2 700 miljun għall-kooperazzjoni intra-AKP u intrareġjonali; kif ukoll
- EUR 1 500 miljun għal Faċilitajiet ta' Investiment.

B'mod partikolari, sehem akbar tal-baġit huwa ddedikat għall-programmi reġjonali, u b'hekk tiġi enfasizzata l-importanza tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali bħala l-qafas bażiku għall-iżvilupp nazzjonali u lokali. Innovazzjoni fl-għaxar FEŻ kienet il-ħolqien ta' "ammonti ta' inċentiv" għal kull pajjiż.

Skont il-Ftehim ta' Cotonou, it-tielet perjodu (2014-2020) tal-għajnuna tal-Komunità lill-Istati tal-AKP u lill-PTEE huwa ffinanzjat mill-11-il FEŻ b'ammont ta' EUR 30 506 miljun, li minnhom:

- EUR 29 089 miljun huma allokati lill-pajjiżi tal-AKP skont l-Artikolu 1.2(a) u l-Artikolu 2(d) tal-Ftehim Intern, li minnhom EUR 27 955 miljun huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea;
- EUR 364.5 miljun huma allokati lill-PTEE skont l-Artikolu 1.2(a) u l-Artikolu 3.1 tal-Ftehim Intern, li minnhom EUR 359.5 miljun huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea; kif ukoll
- EUR 1 052.5 miljun huma għall-Kummissjoni sabiex tiffinanzja l-kostijet li jirriżultaw mill-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-11-il FEŻ, f'konformità mal-Artikolu 1.2(a) tal-Ftehim Intern.

[12] Faċilità ta' Tranżizzjoni 1.402,57 miljun (Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/0246), 200 miljun (Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/1206), 223 miljun (Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/1708) u 43 miljun (Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/1941)

2. L-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA

2.1. EŻITU FINANZJARJU

EVOLUZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-10ar FEŻ

L-10ar FEŻ
EVOLUZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET: 31 ta' Diċembru 2022
ANALIŻI TAL-KREDITI SKONT L-ISTRUMENT

(Miljuni ta' EUR)

	STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET/TNAQQISIET FIR-RIŻORSI KUMULATTIVI FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2021	ŻIEDA JEW TNAQQIS FIR-RIŻORSI FL-2022	Noti	LIVELL KURRENTI TAL-APPROPRJAZZJONI
ACP	*Kofinanzjament*	*0*	*202*			*202*
	Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM	*20,896*	*(391)*	*337*		*20,842*
	SUBTOTAL TAL-AKP	20,896	(189)	337		21,044
OCT	*Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM*	*0*	*240*	*(0)*		*240*
	SUBTOTAL tal-PTEE	0	240	(0)		240
	Total tal-10ar FEŻ	20,896	51	337		21.284

EVOLUZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-11-il FEŻ

Il-11-il FEŻ
EVOLUZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET: 31 ta' Diċembru 2022
ANALIŻI TAL-KREDITI SKONT L-ISTRUMENT

(Miljuni ta' EUR)

	STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET/TNAQQISIET FIR-RIŻORSI KUMULATTIVI FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2021	ŻIEDA JEW TNAQQIS FIR-RIŻORSI FL-2022	Noti	LIVELL KURRENTI TAL-APPROPRJAZZJONI
ACP	*Kofinanzjament*	*0*	*88*	*2*		*89*
	L-FLS intern tal-KE	*0*	*1*			*1*
	Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM	*29,008*	*308*	*(602)*		*28,713*
	SUBTOTAL TAL-AKP	29,008	395			28,804
OCT	*Kofinanzjament*	*0*	*0*			*0*
	L-FLS intern tal-KE	*0*	*0*			*0*
	Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM	*0*	*352*	*1*		*353*
	SUBTOTAL tal-PTEE	0	352			353
	TOTAL TAL-11-IL FEŻ	29,008	870	(721)		29,157

EVOLUZZJONI TAL-IMPENJI, TAL-FONDI ASSENJATI U TAL-PAGAMENTI GĦALL-10AR FEŻ

EDF AGGREGATED ACCOUNTS AT 31 DECEMBER 2022
CLASS OF AID

ACP + PTOM - 10 th EDF

(EUR million)

		CREDITS	DECISIONS			ASSIGNED FUNDS			PAYMENTS		
			AGGREG.	ANNUAL	%	AGGREG.	ANNUAL	%	AGGREG.	ANNUAL	%
		(1)	(2)		(2) : (1)	(3)		(3) : (2)	(4)		(4) : (3)
ACP	Regular MS Contributions										
	SUB TOTAL: A ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	12.370	12.325	(67)	100%	12.283	(50)	100%	12.162	19	99%
	SUB TOTAL: B ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	1.966	1.965	(6)	100%	1.961	(3)	100%	1.959	(0)	100%
	SUB TOTAL: FOOD SECURITY	343	484	484	141%	316	316	65%	232	232	73%
	SUB TOTAL: IMPLEMENTATION COSTS AND INTERESTS REVENUES	527	526		100%	526		100%	522		99%
	SUB TOTAL: INTRA-ACP ALLOCATIONS	3.628	3.618	(37)	100%	3.549	(3)	98%	3.323	84	94%
	SUB TOTAL: REGIONAL ALLOCATIONS	1.960	1.810	(15)	92%	1.778	(16)	98%	1.694	2	95%
	Co-financing										
	Allocations										
	SUB TOTAL: A ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	185	178	(1)	96%	175	(2)	98%	172	8	98%
	SUB TOTAL: IMPLEMENTATION COSTS AND INTERESTS REVENUES	5	5		111%	5		100%	4	1	78%
	SUB TOTAL: INTRA-ACP ALLOCATIONS	12	11		91%	11		100%	11		100%
	Non-mobilisable reserve										
	SUB TOTAL: NON-MOBILISABLE RESERVE 10th EDF	137									
OCT	Regular MS Contributions										
	Allocations										
	SUB TOTAL: A ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	186	186	(1)	100%	183	0	99%	170	1	93%
	SUB TOTAL: B ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	14	14	(0)	100%	14		100%	14		100%
	SUB TOTAL: IMPLEMENTATION COSTS AND INTERESTS REVENUES	5	5		100%	5		100%	5		100%
	SUB TOTAL: REGIONAL ALLOCATIONS	34	34		100%	34		99%	34	0	100%
	Non-mobilisable reserve										
	SUB TOTAL: NON-MOBILISABLE RESERVE 10TH EDF	17									
	TOTAL: ACP+OCT (INCL. RESERVES) (A+B)	21.389	21.162	356	99%	20.841	241	98%	20.302	347	97%

EVOLUZZJONI TAL-IMPENJI, TAL-FONDI ASSENJATI U TAL-PAGAMENTI GĦALL-11-IL FEŻ

EDF AGGREGATED ACCOUNTS AT 31 DECEMBER 2022
CLASS OF AID

ACP + PTOM - 11 th EDF

(EUR million)

		CREDITS	DECISIONS			ASSIGNED FUNDS			PAYMENTS		
			AGGREG.	ANNUAL	%	AGGREG.	ANNUAL	%	AGGREG.	ANNUAL	%
		(1)	(2)		(2) : (1)	(3)		(3) : (2)	(4)		(4) : (3)
ACP	Regular MS Contributions										
	SUB TOTAL: A ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	15.449	15.421	(110)	100%	14.413	391	93%	11.062	1.086	77%
	SUB TOTAL: B ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	1.060	1.060	(3)	100%	1.039	22	98%	980	115	94%
	SUB TOTAL: BRIDGING FACILITY	0									
	SUB TOTAL: FOOD SECURITY	112	112	112	100%	21	21	19%	3	3	15%
	SUB TOTAL: IMPLEMENTATION COSTS AND INTERESTS REVENUES	1.067	1.067	(3)	100%	1.063	(0)	100%	910	54	86%
	SUB TOTAL: INTRA-ACP ALLOCATIONS	4.009	3.907	(1)	97%	3.822	120	98%	3.186	218	83%
	SUB TOTAL: REGIONAL ALLOCATIONS	7.293	7.286	(14)	100%	7.047	56	97%	5.452	526	77%
	Co-financing										
	SUB TOTAL: A ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	46	46		100%	45	(0)	98%	26	8	59%
	SUB TOTAL: IMPLEMENTATION COSTS AND INTERESTS REVENUES	4	4		100%	4		100%	0		10%
	SUB TOTAL: INTRA-ACP ALLOCATIONS	33	33		100%	33		100%	27	4	83%
	SUB TOTAL: REGIONAL ALLOCATIONS	8	6	2	75%	6	2	100%	4		67%
	Non-mobilisable reserve										
	SUB TOTAL: NON-MOBILISABLE RESERVE 11TH EDF	75									
	EC Internal SLA										
	SUB TOTAL: A ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	1	1		52%	1		100%	1		100%
OCT	Regular MS Contributions										
	Allocations										
	SUB TOTAL: A ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	211	211	(1)	100%	194	(1)	92%	192	9	99%
	SUB TOTAL: B ENVELOPE - NATIONAL ALLOCATIONS	12	12		100%	12		100%	12		99%
	SUB TOTAL: BRIDGING FACILITY	0									
	SUB TOTAL: IMPLEMENTATION COSTS AND INTERESTS REVENUES	8	8	(0)	100%	6		77%	5	0	84%
	SUB TOTAL: REGIONAL ALLOCATIONS	103	102	(0)	100%	102	0	100%	52	15	51%
	Non-mobilisable reserve										
	SUB TOTAL: NON-MOBILISABLE RESERVE 11TH EDF	2									
	TOTAL: ACP+OCT (INCL. RESERVES) (A+B)	29.491	29.275	(18)	99%	27.806	611	95%	21.912	2.039	79%

2.2. DĦUL

Natura tad-Dħul

Id-dħul ewlieni tal-FEŻ huwa l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri. Tliet darbiet fis-sena, il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment jitolbu lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-FEŻ. L-ammont tal-kontribuzzjonijiet eżerċitati kull sena jirrifletti l-ammont ta' pagament li għandu jiġi kopert matul is-sena.

Ħarsa ġenerali lejn il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri



2.3. Nefqa Operazzjonali u programmi speċifiċi

Natura tan-Nefqa

L-ammont disponibbli taħt il-qafas finanzjarju pluriennali jikkonsisti fi 3 % allokat lill-Kummissjoni għan-nefqa ta' appoġġ u 97 % allokat għall-implimentazzjoni tal-proġetti tal-FEŻ. L-ammonti huma stabbiliti minn kull Ftehim Intern u jistgħu jiżdiedu permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji u introjtu ġġenerat mill-operazzjonijiet.

Diżaggregazzjoni tal-amont Impenjat, Kuntrattat u Mħallas għal kull natura tan-nefqa:

	KREDITI	DEĊIŻJONIJIET			FONDI ASSENJATI			PAGAMENTI		
		AGGREG	ANNWALI	%	AGGREG	ANNWALI	%	AGGREG.	ANNWALI	%
	(1)	(2)		(2): (1)	(3)		(3): (2)	(4)		(4): (3)
KOSTI TA' IMPLIMENTAZZJONI U DĦUL MILL-IMGĦAX I-10ar + I-11-il FEŻ	**1,630**	**1,629**	**11**	**99,9 %**	**1,622**	13	**99,6 %**	**1,448**	**57**	**89,3 %**
IMPLIMENTAZZJONI OPERAZZJONALI (A + B) I-10 + I-11-il FEŻ	**50,442**	**50,049**	**338**	**99,2 %**	**48,260**	853	**96,4 %**	**41,827**	**2,286**	**86,7 %**
TOTAL TAL-10+IL-11-IL FEŻ: AKP+PTEE (A+B)	**52,071**	**51,677**	**349**	**99,2 %**	**49,882**	**866**	**96,4 %**	**43,276**	**2,343**	**86,8 %**



Diżaggregazzjoni tal-ammont impenjat, kuntrattat u mħallas skont ir-reġjun u l-pajjiż

EDF CUMULATIVE ACCOUNTS AT 31 DECEMBER 2022 BY COUNTRY % APPR								
10th + 11 th EDF		**TOTAL 10th and 11th EDF (EUR in million)**						
Cumulative 2022		**Appropriations**	**Decisions**	**% of Appr**	**Assigned funds**	**% of Appr**	**Payments**	**% of Appr**
ACP	**General / enveloppe administrative/intér**	**1.621**	1.615	100%	1.615	100%	1.440	89%
	Réserve / Non réparti par pays	**2.671**	2.553	96%	2.553	96%	2.403	90%
	All ACP countries	**4.292**	**4.168**	**97%**	**4.168**	**97%**	**3.842**	**90%**
	Angola	**348**	348	100%	345	99%	289	83%
	Bénin	**738**	736	100%	719	97%	667	90%
	Botswana	**129**	129	100%	127	98%	123	95%
	Burkina Faso	**1.306**	1.302	100%	1.299	99%	1.249	96%
	Burundi	**569**	569	100%	550	97%	514	90%
	Cameroun	**521**	521	100%	507	97%	461	89%
	Cap Vert	**146**	146	100%	146	100%	144	99%
	Comores	**79**	79	100%	76	95%	67	85%
	Congo (Brazzaville)	**163**	163	100%	159	97%	107	65%
	Congo (République démocratique du)	**1.422**	1.421	100%	1.358	96%	1.162	82%
	Côte d'Ivoire	**706**	705	100%	701	99%	663	94%
	Djibouti	**186**	186	100%	175	94%	140	75%
	Erythrée	**215**	215	100%	215	100%	35	16%
	Ethiopie	**1.614**	1.609	100%	1.585	98%	1.375	85%
	Gabon	**33**	33	100%	32	97%	29	89%
	Gambie	**314**	314	100%	312	99%	253	81%
	Ghana	**791**	787	99%	782	99%	709	90%
	Guinée Bissau	**186**	186	100%	185	100%	162	87%
	Guinée (Conakry)	**503**	503	100%	495	98%	426	85%
	Ile Maurice	**82**	82	100%	82	100%	81	99%
	Kenya	**871**	867	100%	856	98%	696	80%
	Lesotho	**259**	256	99%	247	95%	191	74%
	Libéria	**489**	489	100%	443	91%	422	86%
	Madagascar	**788**	788	100%	732	93%	518	66%
	Malawi	**1.025**	1.023	100%	943	92%	856	84%
	Mali	**1.424**	1.423	100%	1.402	98%	1.200	84%
	Mauritanie	**345**	344	100%	340	99%	305	88%
	Mozambique	**1.460**	1.453	100%	1.266	87%	1.044	72%
	Namibie	**189**	188	100%	177	94%	166	88%
	Niger	**1.279**	1.275	100%	1.257	98%	1.194	93%
	Nigeria	**1.141**	1.110	97%	1.099	96%	1.008	88%
	Ouganda	**991**	991	100%	978	99%	791	80%
	République centrafricaine	**610**	610	100%	584	96%	529	87%
	Rwanda	**840**	840	100%	836	100%	808	96%
	Sao Tomé-et-Principe	**56**	56	100%	54	96%	46	82%
	Sénégal	**666**	666	100%	660	99%	606	91%
	Seychelles	**23**	23	100%	23	99%	22	96%
	Sierra Leone	**663**	663	100%	629	95%	572	86%
	Somalie	**901**	899	100%	896	99%	884	98%
	Soudan	**298**	298	100%	298	100%	298	100%

	South Sudan	**90**	90	100%	90	100%	90	100%
	Swaziland	**128**	126	98%	114	89%	100	78%
	Tanzanie	**1.172**	1.172	100%	1.114	95%	993	85%
	Tchad	**936**	936	100%	880	94%	756	81%
	Togo	**378**	378	100%	375	99%	351	93%
	Zambie	**834**	834	100%	773	93%	593	71%
	Zimbabwe	**470**	470	100%	467	99%	444	94%
	*** Total Africa**	**28.377**	**28.304**	**100%**	**27.379**	**96%**	**24.139**	**85%**
	Antigua et Barbuda	**15**	15	100%	15	100%	14	93%
	Barbade	**22**	22	100%	22	99%	20	91%
	Belize	**43**	43	100%	41	96%	31	74%
	Dominique	**41**	41	100%	41	99%	40	98%
	Grenade	**21**	21	100%	20	99%	20	97%
	Guyane	**79**	79	100%	76	97%	76	97%
	Haïti	**1.013**	1.012	100%	891	88%	754	74%
	Jamaïque	**236**	236	100%	233	99%	219	93%
	République Dominicaine	**283**	283	100%	281	99%	274	97%
	Sainte-Lucie	**32**	32	100%	32	100%	29	91%
	Saint Kitts et Nevis	**8**	8	100%	8	99%	6	72%
	Saint-Vincent -et-les-Grenadines	**26**	26	100%	26	99%	22	83%
	Surinam	**27**	27	100%	27	99%	20	74%
	Trinité et Tobago	**29**	29	100%	28	99%	22	76%
	*** Total Caribbean**	**1.875**	**1.873**	**100%**	**1.742**	**93%**	**1.550**	**83%**
	Fidji	**49**	49	100%	48	99%	46	96%
	Iles Cook	**5**	5	100%	5	100%	5	100%
	Iles Salomon	**69**	69	100%	68	99%	61	89%
	Kiribati	**42**	42	100%	42	99%	30	71%
	Marshall Island	**17**	17	100%	17	100%	14	86%
	Micronésie	**23**	23	100%	22	97%	11	46%
	Nauru	**4**	4	100%	4	99%	4	98%
	Nioué	**3**	3	100%	3	100%	3	100%
	Palau	**5**	5	100%	4	70%	4	68%
	Papouasie-Nouvelle Guinée	**244**	240	98%	232	95%	178	73%
	Samoa Occidentale	**67**	67	100%	67	100%	66	99%
	Timor Leste	**174**	174	100%	172	99%	150	86%
	Tonga	**28**	28	100%	28	100%	28	99%
	Tuvalu	**13**	13	100%	13	99%	13	96%
	Vanuatu	**55**	55	100%	52	96%	46	83%
	*** Total Pacific**	**798**	**794**	**99%**	**777**	**97%**	**659**	**83%**
	Intra ACP Allocations	**8.118**	8.005	99%	7.589	93%	6.663	82%
	PALOP	**61**	61	100%	59	98%	54	89%
	Région Afrique Australe FED 10	**137**	137	100%	137	100%	134	98%
	REGION AFRIQUE CENTRALE	**573**	570	99%	538	94%	389	68%
	REGION AFRIQUE EST ET AUSTRALE	**3.109**	3.106	100%	2.968	95%	2.213	71%
	Région Afrique Occidentale	**1.960**	1.957	100%	1.930	98%	1.515	77%
	Région Caraïbes	**540**	539	100%	505	94%	363	67%
	Région Pacifique	**327**	323	99%	285	87%	196	60%
	*** Total regional cooperation ACP**	**14.826**	**14.699**	**99%**	**14.012**	**95%**	**11.526**	**78%**
OCT	**ACP**	**50.168**	**49.837**	**99%**	**48.078**	**96%**	**41.716**	**83%**

	Réserve / Non réparti par par pays/terri	**32**	13	41%	11	35%	10	32%
	All OCT countries	**32**	**13**	**41%**	**11**	**35%**	**10**	**32%**
	Anguilla	**28**	28	100%	27	99%	27	99%
	Iles Falklands (Malouines)	**10**	10	100%	10	100%	10	100%
	Iles Pitcairn	**5**	5	100%	5	100%	5	100%
	Iles Turks-et-Caicos	**32**	32	100%	32	100%	32	100%
	Iles Vierges britanniques	**2**	2	100%	2	98%	2	90%
	Montserrat	**33**	33	100%	33	100%	33	100%
	Sainte Hélène	**38**	38	100%	38	100%	38	100%
	*** Total British OCT**	**147**	**147**	**100%**	**146**	**100%**	**146**	**100%**
	Antilles néerlandaises	**41**	40	99%	23	57%	20	49%
	Antilles néerlandaises - Bonaire	**4**	4	100%	4	98%	2	56%
	Antilles néerlandaises - Saba	**3**	3	100%	3	100%	3	100%
	Antilles néerlandaises - Sint-Eustatius	**2**	2	100%	2	100%	2	100%
	Aruba	**21**	21	100%	21	99%	19	91%
	Sint Maarten	**14**	14	100%	8	55%	5	33%
	*** Total Dutch OCT**	**86**	**85**	**99%**	**62**	**72%**	**52**	**61%**
	Iles Wallis et Futuna	**39**	39	100%	37	95%	27	71%
	Mayotte	**29**	29	100%	29	100%	29	100%
	Nouvelle-Calédonie	**50**	50	100%	50	100%	50	100%
	Polynésie française	**51**	51	100%	50	98%	49	97%
	Saint-Pierre-et-Miquelon	**47**	47	100%	47	100%	47	100%
	*** Total French OCT**	**215**	**215**	**100%**	**212**	**99%**	**202**	**94%**
	Réserve/non réparti par région	**137**	137	100%	136	99%	86	63%
	*** Total regional cooperation OCT**	**137**	**137**	**100%**	**136**	**99%**	**86**	**63%**
	OCT	**617**	**597**	**97%**	**568**	**92%**	**497**	**81%**
TOTAL: ACP+OCT		**50.785**	**50.435**	**99%**	**48.646**	**96%**	**42.213**	**83%**

Diżaggregazzjoni tal-ammont Impenjat, Kuntrattat u Mħallas skont il-qasam tal-infiq għall-11-il FEŻ

Diżaggregazzjoni għall-11-il FEŻ tal-ammont impenjat, kuntrattat u mħallas skont il-qasam tal-infiq (kodiċijiet tas-setturi tad-DAC)[13]

(Miljuni ta' EUR)

Sector	Committed	Contracted	Paid
Social infrastructure and services			
110-Education	1.192,46	1.133,56	958,72
120-Health	2.131,40	2.485,23	2.201,03
130-Population policies/programmes and reproductive health	352,44	50,67	30,23
140-Water and sanitation	788,50	833,83	479,83
150-Government and civil society	5.826,12	6.373,64	5.426,96
160-Other social infrastructure and services	996,71	1.377,42	1.301,39
Social infrastructure and services TOTAL	11.287,63	12.254,35	10.398,17
Economic infrastructure and services			
210-Transport and storage	1.425,48	2.162,30	990,95
220-Communications	140,96	143,99	101,70
230-Energy	2.015,13	1.893,12	1.065,10
240-Banking and financial services	82,03	118,10	68,99
250-Business and other services	343,43	313,63	170,94
Economic infrastructure and services TOTAL	4.007,01	4.631,15	2.397,68
Production sectors			
310-Agriculture, forestry and fishing	3.252,66	2.886,40	2.074,39
320-Industry, mineral resources and mining, construction	641,59	450,66	224,19
330-Trade and tourism	507,49	416,58	230,57
Production sectors TOTAL	4.401,74	3.753,65	2.529,15
Multisector/Cross-cutting			
410-General environmental protection	989,82	901,85	594,87
430-Other multisector	3.882,47	2.560,60	1.861,88
Multisector/Cross-cutting TOTAL	4.872,29	3.462,45	2.456,75
Commodity aid and general programme assistance			
510-General budget support	3.116,32	3.598,77	2.837,52
520-Developmental food assistance	614,50	389,97	354,32
Commodity aid and general programme assistance TOTAL	3.730,82	3.988,75	3.191,84
Action relating to debt			
600-Action relating to debt	183,00	183,00	183,00
Action relating to debt TOTAL	183,00	183,00	183,00
Humanitarian aid			
720-Emergency response	746,19	473,49	465,38
730-Reconstruction relief and rehabilitation	137,83	64,96	35,79
740-Disaster preparedness	72,79	126,50	84,60
Humanitarian aid TOTAL	956,81	664,95	585,77
Administrative costs of donors / Unallocated / Unspecified			
910-Administrative costs of donors	982,02	967,20	820,72
998-Unallocated / Unspecified	183,74	41,41	29,70
N/A-Not Available	260,50	5,98	2,02
Administrative costs of donors / Unallocated / Unspecified TOTAL	1.426,26	1.014,59	852,44
GRAND TOTAL OF 11TH EDF	**30.865,56**	**29.952,88**	**22.594,80**

[13] Ammonti grossi (jiġifieri eskluż d-diżimpenji u l-ordnijiet ta' rkupru)

L-ammonti fil-kolonni Impenjati, Kuntrattati, Imħallsa huma ponderati bil-kulur

Evoluzzjoni tal-ammont kumulattiv, Impenjat, Kuntrattat u Mħallas skont il-qasam tal-infiq għall-11-il FEŻ







3. GLOSSARJU

Appropjazzjonijiet amministrattivi

L-approprjazzjonijiet li jkopru l-kostijiet operazzjonali tal-entitajiet (il-persunal, il-binjiet, it-tagħmir tal-uffiċċju).

Baġit adottat

Abbozz ta' baġit isir il-baġit adottat hekk kif jiġi approvat mill-awtorità tal-Baġit.

Baġit emendatorju

Deċiżjoni adottata matul is-sena finanzjarja sabiex temenda (iżżid, tnaqqas, tittrasferixxi) aspetti tal-baġit adottat ta' dik is-sena.

Approprjazzjonijiet

Finanzjament tal-baġit.

Il-baġit ibassar kemm impenji (rahan legali li jipprovdi finanzjament) kif ukoll pagamenti (flus jew trasferimenti bankarji lill-benefiċjarji). L-approprjazzjonijiet għal impenji u għal pagamenti sikwit ivarjaw — approprjazzjonijiet differenzjati — minħabba li l-programmi u l-proġetti pluriennali ġeneralment ikunu impenjati bis-sħiħ fis-sena meta jiġu deċiżi u jitħallsu matul is-snin hekk kif l-implimentazzjoni tal-programm u tal-proġett timxi 'l quddiem.

Dħul assenjat

Dħul iddedikat sabiex jiffinanzja entrati speċifiċi tan-nefqa.

Riżultat tal-baġit

Id-differenza bejn l-introjtu riċevut u l-ammonti mħallsa, inklużi l-aġġustamenti għar-riporti, il-kanċellazzjonijiet u d-differenzi fir-rati tal-kambju.

Għall-aġenziji, l-ammont li jirriżulta jrid jiġi rimborżat lill-awtorità ta' finanzjament.

Implimentazzjoni tal-baġit

Il-konsum tal-baġit permezz ta' operazzjonijiet ta' nfiq u ta' dħul.

Partita tal-baġit / Linja baġitarja / Pożizzjoni tal-baġit

Id-dħul u l-infiq huma murija fl-istruttura tal-baġit f'konformità ma' nomenklatura vinkolanti li tirrifletti n-natura u l-iskop ta' kull entrata, kif imposti mill-awtorità tal-baġit. L-intestaturi individwali (titolu, kapitolu, artikolu jew linja) jipprovdu deskrizzjoni formali tan-nomenklatura.

Impenn baġitarju

Operazzjoni li biha l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jirriżerva l-approprjazzjonijiet tal-baġit meħtieġa biex ikopri l-pagamenti sussegwenti biex jonora l-impenji legali.

Kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet

Approprjazzjonijiet li ma jkunux ġew użati sat-tmiem tas-sena finanzjarja u li ma jistgħux jiġu riportati, għandhom ikunu kkanċellati.

Riport ta' appropjazzjonijiet

Eċċezzjoni għall-prinċipju tal-annwalità sakemm l-approprjazzjonijiet li ma setgħux jintużaw f'baġit partikolari jkunu jistgħu, taħt kundizzjonijiet stretti, jiġu riportati b'mod eċċezzjonali sabiex ikunu jistgħu jintużaw matul is-sena ta' wara.

Approprjazzjonijiet ta' impenn

L-approprjazzjonijiet ta' impenn ikopru l-valur totali tal-obbligi ġuridiċi (kuntratti, ftehimiet jew deċiżjonijiet ta' għotjiet) li jistgħu jiġu ffirmati fis-sena finanzjarja kurrenti.

Diżimpenn

Operazzjoni li biha l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni li jkun responsabbli jħassar ir-riżerva kollha tal-approprjazzjonijiet jew parti mit-tali riżerva li qabel tkun saret permezz ta' impenn baġitarju.

Approprjazzjonijiet differenzjati

L-approprjazzjonijiet differenzjati jintużaw għall-finanzjament ta' operazzjonijiet pluriennali; għas-sena finanzjarja attwali, ikopru l-kost totali tal-obbligi legali li jsiru għal operazzjonijiet li l-implimentazzjoni tagħhom testendi fuq aktar minn sena finanzjarja waħda.

Riżultat ekonomiku

L-impatt fuq il-karta tal-bilanċ tan-nefqa u tad-dħul ibbażat fuq ir-regoli kontabilistiċi fuq il-bażi tad-dovuti.

Intitolamenti stabbiliti

Id-dritt li jinġabar dħul minn debitur kif rikonoxxut permezz tal-ħruġ ta' ordni ta' rkupru.

Differenza fir-rati tal-kambju

Id-differenza li tirriżulta mir-rati tal-kambju applikati għat-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw pajjiżi barra ż-żona tal-euro, jew mir-rivalutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet f'muniti barranin fid-data tal-kontijiet.

NEFQA

Terminu użat sabiex jiddeskrivi l-infiq tal-baġit mit-tipi kollha ta' sorsi ta' fondi.

Għotjiet

Kontribuzzjonijiet finanzjarji diretti mill-baġit lil benefiċjarji terzi, involuti f'attivitajiet li jservu l-politiki tal-Unjoni.

Approprjazzjonijiet li jiskadu

Approprjazzjonijiet mhux użati li jridu jiġu kkanċellati fit-tmiem tas-sena finanzjarja. Skadenza tfisser il-kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni kollha, jew ta' parti minnha, sabiex isir l-infiq u/jew jiġġarrbu l-obbligazzjonijiet, kif irrappreżentata minn approprjazzjoni.

Għal impriżi konġunti (u l-EIT), kif speċifikat fir-Regoli Finanzjarji tagħhom, kwalunkwe approprjazzjoni mhux użata tista' tiddaħħal fl-estimi tad-dħul u n-nefqa sa matul it-tliet snin finanzjarji ta' wara (l-hekk imsejħa regola "N+3"). Għalhekk, l-approprjazzjonijiet li skadew għall-JUs jistgħu jiġu riattivati sas-sena finanzjarja "N+3".

Bażi ġuridika / att bażiku

L-att legali adottat mill-awtorità leġiżlattiva (normalment il-Kunsill u l-Parlament Ewropew) li jispeċifika l-objettiv ta' programm ta' nfiq tal-Unjoni, l-iskop tal-approprjazzjonijiet, ir-regoli għall-intervent, id-data ta' skadenza u r-regoli finanzjarji rilevanti biex iservu bħala bażi ġuridika għall-implimentazzjoni tal-programm ta' nfiq.

Impenn legali

L-att li bih l-Uffiċjal Awtorizzanti jidħol f'obbligu lejn partijiet terzi li jirriżulta f'imposta għall-baġit tal-Unjoni.

Forom komuni ta' impenji legali huma kuntratti fil-każ ta' akkwist, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja.

Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

Approprjazzjonijiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet annwali u għalhekk għandhom jiġu impenjati matul is-sena baġitarja. Huma biss l-ammonti li jikkwalifikaw għal riport awtomatiku li jistgħu jiġu żborżati fis-sena ta' wara. Approprjazzjonijiet mhux differenzjati li ma jkunux intużaw, jiġifieri impenjati, sal-aħħar tas-sena, jiġu kkanċellati (sakemm, b'mod eċċezzjonali, ma jingħatax permess b'deċiżjoni tal-Kummissjoni għal riport mhux awtomatiku). Approprjazzjonijiet mhux differenzjati japplikaw għan-nefqa amministrattiva u l-approprjazzjonijiet ta' impenji huma ugwali għall-approprjazzjonijiet ta' pagamenti.

Approprjazzjonijiet operazzjonali

L-approprjazzjonijiet operazzjonali jiffinanzjaw il-politiki differenti, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet jew ta' akkwist.

Impenji pendenti

Impenji pendenti (jew RAL, mill-Franċiż "reste à liquider") huma definiti bħala l-ammont ta' approprjazzjonijiet impenjati li għadhom ma tħallsux. Dawn jiġu direttament mill-eżistenza ta' programmi pluriennali u mid-dissoċjazzjoni bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament.

Approprjazzjonijiet ta' pagament

L-approprjazzjonijiet ta' pagament ikopru l-infiq dovut fis-sena kurrenti, li jirriżulta mill-impenji legali konklużi fis-sena kurrenti u/jew fis-snin ta' qabel.

Impenji pendenti (Reste à liquider)

Ammont li għad irid jitħallas fuq impenn baġitarju f'mument partikolari. Ara Impenji pendenti

Surplus pożittiv

Differenza pożittiva bejn id-dħul u l-infiq li għandu jingħata lura lill-awtorità ta' finanzjament. Ara Riżultat tal-baġit

Trasferimenti bejn il-linji baġitarji

It-trasferimenti bejn il-linji baġitarji jimplikaw ir-rilokazzjoni tal-approprjazzjonijiet minn linja baġitarja waħda għal oħra, matul is-sena finanzjarja, u b'hekk jikkostitwixxu eċċezzjoni għall-prinċipju baġitarju ta' speċifikazzjoni.

RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI - FONDI ĠESTITI MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT **CA//561/23**

29 ta' Marzu 2023

BORD TAD-DIRETTURI

FAĊILITÀ TA' INVESTIMENT

RAPPORTI FINANZJARJI

FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2022

(1) Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja

(2) Rapport tal-profitt jew telf u ta' introjtu ieħor komprensiv

(3) Rapport tal-bidliet fir-riżorsi tal-kontributuri

(4) Rapport tal-flussi tal-flus

(5) Noti għar-rapporti finanzjarji

(6) Ir-rapport tal-awditur indipendenti

ORG.: E KUNFIDENZJALI

RAPPORT TAL-POŻIZZJONI FINANZJARJA
FL-31 TA' DIĊEMBRU 2022

(f'EUR'000)

	Noti	31.12.2022	31.12.2021
ASSI			
Flus u ekwivalenti tal-flus	5	1,451,970	1,358,564
Ammonti riċevibbli mingħand il-kontributuri	9/17	85,321	85,210
Assi finanzjarji tat-teżor	10	73,003	-
Strumenti finanzjarji derivattivi	6	75,852	7
Self u avvanzi	7	1,849,786	1,986,281
Ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli	8	797,341	697,631
Assi oħrajn	11	950	1,086
Assi totali		**4,334,223**	**4,128,779**
OBBLIGAZZJONIJIET U RIŻORSI TAL-KONTRIBUTURI			
OBBLIGAZZJONIJIET			
Strumenti finanzjarji derivattivi	6	-	18,835
Dħul differit	12	52,417	48,432
Provvedimenti għall-impenji ta' self	14	16,583	16,602
Ammonti dovuti lil partijiet terzi	15	190,927	239,639
Obbligazzjonijiet oħrajn	16	2,419	2,333
Obbligazzjonijiet totali		**262,346**	**325,841**
RIŻORSI TAL-KONTRIBUTURI			
Kontribuzzjoni eżerċitata tal-Istati Membri lill-Faċilità	17	3,701,695	3,471,695
Qligħ imfaddal		370,182	331,243
Total tar-riżorsi tal-kontributuri		**4,071,877**	**3,802,938**
Obbligazzjonijiet u riżorsi tal-kontributuri totali		**4,334,223**	**4,128,779**

RAPPORT TAL-PROFITT JEW TELF U TA' INTROJTU KOMPRENSIV IEĦOR
GĦAS-SENA LI NTEMMET FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2022

(f'EUR'000)

	Noti	Mill-01.01.2022 sal-31.12.2022	Mill-01.01.2021 sal-31.12.2021
Imgħax u introjtu simili*	19	93,786	86,456
Imgħax u spejjeż simili	19	-5,479	-10,436
Imgħax nett u introjtu simili		**88,307**	**76,020**
Introjtu minn tariffi u minn kummissjonijiet	20	511	2,219
Spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet	20	-761	-175
Tariffa netta u dħul minn kummissjoni		**-250**	**2,044**
Bidla fil-valur ġust ta' strumenti finanzjarji derivattivi		94,680	-51,770
Riżultat nett tal-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli	21	24,432	123,627
Riżultat nett tas-self u avvanzi mkejla bl-FVTPL	7	-3,080	3,568
Riżultat nett tar-rata tal-kambju		-140,104	33,676
Riżultat nett tal-operazzjonijiet finanzjarji		**-24,072**	**109,101**
Bidla fl-indeboliment fuq is-self u fuq l-avvanzi, netta mit-treġġigħ lura	7	8,562	42,974
Bidla fil-provvedimenti għall-garanziji, netta mit-treġġigħ lura	13	-	851
Bidla fil-provvedimenti għall-impenji ta' self, netta mit-treġġigħ lura	14	20	16,616
Spejjeż amministrattivi ġenerali	22	-33,628	-53,136
Profitt għas-sena		**38,939**	**194,470**
Total ta' profitt mill-introjtu komprensiv għas-sena		**38,939**	**194,470**

Għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022, l-imgħax u introjtu simili kienu jinkludu EUR 85,8 miljun (2021: EUR 77,5 miljun) kalkulati fuq assi miżmuma b'kost amortizzat ibbażat fuq il-metodu tal-imgħax effettiv.

RAPPORT TAL-BIDLIET FIR-RIŻORSI TAL-KONTRIBUTURI
GĦAS-SENA LI NTEMMET FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2022

(f'EUR'000)

		Kontribuzzjoni eżerċitata	Qligħ imfaddal	Total
Fl-1 ta' Jannar 2022	**Noti**	**3,471,695**	**331,243**	**3,802,938**
Kontribuzzjoni tal-Istati Membri eżerċitata matul is-sena	17	230,000	-	230,000
Profitt għas-sena 2022		-	38,939	38,939
Bidliet fir-riżorsi tal-kontributuri		**230,000**	**38,939**	**268,939**
Fil-31 ta' Diċembru 2022		**3,701,695**	**370,182**	**4,071,877**

		Kontribuzzjoni eżerċitata	Qligħ imfaddal	Total
Fl-1 ta' Jannar 2021		**3,221,695**	**136,773**	**3,358,468**
Kontribuzzjoni tal-Istati Membri eżerċitata matul is-sena	17	250,000	-	250,000
Profitt għas-sena 2021		-	194,470	194,470
Bidliet fir-riżorsi tal-kontributuri		**250,000**	**194,470**	**444,470**
Fil-31 ta' Diċembru 2021		**3,471,695**	**331,243**	**3,802,938**

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS
GĦAS-SENA LI NTEMMET FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2022

(f'EUR'000)

	Noti	Mill-1.1.2022 sal-31.12.2022	Mill-1.1.2021 sal-31.12.2021
ATTIVITAJIET OPERAZZJONALI			
Profitt għas-sena		38,939	194,470
Aġġustamenti magħmula għal			
Riżultat nett b'valur ġust tal-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli	8	-9,271	-130,991
Bidla fl-indeboliment fuq is-self u fuq l-avvanzi, netta mit-treġġigħ lura	7	-8,562	-42,974
Riżultat nett tas-self u avvanzi mkejla bl-FVTPL	7	3,080	-3,568
Bidla fl-imgħax dovut u fil-kost amortizzat fuq self u avvanzi		2,291	6,462
Bidla netta fil-provvedimenti għall-garanziji maħruġa, netta mit-treġġigħ lura	13	-	-851
Bidla netta fil-provvedimenti għall-impenji ta' self, netta mit-treġġigħ lura		-19	-16,550
Bidliet fil-valur ġust fuq derivattivi		-94,680	51,770
Bidla fl-imgħax dovut u fil-kost amortizzat fuq assi finanzjarji tat-teżor	10	321	-1,271
Bidla fl-introjtu differit		3,985	18,700
Effett tat-tibdil fir-rati tal-kambju fuq is-self	7	-53,747	-84,893
Effett tat-tibdil fir-rati tal-kambju fuq l-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli	8	-25,463	-27,230
Effett tat-tibdil fir-rati tal-kambju fuq il-flus miżmuma		-12,006	-9,875
(Telf) minn attivitajiet operazzjonali qabel il-bidliet fl-assi u l-obbligazzjonijiet operazzjonali		**-155,132**	**-46,801**
Żborżar ta' self	7	-260,493	-515,212
Ħlas lura ta' self	7	458,381	339,944
Bidla fl-imgħax dovut fuq il-flus u l-ekwivalenti ta' flus	5	1,822	-304
Maturitajiet tal-assi finanzjarji tat-teżor	10	-920,290	-2,333,691
Maturitajiet tal-assi finanzjarji tat-teżor	10	847,608	2,684,293
Żieda fl-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli	8	-139,935	-84,224
Rikavati netti tal-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli		90,219	77,749
Tnaqqis f'assi oħrajn		136	977
Żieda f'obbligazzjonijiet oħra		86	1,113
(Tnaqqis) / Żieda f'ammonti oħrajn pagabbli lill-Bank Ewropew għall-Investiment		-58,093	34,598
Flussi tal-flus kontanti netti (li jintużaw) / minn attivitajiet operazzjonali		**-135,691**	**158,442**
ATTIVITAJIET TA' FINANZJAMENT			
Kontribuzzjoni riċevuta mill-Istati Membri		238,450	250,444
Ammonti riċevuti mill-Istati Membri fir-rigward tas-sussidji fuq l-imgħax u assistenza teknika		61,450	63,254
Ammonti mħallsin f'isem l-Istati Membri fir-rigward tas-sussidji fuq l-imgħax u assistenza teknika		-60,619	-27,337
Flussi tal-flus netti mill-attivitajiet ta' finanzjament		**239,281**	**286,361**
Tnaqqis nett fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus		**103,590**	**444,803**
Stqarrija sommarja tal-flussi tal-flus:			
Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena finanzjarja		**1,359,005**	**924,077**
Flussi netti tal-flus (użati fi) / minn:			
Attivitajiet operazzjonali		-135,691	158,442
Attivitajiet ta' finanzjament		239,281	286,361
Effetti tat-tibdil fir-rati tal-kambju fuq il-flus u l-ekwivalenti ta' flus		-12,006	-9,875
Flus u ekwivalenti ta' flus fit-tmiem tas-sena finanzjarja		**1,450,589**	**1,359,005**
Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus huma magħmula minn:			
Flus fl-idejn	5	328,079	434,064
Depożiti ta' żmien fiss (minbarra l-imgħax akkumulat)	5	963,004	672,730
Karti kummerċjali	5	159,506	252,211
		1,450,589	**1,359,005**

Noti għar-rapporti finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2022

1 Informazzjoni ġenerali

Il-Faċilità ta' Investiment ("il-Faċilità" jew il-"FI") ġiet stabbilita fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou (il-"Ftehim") dwar il-kooperazzjoni u l-għajnuna għall-iżvilupp innegozjat bejn il-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (l-"Istati AKP") u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fit-23 ta' Ġunju 2000, li mbagħad ġie rivedut fil-25 ta' Ġunju 2005 u fit-22 ta' Ġunju 2010.

Il-Faċilità mhijiex entità ġuridika separata u l-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI" jew "il-Bank") jamministra l-kontribuzzjonijiet f'isem l-Istati Membri ("Donaturi") f'konformità mat-termini tal-Ftehim u jaġixxi bħala amministratur tal-Faċilità.

Il-finanzjament skont il-Ftehim huwa pprovdut mill-baġits tal-Istati Membri tal-UE. L-Istati Membri tal-UE jikkontribwixxu bl-ammonti allokati għall-finanzjament tal-FI u bl-għotjiet għall-finanzjament tas-sussidji tal-imgħax kif previst fl-oqfsa finanzjarji pluriennali (l-Ewwel Protokoll Finanzjarju li jkopri l-perjodu 2000-2007 u msejjaħ id-9a' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), it-Tieni Protokoll Finanzjarju li jkopri l-perjodu 2008-2013 u msejjaħ l-10ar FEŻ u t-Tielet Protokoll Finanzjarju li jkopri l-perjodu 2014-2020 u msejjaħ il-11-il FEŻ). Il-BEI huwa fdat bil-ġestjoni ta':

(iv) il-Faċilità, fond rotanti ta' EUR 3,685.5 miljun li jerfa' r-riskju mmirat biex irawwem l-investiment fis-settur privat fl-Istati AKP, li minnhom, EUR 48.5 miljun huma allokati għall-Pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej ("pajjiżi PTEE");

(v) għotjiet għall-finanzjament tas-sussidji tal-imgħax b'valur massimu ta' EUR 1,220.85 miljun għall-Istati AKP u b'valur massimu ta' EUR 8,5 miljun għall-pajjiżi PTEE. Sa 15 % minn dawn is-sussidji jistgħu jintużaw sabiex jiffinanzjaw l-assistenza teknika ("AT") relatata mal-proġetti.

In-naħat tal-UE u tal-AKP qablu li jemendaw id-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali sabiex jestendu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE sat-30 ta' Ġunju 2023, jew sad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim il-ġdid, jew l-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel (id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija li sussegwentenent ġie emendat bid-Deċiżjoni 3/2021 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-26 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 970/2022 tal-Ftehim ta' Sħubija Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-16 ta' Ġunju 2022).

Ir-Regolament NDICI - Ewropa Globali, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2021 (ir-Regolament (UE) 2021/947 tas-9 ta' Ġunju 2021), jipprovdi l-bażi ġuridika primarja għall-assistenza tal-UE barra mill-UE fl-2021-2027, u l-governanza għall-mandat istituzzjonali l-ġdid tal-Bank għal operazzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea, inkluż ir-reġjun AKP. Dan jinkludi l-integrazzjoni tal-FEŻ ekstra-baġitarju kurrenti fil-baġit tal-UE. Ir-Regolament tal-NDICI jipprovdi l-bażi ġuridika għall-Kummissjoni biex tafda mandati futuri tal-UE lill-BEI għall-attività tiegħu barra mill-UE. Se jipprovdi wkoll il-qafas ta' investiment estern għall-Unjoni sabiex tikkoopera ma' istituzzjonijiet sħab permezz ta' għotjiet jew garanziji mill-baġit tal-UE.

Fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-perjodu ta' impenn tal-Faċilità ta' Investiment tal-AKP b'tal-anqas sitt xhur. 'Il quddiem, ir-riflussi mill-FI tal-AKP għandhom jiġu implimentati fi ħdan il-qafas tal-NDICI permezz ta' taħlita ta' tieqa dedikata għas-settur privat tal-AKP taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD+) u Fond Fiduċjarju.

Wara l-estensjoni tal-perjodu ta' impenn tal-Faċilità ta' Investiment, il-Bank approva l-operazzjonijiet f'konformità mal-Mandat tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2021 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2233 tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9a', l-10ar u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp - L 437/188, 28.12.2020).

Ir-rapporti finanzjarji tħejjew fuq bażi ta' negozju avvjat, li jassumi li l-Faċilità ta' Investiment se tkun tista' tissodisfa l-flejjes pagabbli kollha taħt kwalunkwe operazzjoni. Id-durata tal-Faċilità ta' Investiment mhuwiex iddeterminat. Il-11-il Ftehim Intern tal-FEŻ jibqa' fis-seħħ (skont l-Artikolu 14(3) tiegħu) sakemm ikun neċessarju sabiex l-operazzjonijiet kollha ffinanzjati taħt il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea u l-qafas finanzjarju pluriennali jkunu twettqu kompletament.

Ir-rapporti finanzjarji preżenti jkopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.

Bi proposta mill-Kumitat tal-Ġestjoni, il-Bord tad-Diretturi adotta r-Rapporti Finanzjarji fid-29 ta' Marzu 2023, u awtorizza s-sottomissjoni tagħhom quddiem il-Bord tal-Gvernaturi għall-approvazzjoni sal-25 ta' April 2023.

2 Politiki kontabilistiċi sinifikanti

2.2 Bażi tat-tħejjija – Dikjarazzjoni tal-konformità

Ir-rapporti finanzjarji tal-Faċilità tħejjew f'konformità mal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) kif adottati mill-Unjoni Ewropea.

2.2 Ġudizzji u estimi tal-kontabilità sinifikanti

It-tħejjija tar-rapporti finanzjarji tirrikjedi l-użu ta' estimi tal-kontabilità. Hija tirrikjedi wkoll li l-Maniġment tal-Bank jeżerċita l-ġudizzju tiegħu fil-proċess tal-applikazzjoni tal-politiki kontabilistiċi tal-Faċilità ta' Investiment. L-oqsma li jinvolvu livell ogħla ta' ġudizzju jew kumplessità, jew l-oqsma fejn is-suppożizzjonijiet u l-estimi huma sinifikanti għar-rapporti finanzjarji huma divulgati minn hawn 'il quddiem.

L-aktar użu sinifikanti tal-ġudizzji u l-estimi huwa kif ġej:

- **Kejl ta' valur ġust tal-istrumenti finanzjarji**

Il-valuri ġusti ta' assi finanzjarji ("AF") u ta' obbligazzjonijiet finanzjarji ("OF") li huma nnegozjati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kwotati tas-suq jew fuq kwotazzjonijiet ta' prezzijiet tas-sensara. Fejn il-valuri ġusti ma jistgħux ikunu derivati minn swieq attivi, dawn jiġu ddeterminati bl-użu ta' tekniki ta' valutazzjoni varji li jinkludu l-użu ta' mudelli matematiċi. L-input għal dawn il-mudelli jittieħed minn swieq osservabbli, fejn ikun possibbli, iżda fejn dan ma jkunx possibbli, ikun meħtieġ livell ta' ġudizzju sabiex jiġu stabbiliti l-valuri ġusti. Il-valutazzjonijiet huma kkategorizzati f'livelli differenti fil-ġerarkija tal-valur ġust fuq il-bażi tal-inputs użati fit-tekniki tal-valutazzjoni kif deskritti u ddivulgati fin-Noti 2.4.2 u 4.

- **Telf minn indeboliment ta' self u avvanzi**

Il-kejl tat-telf tal-kreditu mistenni ("ECL") jirrikjedi li l-maniġment japplika ġudizzji sinifikanti, b'mod partikolari, fil-valutazzjoni ta' żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mir-rikonoxximent inizjali, l-inkorporazzjoni ta' informazzjoni ta' natura prospettiva u l-istima ulterjuri tal-ammont u ż-żmien ta' flussi ta' flus u valuri kollaterali futuri meta jiġi ddeterminat it-telf minħabba indeboliment. Dawn l-istimi huma xprunati minn għadd ta' fatturi, li jistgħu jirriżultaw f'bidliet sinifikanti fiż-żmien u fl-ammont ta' provvedimenti biex jiġi rikonoxxut it-telf ta' kreditu (Nota 2.4.2). Is-suppożizzjonijiet rilevanti dwar l-effetti fuq il-ħsara li jirriżultaw mill-kuntest ġenerali tal-inċertezza u d-diversi riskji li qed jiżdiedu bħala riżultat tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna huma spjegati fid-dettall fin-Nota 2.4.2.2 u n-Nota 3.2.3.7.

- **Valwazzjoni tal-investimenti ta' ekwità mhux ikkwotati**

Il-valwazzjoni tal-investimenti ta' ekwità mhux ikkwotati normalment tkun ibbażata fuq waħda minn dawn li ġejjin:

- it-tranżazzjonijiet distakkati riċenti fis-suq;
- il-valur ġust kurrenti ta' strument ieħor li huwa sostanzjalment l-istess;
- il-flussi tal-flus mistennija skontati bir-rati kurrenti applikabbli għal elementi b'termini u karatteristiċi tar-riskji simili;
- il-metodu tal-assi netti aġġustati; jew
- mudelli ta' valwazzjoni oħrajn.

Id-determinazzjoni tal-flussi tal-flus u tal-fatturi ta' skont għall-investimenti ta' ekwità mhux ikkwotati tirrikjedi stima sinifikanti. Il-Faċilità tikkalibra t-tekniki ta' valwazzjoni perjodikament u tittestja l-validità tagħhom billi tuża l-prezz minn tranżazzjonijiet tas-suq kurrenti li jistgħu jiġu osservati fl-istess strument jew inkella minn data tas-suq disponibbli oħra li tista' tiġi osservata.

- **Konsolidazzjoni ta' entitajiet li l-Faċilità għandha interess fihom**

Il-BEI ħa deċiżjonijiet sinifikanti li l-ebda waħda mill-entitajiet li għandu interess fihom ma hija kkontrollata mill-Faċilità. Dan minħabba l-fatt li f'dawn l-entitajiet kollha, is-Soċju Solidali jew il-Maniġer tal-Fond jew il-Bord ta' Tmexxija għandhom ir-responsabbiltà unika għall-ġestjoni u għall-kontroll tal-attivitajiet u tal-affarijiet tas-sħubija u għandhom is-setgħa u l-awtorità li jagħmlu dak li huwa meħtieġ sabiex jilħqu l-iskop u l-objettivi tas-sħubija li tkun f'konformità mal-linji gwida tal-investiment u tal-politiki.

- **Inċertezza li tirriżulta mir-riforma tar-rati offruti interbankarji ("IBOR")**

Biex il-parametru referenzjarju jieqaf jeżisti immedjatament wara l-30 ta' Ġunju 2023, jiġifieri l-USD LIBOR, il-Faċilità tapplika l-emendi tal-Fażi 1 tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità ("IASB") relatati mal-inċertezza.

2.3 Bidliet fil-politiki tal-kontabbiltà

Minbarra l-bidliet ta' hawn taħt, il-Faċilità konsistentement applikat il-politiki kontabilistiċi stipulati fin-Nota 2.4 għall-perjodi kollha ppreżentati f'dawn ir-rapporti finanzjarji. Il-Faċilità adottat l-istandards ġodda u l-emendi għall-istandards li ġejjin.

Standards ġodda u emendati adottati mill-Faċilità

L-emendi li ġejjin għall-istandards eżistenti daħlu fis-seħħ għar-rapporti finanzjarji tal-Faċilità mill-1 ta' Jannar 2022:

- Titjib Annwali għall-Istandards IFRS 2018–2020
- Referenza għall-Qafas Kunċettwali — Emendi għall-IFRS 3
- Kuntratti Onerużi – Kost tal-Issodisfar ta' Kuntratt - Emenda għall-IAS 37

L-emendi elenkati hawn fuq ma kellhom l-ebda impatt fuq l-ammonti rikonoxxuti f'perjodi preċedenti u mhumiex mistennija li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-perjodi attwali jew futuri.

Standards, emendi u interpretazzjonijiet ġodda li għadhom ma ġewx adottati mill-Faċilità

Fl-31 ta' Diċembru 2022, l-Istandards u l-emendi li ġejjin għall-Istandards eżistenti kienu nħarġu iżda ma kinux obbligatorji għal perjodi ta' rapportar annwali li jintemmu fl-31 ta' Diċembru 2022:

Standards u emendi għall-Istandards eżistenti approvati mill-UE, u li huma effettivi għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara:

- Emendi għall-IAS 1 Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji u d-Dikjarazzjoni tal-Prattika tal-IFRS 2: Divulgazzjoni tal-politiki tal-Kontabbiltà
- Emendi għall-IAS 8 Politiki ta' Kontabilità, Bidliet fl-Istimi ta' Kontabilità u Żbalji: Definizzjoni ta' Stimi tal-Kontabbiltà

Emendi għall-Istandards eżistenti/li għadhom mhumiex approvati mill-UE:

- Emendi għall-IAS 1 Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji:
  - Klassifikazzjoni tal-Obbligazzjonijiet bħala Kurrenti jew Mhux Kurrenti (maħruġa fit-23 ta' Jannar 2020);
  - Klassifikazzjoni tal-Obbligazzjonijiet bħala Kurrenti jew Mhux Kurrenti — Deferiment ta' Data Effettiva (maħruġa fil-15 ta' Lulju 2020); kif ukoll
  - Obbligazzjonijiet Mhux Kurrenti b'Ptti (maħruġa fl-31 ta' Ottubru 2022)

Fid-data tal-awtorizzazzjoni ta' dawn ir-rapporti finanzjarji l-ebda wieħed mill-Istandards elenkati hawn fuq jew emendi għall-Istandards eżistenti ma jkunu ġew adottati kmieni mill-Faċilità u ma tkun inħarġet l-ebda Interpretazzjoni li tkun applikabbli u li jeħtieġ li titqies mill-Faċilità fi kwalunkwe data ta' rapportar. Il-maniġment jantiċipa li d-dikjarazzjonijiet rilevanti kollha se jiġu adottati għall-ewwel perjodu li jibda fid-data effettiva tal-pronunzja jew wara, u li mhux se jkun hemm xi impatt materjali fuq ir-rapporti finanzjarji tal-Faċilità.

2.4 Sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti

Ir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja jirrappreżenta l-assi u l-obbligazzjonijiet f'ordni dixxendenti ta' likwidità u ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn l-entrati kurrenti u dawk li mhumiex.

2.4.1 Tradotta f'munita barranija

Il-Faċilità tuża l-Euro (EUR) sabiex tippreżenta r-rapporti finanzjarji tagħha, li hija wkoll il-munita funzjonali. Ħlief kif indikat mod ieħor, l-informazzjoni finanzjarja ppreżentata f'EUR ġiet arrotondata għall-eqreb elf.

It-tranżazzjonijiet f'muniti barranin jiġu kkonvertiti bir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tat-tranżazzjoni.

L-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji ddenominati f'muniti oħrajn minbarra l-Euro jiġu kkonvertiti fl-Euro bir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tar-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja. Il-qligħ jew it-telf li jirriżulta minn dan il-qlib jiġi rreġistrat fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv.

L-entrati mhux monetarji li jitkejlu f'termini tal-kost storiku f'munita barranija jinqalbu bir-rati tal-kambju fid-dati tat-tranżazzjonijiet inizjali. L-entrati mhux monetarji li jitkejlu skont il-valur ġust f'munita barranija jinqalbu bir-rati tal-kambju fid-data meta ġie stabbilit il-valur ġust.

Id-differenzi fil-kambju li jirriżultaw mis-saldu tat-tranżazzjonijiet b'rati differenti minn dawk tad-data tat-tranżazzjoni, u d-differenzi fir-rati tal-kambju mhux realizzati fuq assi u obbligazzjonijiet monetarji f'munita barranija mhux saldati, huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv.

2.4.2 Assi finanzjarji minbarra d-derivattivi

L-istrumenti finanzjarji mhux derivattivi huma inizjalment rikonoxxuti bl-użu tal-bażi tad-data tas-saldu.

Klassifikazzjoni u kejl

Assi finanzjarji

Mar-rikonoxximent inizjali, assi finanzjarju huwa klassifikat bħala mkejjel abbażi tal-kost amortizzat ("AC"), tal-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv ("FVOCI") jew biċ-ċaqliq fil-valur ġust mgħoddi bħala profitt jew telf ("FVTPL") u obbligazzjoni finanzjarja hija kklassifikata bħala mkejla abbażi tal-AC jew bl-FVTPL.

Skont l-IFRS 9, klassifikazzjoni tibda billi jiġi ddeterminat jekk l-assi finanzjajru għandux jitqies bħala strument ta' dejn jew ta' ekwità. L-IFRS 9 jirreferi għad-definizzjonijiet fl-IAS 32 Strumenti finanzjarji: Preżentazzjoni.

Strumenti ta' dejn huma dawk l-istrumenti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja mill-perspettiva tal-kontroparti, self u titoli ta' dejn inklużi bonds, noti jew ċertifikati maħruġa minn entitajiet strutturati, gvern jew korporattivi.

Strument ta' dejn huwa kklassifikat abbażi tal-AC jekk jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin u mhuwiex ikklassifikat bl-FVTPL:

- l-assi jinżamm f'mudell ta' negozju li l-għan tiegħu huwa li jżomm l-assi finanzjarji sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali; kif ukoll
- f'dati speċifikati t-termini kuntrattwali tal-assi finanzjarju jwasslu għal flussi tal-flus li huma sempliċiment pagamenti tal-prinċipal u l-imgħax fuq l-ammont tal-prinċipal pendenti (kriterji SPPI).

Strument ta' dejn huwa kklassifikat abbażi tal-FVOCI biss jekk jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin u mhuwiex ikklassifikat bl-FVTPL:

- l-assi jinżamm f'mudell ta' negozju li l-għan tiegħu jintlaħaq kemm permezz tal-ġbir ta' flussi tal-flus kuntrattwali kif ukoll permezz tal-bejgħ ta' assi finanzjarji u
- f'dati speċifikati t-termini kuntrattwali tal-assi finanzjarju jwasslu għal flussi tal-flus li jissodisfaw il-kriterji SPPI.

Ir-rekwiżiti t'hawn fuq jenħtieġ li jiġu applikati għall-assi finanzjarju kollu, anke jekk dan ikun jinkludi derivattiv inkorporat.

L-istrumenti ta' ekwità huma strumenti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' ekwità mill-perspettiva tal-emittent; jiġifieri, strumenti li ma jinkludux obbligu kuntrattwali għall-ħlas u li juru interess residwu fl-assi netti tal-emittent. L-istrumenti ta' ekwità huma mkejlin bl-FVTPL.

Mar-rikonoxximent inizjali ta' investiment ta' ekwità li jinżamm għan-negozju, il-Faċilità tista' tagħżel b'mod irrevokabbli li tippreżenta bidliet sussegwenti f'introjtu ieħor komprensiv. Din l-għażla ssir fuq bażi ta' investiment b'investiment.

L-assi finanzjarji l-oħra kollha huma kklassifikati bħala mkejla bl-FVTPL.

Valutazzjoni tal-mudell ta' negozju

Il-BEI, bħala l-maniġer tal-Faċilità, jagħmel valutazzjoni tal-objettiv ta' mudell ta' negozju li fih strument ta' dejn jinżamm fil-livell ta' portafoll minħabba li dan jirrifletti l-aħjar il-mod li bih jiġi ġestit in-negozju u l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-maniġment. L-informazzjoni kkunsidrata tinkludi:

- il-politiki u l-objettivi ddikjarati għall-portafoll u t-twettiq ta' dawk il-politiki fil-prattika. B'mod partikolari, jekk l-istrateġija tal-maniġment tiffukax fuq li tikseb dħul mill-imgħax kuntrattwali, iżżomm profil partikolari tar-rata tal-imgħax, tqabbel id-durata tal-assi finanzjarji mad-durata tal-obbligazzjonijiet li jkunu qed jiffinanzjaw dawk l-assi jew jirrealizzaw l-flussi tal-flus permezz tal-bejgħ tal-assi;
- kif il-prestazzjoni tal-portafoll jiġi evalwat u rrapportat lill-maniġment tal-Faċilità;
- ir-riskji li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-mudell ta' negozju (u l-assi finanzjarji miżmuma f'dak il-mudell ta' negozju) u l-mod kif jiġu ġestiti dawk ir-riskji; kif ukoll
- l-frekwenza, il-volum u ż-żmien tal-bejgħ f'perjodi ta' qabel, ir-raġunijiet għal tali bejgħ u l-aspettattivi tiegħu dwar l-attività tal-bejgħ fil-ġejjieni.

Madankollu, l-informazzjoni dwar l-attività tal-bejgħ ma titqiesx waħedha, iżda bħala parti minn valutazzjoni ġenerali ta' kif jintlaħaq l-objettiv iddikjarat tal-Faċilità għall-ġestjoni tal-assi finanzjarji u ta' kif jiġu realizzati l-flussi tal-flus.

Il-mudell tan-negozju għall-operazzjonijiet ta' self dirett tal-Pakkett ta' Finanzjament ta' Impatt ġie deskritt u ddivulgat fin-Nota 24.

Il-kriterji ta' pagament uniku tal-kapital u tal-imgħax ("SPPI")

Għall-fini ta' din il-valutazzjoni, "prinċipal" huwa ddefinit bħala l-valur ġust tal-istrument ta' dejn mar-rikonoxximent inizjali. "Imgħax" huwa ddefinit bħala korrispettiv għall-valur taż-żmien tal-flus u għar-riskju ta' kreditu marbut mal-ammont tal-prinċipal pendenti tul perjodu partikolari ta' żmien u għal riskji u spejjeż oħrajn marbutin mas-self (eż. riskju ta' likwidità u spejjeż amministrattivi), kif ukoll bħala marġini ta' profitt.

Fil-valutazzjoni ta' jekk il-flussi tal-flus kuntrattwali humiex biss pagamenti tal-prinċipal u tal-imgħax, jitqiesu t-termini kuntrattwali tal-istrument. Dan jinkludi l-valutazzjoni ta' jekk l-assi finanzjarju jinkludix terminu kuntrattwali li jista' jibdel iż-żmien jew l-ammont tal-flussi tal-flus kuntrattwali b'tali mod li ma jissodisfax din il-kundizzjoni.

Irtirar tar-rikonoxximent

Il-Faċilità tirtira r-rikonoxximent ta' assi finanzjarju meta d-drittijiet kuntrattwali għall-flussi tal-flus mill-assi finanzjarju jiskadu jew id-drittijiet sabiex tirċievi l-flussi tal-flus kuntrattwali jiġu ttrasferiti fi tranżazzjoni li fiha, il-Faċilità, jew titrasferixxi r-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda tal-assi finanzjarju jew iżżomm b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda iżda ma jkollhiex kontroll tal-assi finanzjarju.

Mal-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi finanzjarju jew ta' obbligazzjoni finanzjarja (Nota 2.4.4), id-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi jew tal-obbligazzjoni (jew l-ammont riportat allokat għall-porzjon tal-assi jew tal-obbligazzjoni li għalihom ikun ġie rtirat ir-rikonoxximent) u s-somma ta' (i) il-korrispettiv riċevut jew imħallas u (ii) kwalunkwe qligħ jew telf kumulattiv li jkun ġie rikonoxxut f'introjtu ieħor komprensiv tiġi rikonoxxuta fil-profitt jew fit-telf minbarra l-qligħ jew it-telf kumulattiv rikonoxxut f'introjtu ieħor komprensiv għal investimenti ta' ekwità mkejla abbażi tal-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv li jiġu ttrasferiti fil-fond ta' riżerva minflok il-profitt jew it-telf fuq id-disponiment.

Fil-kuntest tar-riforma tal-IBOR, il-valutazzjoni tal-Faċilità dwar jekk bidla fi strument finanzjarju tal-kost amortizzat hijiex sostanzjali, issir wara li jiġi applikat l-espedjent prattiku introdott mill-Fażi 2 tar-riforma tal-IBOR. Skont l-emendi maħruġa mill-IASB, il-Faċilità ma tirtirax ir-rikonoxximent ta' strument finanzjarju, liema flussi ta' flus kuntrattwali jiġu mmodifikati bħala konsegwenza diretta mir-riforma u l-bidla hija ekonomikament ekwivalenti għall-bażi preċedenti għad-determinazzjoni tal-flussi tal-flus kuntrattwali (jiġifieri l-bażi immedjatament qabel il-bidla).

Riklassifikazzjoni

L-assi finanzjarji ma jiġux riklassifikati wara r-rikonoxximent inizjali tagħhom, għajr fil-perjodu wara li l-Faċiltà tibdel il-mudell ta' negozju tagħha għall-ġestjoni tal-assi finanzjarji.

Modifika

Assi finanzjarju mkejjel fil-kost amortizzat jiġi kkunsidrat bħala mmodifikat meta l-flussi tal-flus kuntrattwali tiegħu jiġu nnegozjati mill-ġdid jew inkella mmodifikati. Negozjar mill-ġdid jew modifika jistgħu jwasslu jew ma jwasslux għal irtirar tar-rikonoxximent tal-istrument finanzjarju l-antik u għar-rikonoxximent tal-istrument finanzjarju l-ġdid.

Modifika kuntrattwali sostanzjali fil-flussi tal-flus ta' assi finanzjarju mkejjel f'kost armotizzat li jirriżulta fl-irtirar tar-rikonoxximent tal-assi finanzjarju jwassal għar-rikonoxximent tal-assi finanzjarju l-ġdid fil-valur ġust tiegħu, u għar-reġistrazzjoni tal-impatt tal-qligħ jew tat-telf tal-modifika fir-rapport tal-introjtu konsolidat taħt "Riżultat fuq operazzjonijiet finanzjarji".

Modifika kuntrattwali titqies sostanzjali jekk il-valur preżenti skontat tal-flussi tal-flus skont it-termini riveduti (skontati bl-użu tar-rata effettiva tal-imgħax oriġinali) ikun tal-anqas 10 % differenti mill-valur preżenti skontat tal-flussi tal-flus li jifdal tal-assi finanzjarju oriġinali. Fatturi kwalitattivi bħal bidla fil-munita li fuqha huwa denominat l-assi finanzjarju u jitqiesu wkoll il-karatteristiċi ta' konverżjoni.

Fil-kuntest tar-riforma tal-IBOR, il-valutazzjoni tal-Faċilità dwar jekk bidla fi strument finanzjarju tal-kost amortizzat hijiex sostanzjali, issir wara li jiġi applikat l-espedjent prattiku introdott mill-Fażi 2 tar-riforma tal-IBOR. Il-Faċilità taġġorna r-rata effettiva tal-imgħax, mingħajr ma timmodifika l-ammont riportat tal-istrument finanzjarju jekk il-bażi għad-determinazzjoni tal-flussi tal-flus kuntrattwali tal-istrument finanzjarju, imkejla b'kost amortizzat, tinbidel bħala konsegwenza diretta mir-riforma u jekk il-bidla tkun ekonomikament ekwivalenti għall-bażi preċedenti (jiġifieri l-bażi immedjatament qabel il-bidla).

Kejl ta' valuri ġusti tal-istrumenti finanzjarji

Il-valur ġust huwa l-prezz li jiġi riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordinata bejn il-parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl fis-suq prinċipali, jew fin-nuqqas tiegħu, l-aktar suq vantaġġjuż li l-Faċilità għandha aċċess għalih f'dik id-data.

Meta applikabbli, il-BEI f'isem il-Faċilità jkejjel il-valur ġust ta' strument billi juża l-prezz ikkwotat f'suq attiv għal dak l-istrument. Suq jitqies bħala attiv jekk it-tranżazzjonijiet għall-assi jew għall-obbligazzjoni jseħħu bi frekwenza u volum suffiċjenti li jipprovdu informazzjoni dwar l-ipprezzar fuq bażi kontinwa.

Fejn il-valuri ġusti tal-assi finanzjarji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji rreġistrati fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja ma jistgħux jirriżultaw minn swieq attivi, dawn jiġu ddeterminati bl-użu ta' varjetà ta' tekniki ta' valwazzjoni li jinkludu l-użu ta' mudelli matematiċi. L-input għal

dawn il-mudelli jittieħed minn swieq osservabbli, fejn ikun possibbli, iżda fejn dan ma jkunx possibbli, ikun meħtieġ livell ta' ġudizzju sabiex jiġu stabbiliti l-valuri ġusti. It-teknika ta' valwazzjoni magħżula tinkorpora l-fatturi kollha li l-parteċipanti fis-suq jikkunsidraw fl-ipprezzar tat-tranżazzjoni.

Dawn it-tekniki ta' valutazzjoni jistgħu jinkludu l-valur nett attwali u mudelli ta' flussi tal-flus skontati, tqabbil ma' strumenti simili li għalihom jeżistu prezzijiet tas-suq osservabbli, mudelli tal-ipprezzar Black-Scholes u bl-opzjoni polinomjali u mudelli oħra ta' valutazzjoni. Is-suppożizzjonijiet u l-inputs użati f'tekniki ta' valwazzjoni jinkludu rati tal-imgħax mingħajr riskju u ta' riferenza, il-firxiet tal-kreditu użati fl-istima tar-rati ta' skont, bonds u prezzijiet tal-ekwità, ir-rati tal-kambju, il-prezzijiet tal-ekwità u l-indiċi ta' ekwità u l-prezz mistenni tal-volatilitajiet u l-korrelazzjonijiet.

L-objettiv tat-tekniki tal-valutazzjoni huwa li wieħed jasal għall-kejl tal-valur ġust li jirrifletti l-prezz li jiġi aċċettat sabiex jinbiegħu l-assi jew li jitħallas għat-trasferiment tal-obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordinata bejn parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl.

Il-Bank juża mudelli ta' valwazzjoni rikonoxxuti b'mod wiesa' sabiex jiddetermina l-valur ġust ta' stumenti finanzjarji komuni u aktar sempliċi, bħal swaps tar-rata tal-imgħax u tal-valuti li jużaw biss data tas-suq osservabbli u li jirrikjedu stima u ġudizzju limitati mill-maniġment. Il-prezzijiet osservabbli u l-inputs tal-mudell ġeneralment ikunu disponibbli fis-suq tat-titoli tad-dejn u l-ekwità kkwotati, tad-derivattivi nnegozjati fil-Borża u tad-derivattivi sempliċi barra l-Borża, bħal swaps tar-rati tal-imgħax. Id-disponibbiltà tal-prezzijiet tas-suq osservabbli u tal-inputs tal-mudelli tnaqqas il-ħtieġa għal ġudizzju u stima mill-maniġment u tnaqqas ukoll l-inċertezza assoċjata mad-determinazzjoni tal-valuri ġusti. Id-disponibbiltà tal-prezzijiet tas-suq osservabbli u tal-inputs tvarja skont il-prodotti u s-swieq u hija suxxettibbli għal bidliet ibbażati fuq avvenimenti speċifiċi u fuq kundizzjonijiet ġenerali fis-swieq finanzjarji.

Għal strumenti aktar kumplessi, il-Bank juża l-mudelli ta' valwazzjoni proprji tiegħu, li huma żviluppati minn mudelli ta' valwazzjoni rikonoxxuti. Uħud mill-inputs sinifikanti, jew kollha kemm huma, f'dawn il-mudelli jistgħu ma jkunux osservabbli fis-suq, u jiġu derivati minn prezzijiet jew rati tas-suq jew inkella jiġu stmati abbażi ta' suppożizzjonijiet. Eżempju ta' strumenti li jinvolvu inputs mhux osservabbli sinifikanti jinkludi ċerti self u garanziji li għalihom ma jeżisti l-ebda suq attiv. Il-mudelli ta' valwazzjoni li jużaw inputs mhux osservabbli sinifikanti jirrikjedu livell ogħla ta' ġudizzju u stima mill-maniġment sabiex jiġi stabbilit il-valur ġust. Il-ġudizzju u l-istima tal-maniġment ġeneralment ikunu meħtieġa għall-għażla tal-mudell ta' valwazzjoni xieraq li għandu jintuża, għad-determinazzjoni tal-flussi ta' flus futuri mistennija fuq l-istrument finanzjarju li jkun qed jiġi valwat, għad-determinazzjoni ta' probabbiltà jew inadempjenza tal-kontroparti u l-prepagamenti u għall-għażla tar-rati ta' skont adatti.

Il-Faċilità tkejjel il-valuri ġusti billi tuża din il-ġerarkija tal-valur ġust li tirrifletti s-sinifikat tal-inputs użati sabiex isir il-kejl:

- Livell 1: inputs li huma prezzijiet tas-suq ikkwotati mhux aġġustati fi swieq attivi għal strumenti identiċi li l-Faċilità għandha aċċess għalihom.
- Livell 2: inputs apparti l-prezzijiet kwotati inklużi fil-Livell 1 li jkunu osservabbli jew direttament (jiġifieri bħala prezzijiet) jew indirettament (jiġifieri misluta mill-prezzijiet). Din il-kategorija tinkludi strumenti valwati bl-użu tal-prezzijiet tas-suq ikkwotati fi swieq attivi għal strumenti simili, il-prezzijiet ikkwotati għal strumenti identiċi jew simili fi swieq meqjusa bħala anqas minn attivi jew tekniki ta' valwazzjoni oħrajn fejn l-inputs sinifikanti kollha jkunu direttament jew indirettament osservabbli mid-data tas-suq.
- Livell 3: inputs li ma jkunux osservabbli. Din il-kategorija tinkludi l-istrumenti kollha fejn it-teknika ta' valwazzjoni tinkludi l-inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli u l-inputs mhux osservabbli li għandhom effett sinifikanti fuq il-valwazzjoni tal-istrument. Din il-kategorija tinkludi strumenti li huma valwati abbażi tal-prezzijiet ikkwotati għal strumenti simili fejn huma meħtieġa aġġustamenti jew suppożizzjonijiet mhux osservabbli sinifikanti sabiex ikunu jirriflettu d-differenzi bejn l-istrumenti.

Il-Faċilità tirrikonoxxi t-trasferimenti bejn il-livelli tal-ġerarkija tal-valur ġust fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar li matulu tkun seħħet il-bidla.

Indeboliment tal-assi finanzjarji

L-IFRS 9 huwa bbażat fuq mudell ta' telf ta' kreditu mistenni ("ECL") li jħares' il quddiem. Il-BEI stabbilixxa qafas biex jikkalkula t- "telf ta' kreditu mistenni" skont l-istat tal-makroekonomija. Dan jinvolvi l-kostruzzjoni ta' parametri tar-riskju ta' kreditu ta' punt fiż-żmien ("PIT") (Probabbiltà ta' inadempjenza – "PD" u Telf fil-każ ta' inadempjenza – "LGD") fuq il-bażi ta' fattur sistematiku (ċiklu ta' kreditu) li huwa xprunat mill-makroekonomija u pproġettat permezz ta' previżjonijiet jew xenarji makroekonomiċi. L-ECL finali huwa medja ponderata skont il-probabbiltà tal-ECLs tax-xenarju makroekonomiku rispettiv. Dan l-mudell ta' indeboliment li jħares 'il quddiem jiġi applikat għal assi finanzjarji mkejlin fuq il-bażi ta' kuntratti ta' garanzija finanzjarja, kif ukoll għal impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ.

Skont l-IFRS 9, il-koperturi għal telf jitkejlu fuq waħda mill-bażijiet li ġejjin:

- ECLs ta' 12-il xahar: dawn huma l-ECLs li jirriżultaw minn attivitajiet ta' inadempjenza possibbli fi żmien 12-il xahar wara d-data tar-rapportar; kif ukoll
- ECLs tul il-ħajja: dawn huma l-ECLs li jirriżultaw mill-avvenimenti ta' inadempjenza kollha possibbli tul il-ħajja mistennija ta' strument finanzjarju.

L-Istandard IFRS 9 jistabbilixxi mudell fuq "tliet stadji" għall-indeboliment fuq il-bażi tal-bidliet fil-kwalità tal-kreditu sa mir-rikonoxximent inizjali. L-istrumenti finanzjarji huma kklassifikati fl-Istadju 1, ħlief għal dawk l-istrumenti li għalihom tiġi identifikata żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu ("SICR") mindu jseħħ ir-rikonoxximent inizjali. Dan jinkludi informazzjoni u analiżi kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, abbażi tal-għarfien espert tal-Bank, inkluża informazzjoni li tħares 'il quddiem.

L-assi mixtrija jew oriġinati b'indeboliment fil-kreditu ("POCI") huma l-assi finanzjarji li, mill-mument tar-rikonoxximent inizjali, jitqiesu li huma kklassifikati bħala l-Istadju 3. Għall-assi finanzjarji POCI, il-bidliet kumulattivi fl-ECL matul il-ħajja mir-rikonoxximent inizjali huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

Il-valutazzjoni tal-Bank tal-istadju tal-IFRS9 hija bbażata fuq approċċ sekwenzjali li qed juża informazzjoni speċifika għall-kontroparti jew għall-istrumenti konsistenti mal-linji gwida u l-proċeduri interni, b'mod partikolari li tkopri skattaturi ta' twissija bikrija, klassifikazzjoni interna (tnaqqis ta' 3 gradi jew aktar meta mqabbla mal-klassifikazzjoni interna storika għal kontropartijiet li l-klassifikazzjoni interna attwali tagħhom hija taħt il-grad ta' investiment) u arretrati (aktar minn 30 jum wara l-iskadenza).

F'konformità mal-gwida maħruġa minn dawk li jistabbilixxu l-istandards u mal-prattiki tas-suq, il-BEI qies li jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' miżuri ta' trażżin għal terminu qasir minħabba l-COVID-19 għal kontropartijiet produttivi (applikati sa Ġunju 2021), immirati sabiex jindirizzaw l-impatt ekonomiku sistemiku negattiv tal-pandemija tal-COVID-19, minnha nnifisha jenħtieġ li ma jitqisx bħala skattar awtomatiku sabiex jiġi konkluż li seħħet SICR. Kif iddivulgat taħt in-Nota 3.2.3.8, il-BEI japplika ġudizzju espert meta jivvaluta r-riskju ta' kreditu ta' tali kontropartijiet.

Il-BEI jqis li l-effetti fuq il-ħsara li jirriżultaw mill-kuntest ġenerali tal-inċertezza u d-diversi riskji li qed jiżdiedu bħala riżultat tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna huma riflessi fil-mudell tal-ECL eżistenti li jħares 'il quddiem li huwa meqjus robust biżżejjed biex iqis avvenimenti estremi bħal dawn. B'mod partikolari, l-impatti rispettivi ġew koperti direttament permezz tal-projezzjonijiet makroekonomiċi u l-istrutturi tat-termini tal-PD.

Il-BEI iqis li l-mudell eżistenti tal-ECL li jħares' il quddiem huwa meqjus robust biżżejjed biex iqis avvenimenti ekonomiċi estremi, li nqabdu direttament permezz tal-projezzjonijiet makroekonomiċi u l-istrutturi tat-termini tal-PD. Kif iddivulgat taħt in-Nota 3.2.3.8, il-BEI japplika ġudizzju espert meta jivvaluta r-riskju ta' kreditu ta' tali kontropartijiet.

Jekk seħħet żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu, l-istrument finanzjarju jitmexxa għall-Istadju 2 iżda ma jkunx għadu jitqies li hu ta' kreditu indebolit. Jekk l-istrument finanzjarju għandu kreditu indebolit, imbagħad l-istrument finanzjarju jitmexxa għall-Istadju 3.

Sabiex jidentifika l-iskoperturi tal-Istadju 3, il-Bank jiddetermina jekk hemmx evidenza oġġettiva ta' skopertura improduttiva. Assi finanzjarju jitqies bħala inadempjenti meta jkun improbabbli li l-mutwatarju jħallas bis-sħiħ l-obbligi ta' kreditu tiegħu lill-Faċilità, mingħajr ma r-rikors mill-Faċilità jew mill-mutwatarju jkun ilu li sar aktar minn 90 jum fuq kwalunkwe obbligu ta' kreditu materjali lill-Faċilità.

F'dan ir-rigward, assi finanzjarju jitqies bħala indebolit meta jiġi ddeterminat li huwa probabbli li l-Faċilità mhix se tkun tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini kuntrattwali oriġinali jew valur ekwivalenti. L-iskoperturi ta' kreditu individwali jiġu evalwati abbażi tal-karatteristiċi, il-kundizzjoni finanzjarja ġenerali, ir-riżorsi u r-rekord ta' pagamenti tal-mutwatarju, il-prospetti għal appoġġ minn kwalunkwe garanti responsabbli finanzjarjament u, fejn applikabbli, il-valur realizzabbli ta' kwalunkwe kollateral.

Il-pretensjonijiet indeboliti kollha jiġu riveduti u analizzati mill-anqas kull sitt xhur. Kwalunkwe bidla sussegwenti fl-ammonti u fiż-żmien tal-flussi tal-flus futuri mistennija meta mqabbla mal-istimi preċedenti se tirriżulta f'bidla fil-provvediment għat-telf ta' kreditu u se tiġi ddebitata jew ikkreditata fir-rapport tal-introjtu. Provvediment għal indeboliment jitreġġa' lura biss meta l-kwalità tal-kreditu tkun ittejbet b'tali mod li jkun hemm assigurazzjoni raġonevoli li l-prinċipal u l-imgħax se jinġabru fil-ħin f'konformità mat-termini kuntrattwali oriġinali tal-ftehim tal-pretensjoni. Tħassir isir meta pretensjoni kollha jew parti minnha titqies bħala li ma tistax tinġabar jew tiġi maħfura. It-tħassir jiġi ddebitat skont l-indebolimenti stabbiliti preċedentement jew direttament fir-rapport tal-introjtu u jnaqqas l-ammont prinċipali ta' pretensjoni. L-irkupri li jsiru b'mod parzjali jew bis-sħiħ tal-ammonti mħassra preċedentement jiġu kkreditati fir-rapport tal-introjtu. L-assi finanzjarji li jiġu kkanċellati xorta jistgħu jkunu soġġetti għal attivitajiet ta' infurzar sabiex jikkonformaw mal-proċeduri tal-Bank għall-irkupru tal-ammonti dovuti.

Kejl tal-ECL – Inputs, Suppożizzjonijiet u Tekniki

Il-kejl tal-ECL matul il-ħajja japplika għal assi tal-Istadju 2 u tal-Istadju 3, filwaqt li l-kejl tal-ECL ta' 12-il xahar japplika għal assi tal-Istadju 1.

It-telf ta' kreditu mistenni ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-varjabbli li ġejjin:

- Klassifikazzjoni tal-kreditu u Probabbiltà ta' inadempjenza ("PD") tal-PIT,
- Telf fil-Każ ta' inadempjenza ("LGD") tal-PIT,
- Skopertura fl-inadempjenza ("EAD").

Il-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' kontroparti tiġi ddeterminata f'ċerta data, bl-użu ta' mudelli tal-karta tal-punteġġ imfassla għad-diversi kategoriji ta' kontropartijiet u ta' skoperturi.

Kull klassifikazzjoni tal-kreditu hija mmappjata għal PD speċifika li tirrappreżenta l-probabbiltà li kontroparti tispiċċa inadempjenti fir-rigward tal-obbligu finanzjarju tagħha, jew tul it-12-il xahar li jmiss, jew tul il-bqija tal-ħajja tal-obbligu. B'hekk, il-klassifikazzjonijiet huma primarjament input fid-determinazzjoni tal-istruttura tat-terminu tal-PD għall-iskoperturi. Il-BEI jiġbor informazzjoni dwar il-prestazzjoni u ta' inadempjenza fir-rigward tal-iskoperturi b'riskju ta' kreditu tal-Faċilità. Id-data miġbura titqassam skont it-tip ta' industrija u skont it-tip ta' reġjun. Industriji u reġjuni differenti li jirreaġixxu b'mod omoġenu għaċ-ċiklu ta' kreditu jiġu analizzati flimkien.

Il-BEI jħaddem mudelli statistiċi biex janalizza d-data miġbura u jiġġenera stimi tal-PD matul il-ħajja li jifdal tal-iskoperturi u kif dawn huma mistennija jinbidlu minħabba l-fatt li għadda ż-żmien u fil-kuntest ta' xenarji makroekonomiċi speċifiċi.

L-LGD jirrappreżenta l-aspettattiva tal-BEI fir-rigward tal-proporzjon tat-telf fuq skopertura minħabba l-inadempjenza ta' kontroparti għall-ammont li jkun għadu dovut meta sseħħ inadempjenza. L-LGD jista' jiġi ddefinit wkoll bħala "1 - Ir-Rata tal-Irkupru". L-istimi tal-LGD jiġu ddeterminati primarjament mill-ġeografija u mit-tip tal-kontroparti, b'ħames klassijiet ta' skoperturi ewlenin: Sovrani, Istituzzjonijiet Pubbliċi, Istituzzjonijiet Finanzjarji, Finanzjament Korporattiv u tal-Proġett. Il-valuri tal-LGD jistgħu jiġu aġġustati ulterjorment abbażi tal-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott u tal-kuntratt tal-iskopertura.

Il-BEI jinkorpora l-PIT u informazzjoni li tħares 'il quddiem kemm fil-valutazzjoni tiegħu ta' jekk ir-riskju ta' kreditu ta' strument ikunx żdied b'mod sinifikanti mir-rikonoxximent inizjali tiegħu kif ukoll fil-kejl tiegħu tat-telf ta' kreditu mistenni.

Għall-kejl tal-ECL, il-BEI żviluppa approċċ ta' mmudellar kundizzjonali, magħruf bħala l-mudell tal-PD tal-PIT, għall-kalkolu tal-istrutturi tat-terminu tal-PD li jinvolvi:

- id-definizzjoni ta' funzjoni ta' rabta ekonomikament raġonevoli bejn iċ-ċiklu ta' kreditu u l-varjabbli makroekonomiċi, u
- sett ta' tliet xenarji makroekonomiċi (xenarju bażi wieħed u żewġ xenarji li jirriflettu reċessjoni u rilanċ fl-ekonomija) b'realizzazzjoni potenzjali ta' diversi snin għall-PDG u l-probabbiltà assoċjata tagħhom.

Sabiex jiġġenera xenarji makroekonomiċi, il-BEI juża mudell makro semistrutturali, multinazzjonali u multiekwazzjoni tal-ekonomija globali bi blokok speċifiċi għall-pajjiżi. Ix-xenarju ċentrali / bażi huwa mfassal sabiex ikun konsistenti mal-aktar previżjonijiet riċenti tal-Kummissjoni Ewropea. Ix-xenarji pożittivi u negattivi huma mfasslin madwar ix-xenarju ċentrali bl-użu tal-mudell multinazzjonali/multiekwazzjoni. Ix-xenarji huma derivati bl-ixxokkjar tal-PDG, li huwa l-kejl ewlieni tal-attività ekonomika. Ix-xokkijiet għall-PDG reali jiġu kkalibrati sabiex tiġi replikata l-volatilità osservata tal-varjabbli. Barra minn hekk, meta jkun xieraq, jiġi applikat ġudizzju espert sabiex jiġu rfinati d-daqs u l-persistenza tax-xokkijiet għall-PDG. B'riżultat ta' dan, ix-xokkijiet jiġu ddeterminati flimkien ma' funzjoni ta' tnaqqis sabiex jiġi ddeterminat l-impatt tax-xokkijiet maż-żmien. Il-probabbiltajiet marbutin ma' kull xenarju huma definiti filwaqt li jirriflettu l-indikaturi (tal-volatilità) tas-suq u indikaturi/trackers żviluppati internament użati b'mod konsistenti maż-żmien sabiex tiġi koperta l-inċertezza.

Il-mudelli tal-PD tal-PIT u tal-LGD tal-PIT tal-BEI jużaw l-istess valuri pproġettati taċ-ċiklu tal-kreditu bħall-input ewlieni f'xenarji makroekonomiċi differenti. Iċ-ċiklu tal-kreditu huwa kkalkulat mir-rati ta' tnaqqis fil-grad ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni esterna u l-projezzjonijiet tar-rati ta' tkabbir annwali tal-PDG reali kif ukoll il-firxa bejn ir-rati tal-imgħax fit-tul u dawk fuq terminu qasir.

L-EAD tirrappreżenta l-iskopertura mistennija fil-każ ta' inadempjenza u hija bbażata fuq l-iskopertura kurrenti għall-kontroparti u fuq it-tibdiliet potenzjali fl-ammont kurrenti permess taħt il-kuntratt inkluż l-amortizzament. L-EAD ta' assi finanzjarju hija l-ammont riportat gross tiegħu. Għal impenji ta' self u għal garanziji finanzjarji, l-EAD tinkludi l-ammont prelevat.

2.4.2.1 Flus u ekwivalenti tal-flus

Il-Faċilità tiddefinixxi l-flus u l-ekwivalenti ta' flus bħala kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu qasir jew karti kummerċjali b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew anqas. Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus jiġu riportati abbażi tal-AC fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja.

2.4.2.2 Assi finanzjarji tat-teżor

L-assi finanzjarji tat-teżor jinkludu bonds ikkwotati u mhux ikkwotati bl-intenzjoni li jinżammu sal-maturità, u karti kummerċjali b'maturitajiet oriġinali ta' aktar minn tliet xhur u konsegwentement jiġu kklassifikati abbażi tal-AC.

Dawk il-bonds u l-karti kummerċjali inizjalment jitkejlu abbażi tal-kost, li huwa l-valur ġust tagħhom flimkien ma' kwalunkwe kost tat-tranżazzjoni direttament attribwibbli. Id-differenza bejn il-prezz tad-dħul u l-valur tal-fidwa tiġi amortizzata f'konformità mal-metodu tal-imgħax effettiv matul il-perjodu ta' ħajja li jifdal tal-istrument.

2.4.2.3 Self u avvanzi

Il-portafoll tas-self u tal-avvanzi jista' jikkonsisti fi strumenti ta' dejn bħal self u titoli ta' dejn inklużi bonds, noti jew ċertifikati maħruġin minn entitajiet strutturati bl-intenzjoni li jinżammu sal-maturità u sabiex jinġabru l-flussi ta' flus kuntrattwali.

Is-self u l-avvanzi jinkludu:

- Is-self u l-avvanzi mkejla abbażi tal-AC
- Is-self u l-avvanzi obbligatorji mkejla bl-FVTPL.

Is-self li jkun oriġina mill-Faċilità jiġi rikonoxxut fl-assi tal-Faċilità meta l-flus jiġu avvanzati lill-mutwatarji. Il-partijiet mhux żborżati tas-self jiġu rreġistrati barra l-karta tal-bilanċ bil-valur nominali tagħhom. Is-self li jgħaddi mit-test SPPI jiġi inizjalment irreġistrat skont il-kost (l-ammonti netti żborżati tiegħu), li huwa l-valur ġust tal-flus mogħtija sabiex jinbeda s-self, inkluż kwalunkwe kost tat-tranżazzjoni u sussegwentement jitkejjel abbażi tal-AC, bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv.

It-titoli ta' dejn huma rikonoxxuti fl-assi tal-Faċilità meta l-flus jiġu avvanzati għall-emittent u jistgħu jieħdu l-forma ta' strument ta' dejn ta' segment wieħed jew marbut kuntrattwalment. Il-partijiet mhux żborżati tat-titoli tad-dejn jiġu rreġistrati barra l-karta tal-bilanċ bil-valur nominali tagħhom. It-titoli tad-dejn jitkejlu inizjalment skont il-kost, li huwa l-valur ġust flimkien ma' kwalunkwe kost tat-tranżazzjoni attribwibbli direttament, u sussegwentement jitkejlu bl-AC bl-użu tal-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax. Id-differenza bejn il-prezz tad-dħul u l-valur tal-fidwa tiġi amortizzata f'konformità mal-metodu tal-imgħax effettiv matul il-perjodu ta' ħajja li jifdal tal-istrument.

Il-politika tal-indeboliment fuq is-self u fuq l-avvanzi hija deskritta taħt in-Nota 2.4.2.

Is-self u l-avvanzi li ma jissodisfawx il-kriterju tal-SPPI jitkejlu b'mod obbligatorju bl-FVTPL. It-teknika tal-kejl tal-valur ġust li tintuża hija bbażata fuq teknika ta' flussi tal-flus skontati jew fuq il-valur tal-likwidazzjoni.

Għall-impatt tar-riforma tal-IBOR fuq il-kejl mill-ġdid tas-self u l-avvanzi b'kost amortizzat, irreferi għall-paragrafi ddedikati fin-Nota 2.4.2 – Klassifikazzjoni u Kejl / Modifika.

2.4.2.4 Ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli

Hemm żewġ tipi ta' investimenti ta' ekwità fil-Faċilità: (i) investimenti ta' ekwità diretti u (ii) fondi ta' kapital tar-riskju. L-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli jiġu rikonoxxuti inizjalment abbażi tal-valur ġust flimkien mal-kostijiet tat-tranżazzjonijiet. Il-bidliet sussegwenti fil-valur ġust, inklużi l-qligħ u t-telf tal-konverżjonijiet f'muniti barranin, jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt id-didaskalija riżultat nett tal-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli.

Il-parti mhux prelevata iżda impenjata ta' dawn l-investimenti tiġi rreġistrata bħala impenji konsolidati barra l-karta bilanċjali bil-valur nominali tagħhom.

Kejl ta' valuri ġusti tal-istrumenti finanzjarji

Il-valur ġust jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tal-metodu tal-valur nett tal-assi aggregati (net asset value, "NAV") (b'hekk jiġi prežunt li, minkejja n-nuqqas ta' valur tas-suq li jista' jiġi aċċertat faċilment, in-NAV huwa l-aħjar stima tal-valur ġust). Għall-investiment mhux ikkwotat, meta l-valur ġust ma jkunx jista' jiġi derivat minn swieq attivi, il-valur ġust jiġi ddeterminat billi jiġu applikati tekniki tal-valwazzjoni rikonoxxuti (Nota 4.2.1).

L-NAV attribwibbli huwa aġġustat għal avvenimenti li seħħew bejn id-data ta' l-aħħar NAV disponibbli u l-karta tal-bilanċ sa fejn il-Kumitat ta' Ġestjoni jqis li dan l-aġġustament jagħmel differenza. L-aġġustamenti materjali huma emendati sakemm il-Bord tad-Diretturi jadotta r-Rapporti Finanzjarji għas-sena. F'dak ir-rigward, wara l-kuntest ġenerali ta' inċertezza, diversi riskji li jakkumulaw bħala riżultat tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna u l-volatilità li ġiet osservata f'termini ta' prestazzjoni, il-Bank tejjeb it-tekniki ta' valwazzjoni tiegħu biex jistma kwalunkwe aġġustament fuq il-valur ġust tal-investimenti ta' ekwità għan-NAVs mhux irrapportati mill-maniġers ta' fondi fid-data tar-rapportar tar-rapporti finanzjarji tal-Faċilità.

Għal investimenti speċifiċi fejn l-NAVs ma jistgħux jiġu ddeterminati faċilment, jistgħu jintużaw linji gwida oħra pereżempju l-Linji Gwida Internazzjonali dwar l-Ekwità Privata u l-Valutazzjoni tal-Kapital ta' Riskju (Private Equity and Venture Capital Valuation, "IPEV"), kif ippubblikati mill-Bord tal-IPEV u se jkunu meħtieġa monitoraġġ u rieżami aktar dettaljati. Skont dan il-metodu, il-fondi huma kklassifikati internament fi tliet kategoriji:

- Kategorija I — fondi li adottaw ir-rekwiżiti tal-valur ġust tal-IFRS 13 jew il-Linji Gwida IPEV li għalihom jitwettaq rieżami speċifiku biex jiġi żgurat li n-NAV ikun stima affidabbli tal-valur ġust;
- Kategorija II — fondi li adottaw linji gwida ta' valwazzjoni oħrajn (bħall-ex 2001 EVCA) jew standards li jistgħu jitqiesu li huma konformi mal-IFRS 13, li għalihom jista' jiġi kkalkulat ekwivalenti għan-NAV; kif ukoll
- Kategorija III — fondi li ma adottawx ir-rekwiżiti tal-valur ġust tal-IFRS 13 jew kwalunkwe linji gwida oħra ta' valwazzjoni f'konformità mal-IFRS 13.

Valutazzjoni sinifikanti tal-influwenza

Il-parteċipazzjonijiet akkwistati mill-Faċilità tipikament jirrappreżentaw investimenti f'fondi ta' ekwità privata jew kapital ta' riskju. Skont il-prattika tal-industrija, dawn l-investimenti ġeneralment ikunu investimenti sottoskritti b'mod konġunt minn għadd ta' investituri, li ħadd minnhom ma huwa f'pożizzjoni li individwalment jinfluwenza l-operazzjonijiet ta' kuljum u l-attività ta' investiment ta' dan il-fond. Bħala konsegwenza, kull sħubija minn investitur f'korp ta' tmexxija ta' tali fond fil-prinċipju ma tagħtix id-dritt lil tali investitur li jinfluwenza l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-fond. Barra minn hekk, l-investituri individwali f'ekwità privata jew fond ta' kapital ta' riskju ma jiddeterminawx il-politiki ta' fond, bħal politiki ta' distribuzzjoni fuq id-dividendi jew distribuzzjonijiet oħrajn. Tali deċiżjonijiet ġeneralment jittieħdu mill-maniġment ta' fond abbażi tal-ftehim tal-azzjonisti li jirregola d-drittijiet u l-obbligi tal-maniġment u tal-azzjonisti kollha tal-fond. Il-ftehim tal-azzjonisti ġeneralment iwaqqaf wkoll lill-investituri individwali milli jeżegwixxu bilateralment tranżazzjonijiet materjali mal-fond, ibiddlu l-persunal maniġerjali jew jiksbu aċċess privileġġat għal informazzjoni teknika essenzjali. L-investimenti tal-Faċilità huma esegwiti skont il-prattika tal-industrija dikjarata hawn fuq, li tiżgura li l-Faċilità la tikkontrolla u lanqas teżerċita xi forma ta' influwenza sinifikanti fis-sens ta' IFRS 10 u IAS 28 fuq xi wieħed minn dawn l-investimenti, inkluż dawk l-investimenti fejn il-Faċilità għandha iktar minn 20 % tad-drittijiet tal-vot.

2.4.3 Garanziji finanzjarji

Il-kuntratti ta' garanziji finanzjarji huma kuntratti li jirrikjedu li l-Faċilità tagħmel pagamenti speċifikati sabiex tirrimborża lid-detentur għal telf li jġarrab minħabba li debitur speċifiku jonqos milli jagħmel pagamenti meta dovuti f'konformità mat-termini ta' strument ta' dejn.

Skont ir-regoli eżistenti, dawn il-garanziji ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni (IFRS 4 Kuntratti ta' Assigurazzjoni).

Skont l-IFRS 9 – Strumenti Finanzjarji, il-garanziji finanzjarji jitqiesu bħala "Derivattivi" jew bħala "Garanziji Finanzjarji", skont l-aspetti u l-karatteristiċi tagħhom kif definiti mill-IFRS 9.

Il-politika kontabilistika għad-derivattivi hija ddivulgata taħt in-Nota 2.4.5.

Il-garanziji finanzjarji jiġu rikonoxxuti inizjalment fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja taħt "Provvedimenti għall-garanzija maħruġa" abbażi tal-valur ġust flimkien mal-kostijiet tat-tranżazzjoni li huma direttament attribwibbli għall-ħruġ tal-garanziji finanzjarji. Mar-rikonoxximent inizjali, l-obbligu għall-ħlas jikkorrispondi għall-Valur Preżenti Nett (VPN) tal-influssi ta' premia mistennija jew it-telf inizjali mistenni.

Sussegwentement għar-rikonoxximent inizjali, il-garanziji finanzjarji jitkejlu skont l-ogħla minn:
- L-ammont tal-kopertura għat-telf kif iddeterminat mill-IFRS 9; kif ukoll
- Il-primjum rikonoxxut inizjalment nieqes l-introjtu rikonoxxut skont il-prinċipji tal-IFRS 15.

Kwalunkwe żieda jew tnaqqis fl-obbligazzjoni netta (kif imkejla skont l-IFRS 9) relatata mal-garanziji finanzjarji għajr il-pagament tat-talbiet għal ħlas ta' garanzija jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt "Bidla fil-provvedimenti għall-garanziji".

Il-primjum riċevut jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt "Introjtu mill-miżati u l-kummissjonijiet" fuq il-bażi ta' skeda ta' amortizzament f'konformità mal-IFRS 15 matul il-ħajja tal-garanzija finanzjarja.

2.4.4 Obbligazzjonijiet finanzjarji minbarra d-derivattivi

Klassifikazzjoni u kejl

Obbligazzjonijiet finanzjarji

Obbligazzjoni finanzjarja titkejjel abbażi tal-kost armotizzat għajr għall-obbligazzjonijiet finanzjarji li jissodisfaw id-definizzjoni ta' miżmuma għan-negozju (eż. obbligazzjonijiet derivattivi).

Il-Faċilità tirtira r-rikonoxximent ta' obbligazzjoni finanzjarja meta l-obbligi kuntrattwali tagħha jiġu rrilaxxati, ikkanċellati jew jiskadu.

2.4.5 Strumenti finanzjarji derivattivi

L-istrumenti finanzjarji derivattivi jinkludu swaps bejn il-muniti, swaps tar-rati tal-imgħax bejn il-muniti u swaps bejn il-muniti għal terminu qasir ("FX swaps").

Id-derivattivi jiġu inizjalment rikonoxxuti bl-użu tal-bażi tad-data tan-negozju.

Fil-proċess normali tal-attività tagħha, il-Faċilità tista' tidħol f'kuntratti ta' swaps bil-ħsieb li tiħħeġġja operazzjonijiet speċifiċi ta' għoti b'self jew f'kuntratt forward tal-muniti sabiex tiħħeġġja l-pożizzjonijiet tagħha fil-muniti, iddenominati f'muniti oħrajn li jkunu nnegozjati b'mod attiv, minbarra l-Euro, sabiex jiġi paċut kwalunkwe qligħ jew telf ikkawżat minn fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju.

Id-derivattivi kollha jitkejlu bl-FVTPL u jiġu rrapportati bħala strumenti finanzjarji derivattivi. Il-valuri ġusti huma derivati primarjament minn mudelli ta' flussi tal-flus skontati, minn mudelli ta' pprezzar tal-opzjonijiet u minn kwotazzjonijiet ta' partijiet terzi.

Id-derivattivi jiġu rreġistrati abbażi tal-valur ġust u riportati bħala assi meta l-valur ġust tagħhom ikun pożittiv u bħala obbligazzjonijiet meta l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Il-bidliet fil-valur ġust tal-istrumenti finanzjarji derivattivi huma murija fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt "Bidla fil-valur ġust tal-istrumenti finanzjarji derivattivi".

Skont l-IFRS 9, id-derivattivi inkorporati tar-rekwiżiti tal-qsim fi tnejn ġew eliminati għall-assi finanzjarji jew għall-obbligazzjonijiet finanzjarji u, għalhekk, il-kuntratt ibridu jiġi ttrattat bħala ħaġa waħda għall-klassifikazzjoni tal-assi finanzjarji jew tal-obbligazzjoni finanzjarja kif xieraq.

Il-flussi tal-flus tad-derivattivi ġew iddeterminati kif xieraq bl-użu tar-rati ta' riżerva tal-ISDA minflok il-parametri referenzjarji tal-LIBOR[14].. Għall-impatt tar-riforma tal-IBOR fuq l-istrumenti derivattivi, jekk jogħġbok irreferi għan-Nota 6.

2.4.6 Kontribuzzjonijiet

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jiġu rikonoxxuti bħala riċevibbli fir-rapport tal-introjtu fid-data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja li trid titħallas mill-Istati Membri lill-Faċilità.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin u konsegwentement jiġu kklassifikati bħala ekwità:
- kif ġie ddefinit fil-ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet, huma jagħtu d-dritt lill-Istati Membri sabiex jiddeċiedu dwar l-użu tal-assi netti tal-Faċilità f'każ li jkun hemm likwidazzjoni tal-Faċilità;
- huma jaqgħu fil-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti;
- l-istrumenti finanzjarji kollha li jaqgħu fil-klassi tal-istrumenti li huma subordinati għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti għandhom karatteristiċi identiċi;
- l-istrument ma jinkludi ebda karatteristika li tkun tirrikjedi li jiġi kklassifikat bħala obbligazzjoni; kif ukoll
- l-flussi tal-flus totali mistennija attribwiti għall-istrument matul il-ħajja tal-istrument huma bbażati sostanzjalment ibbażati fuq il-profitt jew it-telf, it-tibdil fl-assi netti rikonoxxuti jew it-tibdil fil-valur ġust tal-assi netti rikonoxxuti u mhux rikonoxxuti tal-Faċilità matul il-ħajja tal-istrument.

Il-kontribuzzjonijiet jiġu kklassifikati u mkejla abbażi tal-AC fir-rapporti finanzjarji.

[14] Il-flussi tal-flus referenzjati għal-LIBOR USD huma definiti bl-użu tal-parametri referenzjarji tal-LIBOR meta l-konfigurazzjonijiet tal-LIBOR tal-USD ikunu għadhom ma ġewx itterminati.

2.4.7 Imgħax u introjtu simili

L-imgħax fuq self li ġej mill-Faċilità jiġi rreġistrat fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv ("Imgħax u introjtu simili") u fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja ("Self u riċevibbli") fuq il-bażi tad-dovuti bl-użu tar-rata effettiva tal-imgħax, li hija r-rata li tiskonta eżattament il-pagamenti fi flus stmati fil-ġejjieni jew ir-rikavati matul il-ħajja mistennija tas-self għall-ammont nett riportat tas-self. Ladarba l-valur irreġistrat ta' self jitnaqqas minħabba indeboliment, l-introjtu mill-imgħax ikompli jiġi rikonoxxut bl-użu tar-rata effettiva tal-imgħax oriġinali applikata għall-ammont riportat ġdid.

L-imgħax fuq is-self POCI jiġi rreġistrat fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv ("Imgħax u introjtu simili") u fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja ("Self u avvanzi") fuq il-bażi tad-dovuti bl-użu tar-rata effettiva tal-imgħax aġġustata għall-kreditu matul il-ħajja kollha tas-self, li hija r-rata li tiskonta eżattament il-ħlas fi flus stmat fil-ġejjieni jew irċevuti matul il-ħajja mistennija tas-self għall-ammont nett riportat tas-self.

Is-sussidji tal-imgħax riċevuti għar-riżorsi tal-Faċilità huma differiti u rikonoxxuti bħala aġġustament għar-rendiment effettiv, li jiġu rreġistrati taħt "Imgħax u introjtu simili" fir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu mill-iżborż sal-ħlas lura tas-self sussidjat.

It-tariffi ta' impenn huma differiti u rikonoxxuti bħala introjtu bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv fuq il-perjodu mill-iżborż sal-ħlas lura tas-self relatat, u huma ppreżentati fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv f'imgħax u introjtu simili.

2.4.8 Sussidji fuq l-imgħax u assistenza teknika

Bħala parti mill-attività tagħha, il-Faċilità tamministra s-sussidji fuq l-imgħax u l-għajnuna teknika ("TA") f'isem l-Istati Membri.

Il-parti tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri allokati għall-pagament tas-sussidji fuq l-imgħax u l-AT ma tiġix kontabilizzata fir-riżorsi tal-kontributuri tal-Faċilità, iżda hija kklassifikata bħala ammonti dovuti lil partijiet terzi. Il-Faċilità topera l-iżborż lill-benefiċjarji finali u mbagħad tnaqqas l-ammonti dovuti lil partijiet terzi.

Meta l-ammonti kkontribwiti fir-rigward tas-sussidji fuq l-imgħax u l-AT ma jingħatawx kompletament, huma jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala kontribuzzjoni lill-Faċilità.

2.4.9 Introjtu minn imgħax fuq flus u fuq ekwivalenti ta' flus

L-introjtu mill-imgħax fuq flus u fuq ekwivalenti ta' flus huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv tal-Faċilità abbażi tad-dovuti.

2.4.10 Tariffi, kummissjonijiet u dividendi

Tariffi riċevuti fir-rigward ta' servizzi pprovduti fuq perjodu ta' żmien huma rikonoxxuti bħala introjtu hekk kif is-servizzi jiġu pprovduti, filwaqt li t-tariffi li jinkisbu mal-eżekuzzjoni ta' att sinifikanti jiġu rikonoxxuti bħala introjtu meta l-att sinifikanti jitlesta. Dawn it-tariffi huma ppreżentati fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt l-introjtu minn tariffi u minn kummissjonijiet.

Id-dividendi relatati ma' ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli jiġu rikonoxxuti meta jiġu riċevuti u ppreżentati fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt il-qligħ nett realizzat fuq l-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli.

2.4.11 Tassazzjoni

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jistipula li l-assi, l-introjti u proprjetà oħra tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni huma eżenti mit-taxxi diretti kollha.

3 Ġestjoni tar-Riskju

Din in-nota tippreżenta informazzjoni dwar l-esponiment tal-Faċilità u l-ġestjoni tagħha u l-kontroll ta' riskji ta' kreditu u finanzjarji, b'mod partikolari r-riskji primarji assoċjati mal-użu tagħha ta' strumenti finanzjarji. Dawn huma:

- riskju ta' kreditu – ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn inadempjenza ta' klijent jew kontroparti u li jinħoloq minn skopertura ta' kreditu fil-forom kollha, inkluż ir-riskju ta' saldu[15];
- riskju ta' likwidità – ir-riskju li entità ma tkunx tista' tiffinanzja ż-żidiet fl-assi u tissodisfa l-obbligi hekk kif isiru dovuti, mingħajr ma ġġarrab telf inaċċettabbli;
- ir-riskju tas-suq – ir-riskju li bidliet fil-prezzijiet tas-suq u r-rati, bħalma huma r-rati tal-imgħax, il-prezzijiet tal-ekwità u r-rati tal-kambju se jaffettwaw l-introjtu tal-entità jew il-valur tal-parteċipazzjonijiet tagħha fi strumenti finanzjarji.

3.1 Organizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju

Il-BEI jadatta l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-IF fuq bażi kontinwa.

Id-Direttorat tal-Ġestjoni tar-Riskji tal-BEI jidentifika, jivvaluta, jimmonitorja u jirrapporta indipendentement ir-riskji li l-Faċilità hija skoperta għalihom. Fi ħdan qafas fejn tiġi ppreservata s-segregazzjoni tad-dmirijiet, il-Ġestjoni tar-Riskju hija indipendenti mill-Front Office u tipprovdi t-tieni opinjoni dwar il-proposti kollha li jsiru mill-Front Office b'implikazzjonijiet ta' riskju.

Fil-livell tal-BEI, l-Uffiċjal Kap tar-Riskju tal-Grupp ("GCRO") jirrapporta dwar ir-Riskji tal-Grupp lill-Kumitat ta' Ġestjoni tal-BEI taħt is-sorveljanza tal-membru tal-KM inkarigat mir-riskju. Il-GCRO għandu aċċess dirett għall-Kumitat tal-Politika tar-Riskju u jista' jikteb direttament lill-Bord tad-Diretturi tal-BEI u jikkomunika miegħu dwar kwalunkwe kwistjoni tal-qasam ta' attribuzzjoni tiegħu/tagħha.

3.2 Riskju ta' kreditu

Ir-riskju ta' kreditu huwa t-telf potenzjali li jista' jirriżulta minn inadempjenza ta' klijent jew kontroparti u li jinħoloq fl-iskopertura tal-kreditu fil-forom kollha, inkluż is-saldu.

3.2.1 Politika dwar ir-riskju ta' kreditu

Fit-twettiq tal-analiżi tal-kreditu fuq self tal-kontraparti, il-BEI jivvaluta r-riskju ta' kreditu u t-telf mistenni bl-għan li jikkwantifika u jipprezza r-riskju. Il-BEI żviluppa Metodoloġija tal-Klassifikazzjoni Interna (Internal Rating Methodology, IRM) sabiex jiddetermina l-Klassifkazzjonijiet Interni tal-kontropartijiet mutwatarji/garanti tiegħu li huma rilevanti għall-kreditu. Il-metodoloġija hija bbażata fuq sistema ta' tabelli ta' punteġġi mfasslin għal kull tip ta' kontroparti tal-kreditu maġġuri (eż., Korporattivi, Istituzzjonijiet Finanzjarji, eċċ.). Meta jitqiesu t-tnejn li huma, jiġifieri l-Aħjar Prattika Bankarja applikabbli għall-BEI u l-prinċipji stabbiliti skont il-Ftehim Internazzjonali ta' Basel dwar il-Kapital (Basel II), il-kontropartijiet kollha li huma materjali għall-profil tal-kreditu ta' tranżazzjoni speċifika jiġu kklassifikati fil-kategoriji ta' klassifikazzjoni interna bl-użu tal-IRM għat-tip ta' kontroparti speċifiku. Kull kontroparti tiġi assenjata xi Klassifikazzjoni Interna li tirrifletti l-PD tagħha wara analiżi fil-fond tal-profil tar-riskju għan-negozju u dak finanzjarju tal-kontroparti u l-kuntest operatorju tar-riskju tal-pajjiż tagħha. Meta jkunu meħtieġa, isiru aġġustamenti minn esperti taħt il-kunsiderazzjoni tal-appoġġ tal-kumpaniji omm tal-entitajiet legali jew tal-gvern, u l-klassifikazzjoni finali tippermetti prevalenzi sabiex tiġi riflessa informazzjoni (eż. l-ipprezzar tas-suq) li ma titqiesx fit-tabella ta' punteġġ.

Il-valutazzjoni tal-kreditu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-proġetti u ta' operazzjonijiet strutturati oħrajn ta' rikors limitat tuża għodod tar-riskju ta' kreditu rilevanti għas-settur, prinċipalment iffokati fuq id-disponibbiltà tal-fluss tal-flus u l-kapaċità li jitħallas id-dejn. Dawn l-għodod jinkludu l-analiżi ta' qafas kuntrattwali tal-proġetti, analiżi tal-kontroparti u simulazzjonijiet tal-flussi tal-fus. Bl-istess mod għal kumpaniji u istituzzjonijiet finanzjarji, kull proġett huwa assenjat klassifikazzjoni ta' riskju. Fl-aħħar nett, is-sovrani mhux tal-UE huma kklassifikati mid-Dipartiment tal-Ekonomija fuq il-bażi ta' mudell statistiku.

Il-klassifikazzjonijiet interni kollha huma mmonitorjati matul il-ħajja tas-self, u aġġornati perjodikament.

Limiti speċifiċi fil-livell tat-tranżazzjoni u d-daqs tal-kontroparti huma applikabbli għal operazzjonijiet mhux sovrani, kif rilevanti. Il-limiti tal-kontroparti huma stabbiliti fil-livell tal-iskopertura tal-grupp konsolidat, fejn applikabbli. Limiti bħal dawn tipikament jirriflettu pereż. id-daqs tal-fondi proprji tal-kontrapartijiet.

Sabiex jittaffa r-riskju tal-kreditu, il-BEI juża diversi titjib tal-kreditu fejn xieraq u fuq bażi ta' każ b'każ, inklużi fost l-oħrajn titoli, garanziji u klawżoli kuntrattwali relatati mal-kontroparti jew mal-proġett skont in-natura tal-mutwatarju u t-tip ta' operazzjoni.

Il-Faċilità ma tuża l-ebda derivattiv ta' kreditu sabiex ittaffi r-riskju ta' kreditu.

[15] Ir-riskju tas-saldu huwa definit bħala r-riskju ta' telf potenzjali minħabba tranżazzjonijiet li jibqgħu mhux saldati wara d-data tal-konsenja dovuta tagħhom u/jew minħabba tranżazzjonijiet li jiġu saldati aktar tard mill-istandard applikabbli tas-suq. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet tal-Faċilità, l-aktar strumenti rilevanti affettwati mir-riskju tas-saldu huma dawk id-derivattivi li daħal għalihom il-Bank li jimplikaw kambju ta' muniti barranin. Il-ġestjoni tar-riskju tas-saldu hija koperta fil-Linji Gwida dwar ir-Riskju Finanzjarju.

3.2.2 L-iskopertura massima għar-riskju ta' kreditu mingħajr ma jittieħed f'kunsiderazzjoni kwalunkwe kollateral u titjib ieħor tal-kreditu

It-tabella li ġejja turi l-iskopertura massima għal riskju ta' kreditu għall-komponenti tar-rapport tal-introjtu, inklużi derivattivi. L-iskopertura massima hija murija gross, qabel l-effett tal-mitigazzjoni permezz tal-użu tal-kollateral.

Skopertura massima (f'EUR'000)	**31.12.2022**	**31.12.2021**
ASSI		
Flus u ekwivalenti tal-flus	1,451,970	1,358,564
Ammonti riċevibbli mingħand il-kontribuituri	85,321	85,210
Assi finanzjarji tat-teżor	73,003	-
Strumenti finanzjarji derivattivi	75,852	7
Self u avvanzi	1,849,786	1,986,281
Assi oħrajn	950	1,086
Total	**3,536,882**	**3,431,148**
Provvedimenti għall-impenji ta' self	**-16,583**	**-16,602**
MA JIDHIRX FUQ IL-KARTA TAL-BILANĊ		
Obbligazzjonijiet kontinġenti		
- Garanziji maħruġa	-	1,499,675
Impenji		
- Self mhux żborżat	1,671,851	1,677,411
- Garanziji mhux maħruġa	49,378	256,299
Total li ma jidhirx fuq il-karta tal-bilanċ	**1,721,229**	**3,433,385**
Skopertura ta' kreditu totali	**5,241,528**	**6,847,931**

3.2.3 Riskju ta' kreditu fuq self u avvanzi

3.2.3.1 Kejl tar-riskju ta' kreditu għal self u avvanzi

Self u avvanzi jew garanziji mwettqa mill-Faċilità jibbenifikaw minn valutazzjoni komprensiva tar-riskju u kwantifikazzjoni tal-estimi tat-telf mistenni li huma riflessi fi Klassifikazzjoni tas-Self ("LG"). L-operazzjonijiet taħt l-IFE (kif deskritt fin-Nota 24), bl-eċċezzjoni ta' self intermedjat, huma soġġetti għall-Prinċipji tar-Riskju ta' Mandat ġenerali kif previst fil-linji gwida tal-BEI dwar ir-riskju tal-kreditu u tal-ekwità. L-LGs jiġu stabbiliti skont kriterji aċċettati b'mod ġenerali, abbażi tal-kwalità tal-mutwatarju, il-maturità tas-self, il-garanzija u, fejn xieraq, il-garanti.

Is-sistema tal-klassifikazzjoni tas-self tinkludi l-metodoloġiji, il-proċessi, il-bażijiet ta' data u s-sistemi tal-IT li jappoġġaw il-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu fl-operazzjonijiet tal-għoti b'self u l-kwantifikazzjoni tal-estimi tat-telf mistenni. Hija tiġbor fil-qosor ammont kbir ta' informazzjoni bl-għan li toffri klassifikazzjoni relattiva tar-riskji tal-kreditu tas-self. L-LGs jirriflettu l-valur preżenti tal-livell stmat tat-"telf mistenni", b'dan ikun il-prodott tal-PD tal-obbliganti prinċipali, l-EAD u s-severità tat-telf fil-każ ta' inadempjenza. L-LGs jintużaw għall-iskopijiet li ġejjin:

- bħala għajnuna għal valutazzjoni ifjen u aktar kwantitattiva tar-riskji tas-self mogħti;
- bħala indikatur tal-varjazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu għall-finijiet ta' prijoritizzazzjoni tal-isforzi ta' monitoraġġ;
- bħala deskrizzjoni tal-kwalità tal-portafoll tas-self f'data partikolari; kif ukoll
- bħala input fid-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar tar-riskju.

Il-fatturi li ġejjin jidħlu fid-determinazzjoni ta' LG:

i) L-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju: Il-ġestjoni tar-riskju tanalizza indipendentement lil mutwatarji u tivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tagħhom abbażi ta' metodoloġiji interni u ta' data esterna. Skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni magħżul ta' Basel III, il-Bank żviluppa metodoloġija ta' klassifikazzjoni interna (IRM) sabiex jiddetermina l-klassifikazzjonijiet interni tal-mutwatarji u tal-garanti. Din hija bbażata fuq sett ta' folji ta' punteġġi speċifiċi għat-tipi ta' kontropartijiet definiti.

ii) Il-korrelazzjoni tal-inadempjenza: tikkwantifika ċ-ċansijiet ta' diffikultajiet finanzjarji simultanji li jirriżultaw kemm għall-mutwatarju kif ukoll għall-garanti. Aktar ma tkun għolja l-korrelazzjoni bejn il-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-mutwatarju u tal-garanti, aktar ikun baxx il-valur tal-garanzija u, għalhekk, aktar tkun baxxa (agħar) l-LG.

iii) Il-valur tal-istrumenti ta' garanzija u tat-titoli: dan il-valur jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-kombinazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-emittent u t-tip ta' strument użat.

iv) Ir-rata ta' rkupru applikabbli: hija l-ammont li jitqies bħala rkuprat wara inadempjenza mill-kontroparti rilevanti espress bħala perċentwal tal-iskopertura ta' self rilevanti

v) Il-qafas kuntrattwali: qafas kuntrattwali sod se jżid il-kwalità tas-self u jtejjeb l-LG tiegħu.

vi) Id-durata tas-self jew, b'mod aktar ġenerali, il-flussi tal-flus tas-self: jekk kollox jibqa' l-istess, aktar ma jkun twil il-perjodu tas-self, aktar ikun għoli r-riskju li wieħed jiltaqa' ma' diffikultajiet sabiex iħallas lura s-self.

It-telf mistenni tas-self jiġi kkomputat billi jiġu kkombinati l-ħames elementi diskussi hawn fuq. Skont il-livell ta' dan it-telf, is-self jiġi assenjat għal waħda mill-klassijiet ta' LG segwenti elenkati hawn taħt:

"A" - Self ta' kwalità prima li minnu hemm tliet subkategoriji:

"A0" tinkludi self lil Stat Membru tal-UE jew garantit minn Stat Membru tal-UE li għandu telf mistenni ta' 0 %.

"A+" tinkludi self mogħti lil (jew garantit minn) entitajiet oħrajn għajr l-Istati Membri tal-UE li fir-rigward tagħhom ma jkun hemm l-ebda aspettattiva ta' deterjorament fil-kwalità matul il-perjodu tiegħu.

"A-" tinkludi dawk l-operazzjonijiet ta' self fejn ikun hemm xi dubju dwar iż-żamma tal-istatus kurrenti tagħhom iżda fejn kwalunkwe telf ta' valur huwa mistenni li jkun limitat.

"B" Self ta' kwalità għolja: dan jirrappreżenta klassi ta' assi li magħha l-Bank iħossu komdu, għalkemm mhuwiex eskluż li fil-ġejjieni jista' jkun hemm deterjorament żgħir. B+ u B- jintużaw sabiex jindikaw il-probabbiltà relattiva tal-possibbiltà li jseħħ tali deterjorament.

"C" Self ta' kwalità tajba: eżempju ta' dan jista' jkun self mhux garantit lil banek u kumpaniji solidi b'maturità ta' 7 snin b'saldu uniku jew amortizzament ekwivalenti mal-iżborżar.

"D" Din il-klassifika tirrappreżenta l-limitu bejn self ta' "kwalità aċċettabbli" u dak li esperjenza xi diffikultajiet. Dan il-punt fil-klassifikazzjoni tas-self jiġi stabbilit b'mod aktar preċiż mis-subklassifikazzjonijiet D+ u D-. Is-self ikklassifikat bħala D- jeħtieġ monitoraġġ elevat.

"E" Din il-kategorija ta' LG tinkludi self bi profil ta' riskju akbar minn dak aċċettat b'mod ġenerali. Hija tinkludi wkoll self li matul ħajtu esperjenza problemi serji u li wieħed ma jistax jeskludi li jsib ruħu f'sitwazzjoni ta' telf. Għal din ir-raġuni, is-self huwa soġġett għal monitoraġġ mill-qrib u għoli. Is-sottoklassijiet E+ u E- jiddifferenzjaw l-intensità ta' dan il-proċess ta' monitoraġġ speċjali, b'dawk l-operazzjonijiet gradati E- peress li jkunu fil-pożizzjoni fejn hemm possibiltà qawwija li s-servizzjar tad-dejn ma jkunx jista' jinżamm fuq bażi tempestiva u għalhekk tkun meħtieġa xi forma ta' ristrutturar tad-dejn, possibbilment li twasslu għal telf minħabba indeboliment.

"F" (falliment) huwa self li jirrappreżenta riskji inaċċettabbli. Is-self ikklassifikat bħala F jista' jirriżulta biss minn tranżazzjonijiet pendenti li jkunu esperjenzaw, wara l-iffirmar, ċirkostanzi avversi drammatiċi, eċċezzjonali u mhux previsti. L-operazzjonijiet kollha fejn ikun hemm telf ta' kapital għall-Faċilità jiġu kklassifikati bħala F u jiġi applikat provvediment speċifiku.

It-tabella fit-taqsima 3.2.3.3 turi analiżi tal-kwalità tal-kreditu tal-portafoll tas-self tal-Faċilità abbażi tal-klassijiet LG varji kif deskritt hawn fuq.

3.2.3.2 Analiżi tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tas-self mogħti

It-tabella li ġejja turi l-iskopertura massima (ammont nett riportat) għar-riskju ta' kreditu fuq self u avvanzi ffirmati (żborżati jew mhux żborżati) skont it-tip ta' mutwatarju b'kunsiderazzjoni tal-garanziji pprovduti mill-garanti:

Fil-31.12.2022 f'eluf ('000) ta' EUR	**Garantiti**	**Titjib ieħor tal-kreditu**	**Mhux garantiti**	**Total**	**% tat-Total żborżat**
Istituzzjonijiet finanzjarji	64,625	-	1,095,467	**1,160,092**	**63 %**
Korporattivi	182,460	-	285,216	**467,676**	**25 %**
Awtoritajiet pubbliċi	18,902	-	218	**19,120**	**1 %**
L-Istati Uniti	-	311	202,587	**202,898**	**11 %**
Total żborżat	**265,987**	**311**	**1,583,488**	**1,849,786**	**100 %**
Mhux żborżat	**149,506**	**-**	**1,505,762**	**1,655,268**	
Total żborżat u mhux żborżat	**415,493**	**311**	**3,089,250**	**3,505,054**	

Fil-31.12.2021 f'EUR'000	**Garantiti**	**Titjib ieħor tal-kreditu**	**Mhux garantiti**	**Total**	**% tat-Total żborżat**
Istituzzjonijiet finanzjarji	74,086	-	1,115,656	**1,189,742**	**60 %**
Korporattivi	211,067	-	368,877	**579,944**	**29 %**
Awtoritajiet pubbliċi	20,776	-	664	**21,440**	**1 %**
L-Istati Uniti	-	917	194,238	**195,155**	**10 %**
Total żborżat	**305,929**	**917**	**1,679,435**	**1,986,281**	**100 %**
Mhux żborżat	**193,663**	**-**	**1,467,146**	**1,660,809**	
Total żborżat u mhux żborżat	**499,592**	**917**	**3,146,581**	**3,647,090**	

Id-Direttorat tal-Ġestjoni u l-Monitoraġġ tal-Portafolli għandu r-responsabbiltà tal-monitoraġġ tal-mutwatarju u l-garanti, kif ukoll il-monitoraġġ finanzjarju u kuntrattwali relatati mal-proġett. B'hekk, l-affidabbiltà kreditizja tas-self, il-mutwatarji u l-garanti tal-Faċilità jiġu mmonitorjati kontinwament, tal-anqas darba fis-sena, iżda aktar spiss skont kemm ikun meħtieġ u bħala funzjoni ta' avvenimenti ta' kreditu li jkunu qed iseħħu. B'mod partikolari, id-Direttorat tal-Ġestjoni u l-Monitoraġġ tal-Portafolli jagħmel rieżami ta' jekk id-drittijiet kuntrattwali humiex issodisfati u, f'każ ta' deterjorament tar-rata u/jew inadempjenza kuntrattwali, tittieħed azzjoni ta' rimedju. Kull fejn ikun meħtieġ, jittieħdu miżuri ta' mitigazzjoni f'konformità mal-linji gwida tar-riskji ta' kreditu. Barra minn hekk, f'każ ta' tiġdid ta' garanziji bankarji riċevuti fuq is-self tiegħu, huwa żgurat li dawn jinbidlu jew li tittieħed azzjoni f'waqtha.

3.2.3.3 Analiżi tal-kwalità kreditizja skont it-tip ta' mutwatarju

It-tabelli ta' hawn taħt juru l-analiżi tal-kwalità tal-kreditu tal-portafoll tas-self tal-Faċilità fil-31 ta' Diċembru 2022 u fil-31 ta' Diċembru 2021 mill-applikazzjonijiet tal-Klassifikazzjoni tas-Self, fuq il-bażi tal-iskopertura ffirmata (żborżata u mhux żborżata):

Fil-31.12.2022 f'EUR'000		**Grad Għoli**	**Grad Standard**	**Aċċettazzjoni Minima Indikatur**	**Riskju Għoli**	**L-ebda klassifikazzjoni***	**Total**	**% tat-Total**
		A sa B-	**C**	**D+**	**D- u anqas**			
Mutwatarju	Istituzzjonijiet finanzjarji	293,458	349,628	103,133	1,030,131	-	**1,776,350**	**51 %**
	Korporattivi	96,413	52,092	-	703,374	226,750	**1,078,629**	**31 %**
	Awtoritajiet pubbliċi	-	18,902	-	-	218	**19,120**	**1 %**
	L-Istati Uniti	51,976	2,771	8,363	567,845	-	**630,955**	**17 %**
Total		**441,847**	**423,393**	**111,496**	**2,301,350**	**226,968**	**3,505,054**	**100 %**

*Operazzjonijiet ta' self imkejla bl-FVTPL

Fil-31.12.2021 f'EUR'000		**Grad Għoli**	**Grad Standard**	**Aċċettazzjoni Minima Indikatur**	**Riskju Għoli**	**L-ebda klassifikazzjoni***	**Total**	**% tat-Total**
		A sa B-	**C**	**D+**	**D- u anqas**			
Mutwatarju	Istituzzjonijiet finanzjarji	285,924	109,219	443,921	1,130,146	-	**1,969,210**	**54 %**
	Korporattivi	108,621	49,059	12,253	532,735	315,011	**1,017,679**	**28 %**
	Istituzzjonijiet pubbliċi	-	20,776	-	-	664	**21,440**	**1 %**
	L-Istati Uniti	917	2,529	3,360	631,955	-	**638,761**	**17 %**
Total		**395,462**	**181,583**	**459,534**	**2,294,836**	**315,675**	**3,647,090**	**100 %**

*Operazzjonijiet ta' self imkejla bl-FVTPL

3.2.3.4 Konċentrazzjonijiet tar-riskju ta' self u avvanzi

3.2.3.4.1 Analiżi ġeografika

Fuq il-bażi tal-pajjiż tal-mutwatarju, il-portafoll tas-self tal-Faċilità jista' jiġi analizzat skont ir-reġjuni ġeografiċi li ġejjin (f'EUR'000):

Pajjiż tal-mutwatarju	**31.12.2022**	**31.12.2021**
Il-Kenja	338,790	321,069
L-Eġittu	309,312	345,810
In-Niġerja	266,294	237,992
L-Etjopja	107,988	96,391
Ir-Rwanda	94,247	64,169
Mauritius	93,509	101,446
il-Barbados	82,735	85,058
AKP-Reġjonali	69,920	208,795
Iż-Żambja	56,729	52,345
Il-Kamerun	56,586	42,097
L-Uganda	51,388	61,033
is-Senegal	38,153	42,968
Il-Kongo (Ir-Repubblika Demokratika)	36,772	48,766
It-Tanzanija	33,431	46,423
In-New Caledonia	31,684	37,098
Ir-Repubblika Dominicana	25,879	19,076
iż-Żimbabwe	23,147	14,708
Il-Ġamajka	18,902	20,776
il-Guinea	15,242	18,972
il-Mauritania	11,029	11,921
Il-Kosta tal-Avorju	10,976	-
il-Mali	9,856	12,120
Il-Malawi	9,587	14,898
Cabo Verde	9,016	11,718
il-Ghana	8,648	15,835
il-Gżejjer Cayman	8,521	8,692
il-Mozambique	7,094	9,107
Il-Burkina Faso	4,767	3,581
Saint Lucia	4,674	-
il-Polineżja Franċiża	3,118	5,783
il-Benin	2,958	4,023
is-Seychelles	2,933	2,529
Il-Mikroneżja	2,811	2,872
l-Eswatini	1,515	1,792
Samoa	645	909
il-Vanuatu	525	866
il-Haïti	332	1,208
il-Kongo	73	-
l-Angola	-	12,253
In-Niġer	-	1,182
Total	**1,849,786**	**1,986,281**

3.2.3.4.2 Analiżi tas-settur tal-industrija

It-tabella ta' hawn isfel tanalizza l-portafoll tas-self tal-Faċilità skont is-settur tal-industrija tad-debitur. L-operazzjonijiet li l-ewwel ikunu żborżati lil intermedjarju finanzjarju qabel ma jkunu żborżati lill-benefiċjarju finali jiġu rreġistrati taħt "Terzjarji u oħrajn" (f'EUR'000):

Is-settur tal-industrija tal-mutwatarju	**31.12.2022**	**31.12.2021**
Servizzi Finanzjarji	1,160,133	1,190,407
Amministrazzjoni Pubblika	202,898	195,154
Elettriku	193,597	211,761
Sustanzi kimiċi	108,652	111,251
Telekomunikazzjonijiet	62,862	12,253
Kura tas-saħħa	36,833	170,000
Is-servizzi tan-negozju, l-IT u l-Media	31,127	34,306
Infrastruttura tat-Trasport bl-Ajru u Marittimu	18,902	20,776
Farmaċewtiċi u Tagħmir Mediku	12,388	13,684
Oġġetti ta' Investiment	8,853	9,269
Metalli u Minjieri	8,415	8,667
Rimi u r-Riċiklaġġ tal-Iskart	4,577	5,326
Diversi utilitajiet	525	866
Terzjarji u oħrajn	24	2,561
Total	**1,849,786**	**1,986,281**

3.2.3.5 Skopertura b'riskju ta' kreditu għal kull klassifikazzjoni tar-riskju intern

Il-BEI juża metodoloġija ta' klassifikazzjoni interna f'konformità mal-Approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni skont Basel III. Il-maġġoranza tal-kontropartijiet tal-Faċilità ġew assenjati klassifikazzjoni interna skont din il-metodoloġija. It-tabella ta' hawn taħt turi t-tqassim tal-portafoll tas-self tal-Faċilità skont il-klassifikazzjonijiet interni aħjar tal-mutwatarju jew tal-garanti, fejn disponibbli. F'każijiet fejn ma tkunx disponibbli klassifikazzjoni interna, għal din l-analiżi ntużat il-klassifikazzjoni esterna.

It-tabella turi kemm l-iskoperturi ffirmati (żborżati u mhux żborżati) kif ukoll l-iskoperturi ponderati għar-riskju, abbażi ta' metodoloġija interna li tuża l-Faċilità għal ġestjoni limitata.

		2022					
f'EUR'000	**Grad tal-ekwiv. ta' Moody's**	**ECL ta' 12-il xahar**	**ECL matul il-ħajja bi kreditu mhux indebolit**	**ECL matul il-ħajja bi kreditu indebolit**	**POCI**	**FVTPL**	**Total**
Self u avvanzi abbażi tal-AC							
Klassifikazzjoni Interna 1 - riskju ta' kreditu minimu	Aaa	-	56,320	-	-	-	**56,320**
Klassifikazzjoni Interna 2 - riskju ta' kreditu baxx ħafna	Aa1 - Aa3	82,745	-	-	-	-	**82,745**
Klassifikazzjoni Interna 3 - riskju ta' kreditu baxx	A1 - A3	421	-	-	-	-	**421**
Klassifikazzjoni Interna 4 - riskju ta' kreditu moderat	Baa1 - Baa3	346,538	-	-	-	-	**346,538**
Klassifikazzjoni Interna 5 - kontroparti finanzjarjament dgħajfa	Ba1 - Ba3	82,126	-	-	-	-	**82,126**
Klassifikazzjoni Interna 6 - riskju ta' kreditu għoli	B1 - B3	679,725	189,519	-	-	-	**869,244**
Klassifikazzjoni Interna 7 - riskju ta' kreditu għoli ħafna	taħt Caa1	41,450	273,167	-	-	-	**314,617**
Klassifikazzjoni Interna 8 - kontroparti f'inadempjenza	taħt Caa1 iżda b'mod awtomatiku	-	-	63,474	-	-	**63,474**
Self u avvanzi abbażi tal-FVTPL		-	-	-	-	**142,263**	**142,263**
Kopertura għal telf u aġġustament tal-FV		**-11,370**	**-28,817**	**-21,303**	-	**-46,472**	**-107,962**
Ammont riportat ta' self u ta' avvanzi		**1,221,635**	**490,189**	**42,171**	-	**95,791**	**1,849,786**
Impenji ta' self							
Klassifikazzjoni Interna 1 - riskju ta' kreditu minimu	Aaa	-	-	-	-	-	**-**
Klassifikazzjoni Interna 2 - riskju ta' kreditu baxx ħafna	Aa1 - Aa3	86,796	-	-	-	-	**86,796**
Klassifikazzjoni Interna 3 - riskju ta' kreditu baxx	A1 - A3	316,707	-	-	-	-	**316,707**
Klassifikazzjoni Interna 4 - riskju ta' kreditu moderat	Baa1 - Baa3	109,095	-	-	-	-	**109,095**
Klassifikazzjoni Interna 5 - kontroparti finanzjarjament dgħajfa	Ba1 - Ba3	175,880	-	-	-	-	**175,880**
Klassifikazzjoni Interna 6 - riskju ta' kreditu għoli	B1 - B3	538,504	50,000	-	-	-	**588,504**
Klassifikazzjoni Interna 7 - riskju ta' kreditu għoli ħafna	taħt Caa1	62,966	105,669	-	-	-	**168,635**
Klassifikazzjoni Interna 8 - kontroparti f'inadempjenza	taħt Caa1 iżda b'mod awtomatiku	-	-	50,000	-	-	**50,000**
L-ebda klassifikazzjoni interna*		44,982	-	-	-	-	**44,982**
Self u avvanzi abbażi tal-FVTPL		-	-	-	-	**131,252**	**131,252**
Kopertura għal telf u aġġustament tal-FV		**-4,834**	**-11,749**	-	-	-	**-16,583**
Ammont riportat ta' impenji ta' self		**1,330,096**	**143,920**	**50,000**	-	**131,252**	**1,655,268**

Ftehimiet ta' aġenzija li għalihom ma hemm l-ebda kontroparti sottostanti fid-data tar-rapportar

3.2.3.5 Skopertura b'riskju ta' kreditu għal kull klassifikazzjoni tar-riskju intern (kontinwazzjoni)

		2021					
f'EUR'000	**Grad tal-ekwiv. ta' Moody's**	**ECL ta' 12-il xahar**	**ECL matul il-ħajja bi kreditu mhux indebolit**	**ECL matul il-ħajja bi kreditu indebolit**	**POCI**	**FVTPL**	**Total**
Self u avvanzi abbażi tal-AC							
Klassifikazzjoni Interna 1 - riskju ta' kreditu minimu	Aaa	-	64,876	-	-	-	**64,876**
Klassifikazzjoni Interna 2 - riskju ta' kreditu baxx ħafna	Aa1 - Aa3	85,059	-	-	-	-	**85,059**
Klassifikazzjoni Interna 3 - riskju ta' kreditu baxx	A1 - A3	1,056	-	-	-	-	**1,056**
Klassifikazzjoni Interna 4 - riskju ta' kreditu moderat	Baa1 - Baa3	46,507	-	-	-	-	**46,507**
Klassifikazzjoni Interna 5 - kontroparti finanzjarjament dgħajfa	Ba1 - Ba3	435,300	12,288	-	-	-	**447,588**
Klassifikazzjoni Interna 6 - riskju ta' kreditu għoli	B1 - B3	556,705	237,898	-	-	-	**794,603**
Klassifikazzjoni Interna 7 - riskju ta' kreditu għoli ħafna	taħt Caa1	55,928	258,220	-	-	-	**314,148**
Klassifikazzjoni Interna 8 - kontroparti f'inadempjenza	taħt Caa1 iżda b'mod awtomatiku	-	-	69,180	-	-	**69,180**
Self u avvanzi abbażi tal-FVTPL		-	-	-	-	**272,917**	**272,917**
Kopertura għal telf u aġġustament tal-FV		**-3,565**	**-33,268**	**-30,169**	-	**-42,651**	**-109,653**
Ammont riportat ta' self u ta' avvanzi		**1,176,990**	**540,014**	**39,011**	**-**	**230,266**	**1,986,281**
Impenji ta' self							
Klassifikazzjoni Interna 2 - riskju ta' kreditu baxx ħafna	Aa1 - Aa3	86,796	-	-	-	-	**86,796**
Klassifikazzjoni Interna 3 - riskju ta' kreditu baxx	A1 - A3	87,000	-	-	-	-	**87,000**
Klassifikazzjoni Interna 4 - riskju ta' kreditu moderat	Baa1 - Baa3	61,060	-	-	-	-	**61,060**
Klassifikazzjoni Interna 5 - kontroparti finanzjarjament dgħajfa	Ba1 - Ba3	173,963	-	-	-	-	**173,963**
Klassifikazzjoni Interna 6 - riskju ta' kreditu għoli	B1 - B3	777,195	18,595	-	-	-	**795,790**
Klassifikazzjoni Interna 7 - riskju ta' kreditu għoli ħafna	taħt Caa1	45,955	167,782	-	-	-	**213,737**
Klassifikazzjoni Interna 8 - kontroparti f'inadempjenza	taħt Caa1 iżda b'mod awtomatiku	-	-	10,000	-	-	**10,000**
L-ebda klassifikazzjoni interna*		129,669	27,365	-	-	-	**157,034**
Self u avvanzi abbażi tal-FVTPL		-	-	-	-	**92,031**	**92,031**
Kopertura għal telf u aġġustament tal-FV		**-1,693**	**-14,909**	-	-	-	**-16,602**
Ammont riportat ta' impenji ta' self		**1,359,945**	**198,833**	**10,000**	-	**92,031**	**1,660,809**

Ftehimiet ta' aġenzija li għalihom ma hemm l-ebda kontroparti sottostanti fid-data tar-rapportar

Il-BEI jimmonitorja b'mod kontinwu avvenimenti li jaffettwaw lill-mutwatarji u lill-garanti tiegħu. B'mod partikolari, il-BEI qed jivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ id-drittijiet kuntrattwali tiegħu f'każ ta' deterjorament fil-klassifikazzjoni u qed ifittex miżuri ta' mitigazzjoni. Din qed issegwi mill-qrib ukoll it-tiġdid ta' garanziji bankarji riċevuti fuq is-self tagħha, sabiex tiżgura li dawn jinbidlu jew li tittieħed azzjoni f'waqtha jekk ikun hemm bżonn.

3.2.3.6 Arretrati fuq self u indebolimenti

L-ammonti f'arretrati jiġu identifikati, immonitorjati u rrapportati skont il-proċeduri definiti fil-"Linji Gwida u l-Proċeduri ta' Monitoraġġ Finanzjarju" tal-Bank. Dawn il-proċeduri huma konformi mal-aħjar prattiki bankarji u huma adottati għas-self kollu ġestit mill-BEI.

Il-proċess ta' monitoraġġ jiġi strutturat sabiex jiġi żgurat li (i) l-arretrati potenzjali jiġu identifikati u rrapportati lis-servizzi kkonċernati b'dewmien minimu; (ii) il-każijiet kritiċi jiġu eskalati mill-ewwel fil-livell ġust operazzjonali u tad-deċiżjonijiet; (iii) dwar l-istatus ġenerali jiġi pprovdut rappurtar regolari lill-maniġment tal-Faċilità.

L-arretrati u l-indebolimenti fuq is-self u l-avvanzi jistgħu jiġu analizzati kif ġej (f'EUR'000):

	Self u avvanzi 31.12.2022	**Self u avvanzi 31.12.2021**
Ammont riportat	**1,849,786**	**1,986,281**
ECL matul il-ħajja bi kreditu indebolit		
Ammont gross	63,474	69,180
Indeboliment- kopertura għal telf	-21,303	-30,169
Ammont riportat ta' ECL matul il-ħajja bi kreditu indebolit	**42,171**	**39,011**
Skaduti iżda mhux bi kreditu indebolit		
Skaduti jinkludu		
0-30 jum	670	2,334
30-90 jum	118	9
90-180 jum	95	-
aktar minn 180 jum	25	-
Ammont riportat li jkun skada iżda mhux bi kreditu indebolit	**908**	**2,343**
Ammont riportat li la jkun skada u lanqas ma jkun bi kreditu indebolit	**1,806,707**	**1,944,927**
Total tal-ammont riportat ta' self u avvanzi	**1,849,786**	**1,986,281**

3.2.3.7 Sensittività fuq l-ECL għall-kundizzjonijiet ekonomiċi futuri (f'EUR'000)

L-ECL huwa sensittiv għal ġudizzji u għal suppożizzjonijiet magħmulin rigward il-formulazzjoni ta' xenarji li jħarsu 'l quddiem. Il-BEI jwettaq analiżi tas-sensittività fuq l-ECL rikonoxxut fuq klassijiet materjali tal-assi tiegħu.

Il-previżjonijiet tal-kundizzjonijiet ekonomiċi futuri (permezz ta' xenarji makroekonomiċi) huma inputs għat-tbassir ta' mudell li jipproduċi parametri ta' riskju kundizzjonali, li huma input għall-kalkolu tal-kopertura għal telf.

Ix-xenarji huma derivati bl-ixxokkjar tal-PDG, li huwa l-kejl ewlieni tal-attività ekonomika. Ix-xokkijiet għall-PDG reali jiġu kkalibrati sabiex tiġi replikata l-volatilità tal-passat tal-varjabbli. Barra minn hekk, meta jkun xieraq, jiġi applikat ġudizzju espert sabiex jiġu rfinati d-daqs u l-persistenza tax-xokkijiet għall-PDG. B'riżultat ta' dan, ix-xokkijiet jiġu ddeterminati flimkien ma' funzjoni ta' tnaqqis sabiex jiġi ddeterminat l-impatt tax-xokkijiet maż-żmien. Il-probabbiltajiet marbutin ma' kull xenarju huma definiti filwaqt li jirriflettu l-indikaturi (tal-volatilità) tas-suq u indikaturi/trackers żviluppati internament użati b'mod konsistenti maż-żmien sabiex tiġi koperta l-inċertezza. Il-ponderazzjoni ta' xokkijiet pożittivi u negattivi tiddependi mill-bilanċ tar-riskji fl-ekonomija, bħala medja, ix-xokkijiet negattivi u pożittivi EUR -9,908 (2021: EUR -15,250) u EUR 8,356 (2021: EUR 11,780) ġew applikati rispettivament fuq projezzjonijiet trimestrali fl-eżerċizzju tal-passat.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-kopertura għal telf fuq self u fuq avvanzi taħt l-Istadji 1 u 2. Kull xenarju li jħares 'il quddiem (eż. linja bażi, pożittiv u negattiv) ġie ponderat 100 % minflok ma ġew applikati l-ponderazzjonijiet tal-probabbiltà tax-xenarju fit-tliet xenarji.

	2022		
(f'EUR'000)	**Pożittiv**	**Linja bażi**	**Negattiv**
Skopertura gross	3,229,247	3,229,247	3,229,247
Kopertura għal telf	43,821	52,177	62,085

	2021		
(f'EUR'000)	**Pożittiv**	**Linja bażi**	**Negattiv**
Skopertura gross	3,319,800	3,319,800	3,319,800
Kopertura għal telf	37,862	49,642	64,892

3.2.3.8 Negozjar mill-ġdid u trażżin tas-self

Il-BEI iqis is-self bħala self imrażżan (jiġifieri self, titoli ta' dejn u impenji ta' self) li fir-rigward tiegħu ġew estiżi l-miżuri ta' trażżin. Il-miżuri ta' trażżin jikkonsistu f'"konċessjonijiet" li l-BEI jiddeċiedi li jagħmel lejn obbligant li jitqies mhux kapaċi jikkonforma mat-termini u mal-kundizzjonijiet kuntrattwali dwar is-servizz ta' dejn minħabba d-diffikultajiet finanzjarji tiegħu, sabiex l-obbligant ikun jista' jisservizzja d-dejn jew jiffinanzja mill-ġdid, totalment jew parzjalment, il-kuntratt. L-iskoperturi għandhom jiġu ttrattati bħala mrażżna jekk tkun saret konċessjoni, irrispettivament minn jekk kwalunkwe ammont ikunx skadut, jew l-iskopertura tkunx ikklassifikata bħala inadempjenti. L-iskoperturi ma għandhomx jiġu ttrattati bħala mrażżna meta l-obbligant ma jkunx jinsab f'diffikultajiet finanzjarji.

Fil-kors normali tan-negozju, id-deterjorament tas-self inkwistjoni kien jiġi identifikat permezz tad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida u l-proċeduri tal-Bank u kien jiġi mmonitorjat qabel in-negozjar mill-ġdid. Ladarba s-self jiġi nnegozjat mill-ġdid, il-BEI ikompli jimmonitorja dan is-self mill-qrib. Fil-każ tal-istrument finanzjarju jkun indebolit fil-kreditu, dan jitmexxa għall-Istadju 3. Is-self se jiġi mmonitorjat regolarment f'konformità mal-qafas tal-Bank.

Il-Bank ipprovda għadd ta' miżuri ta' appoġġ disponibbli għall-mutwatarji tiegħu b'reazzjoni għall-effetti ekonomiċi speċifiċi tal-COVID-19, li jinkludu, fost affarijiet oħrajn, (i) it-tnaqqis temporanju (inkluż eżenzjonijiet) ta' patti finanzjarji u ta' klawżoli ewlenin oħrajn, (ii) it-tfassil mill-ġdid tal-profili tal-flussi tal-flus billi jiġu stabbiliti skedi ġodda tal-ħlasijiet lura jew il-waqfien temporanju tal-obbligi ta' ħlas lura u (iii) ċerti miżuri komplementari oħrajn ta' appoġġ, bħall-iffirmar ta' kuntratti ġodda, l-aċċellerazzjoni tal-iżborżi tas-self u ż-żieda tal-ammonti mogħtija b'self lil mutwatarji. Il-Bank vvaluta talbiet għal tali miżuri fuq bażi ta' każ b'każ fil-limiti ta' ċerti kundizzjonijiet speċifiċi. Dawn il-miżuri kienu maħsuba biex jiġu estiżi għal mutwatarji Li ma kinux qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji strutturali jew kwistjonijiet ta' solvenza u kienu kkunsidrati bħala negozju avvjat fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżuri. Jekk, bħala riżultat tal-valutazzjoni, mutwatarju ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti jew il-Bank identifika riskji għas-sostenibbiltà fit-tul tal-mudell tan-negozju tal-klijent, ikkunsidra kwalunkwe miżura xierqa oħra u, jekk ikun neċessarju, isegwi l-proċessi ta' ristrutturar standard tal-BEI.

Tali miżuri ta' appoġġ ma għadhomx disponibbli mill-Grupp minn Ġunju 2021.

Il-miżuri u l-prattiki ta' trażżin imwettqin mill-BEI bħala parti mill-attivitajiet ta' ristrutturar tagħha matul il-perjodu ta' rapportar jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, estensjoni tal-maturitajiet, differiment tal-kapital biss, differiment tal-kapital u tal-imgħax, ksur ta' patti materjali u kapitalizzazzjoni tal-arretrati.

3.2.3.8 Negozjar mill-ġdid u trażżin tas-self (kontinwazzjoni)

L-operazzjonijiet soġġetti għal miżuri ta' trażżin jiġu rrapportati bħala tali fit-tabella ta' hawn taħt:

f'eluf ('000) ta' EUR	**31.12.2022**		**31.12.2021**	
	Produttivi	**Improduttivi**	**Produttivi**	**Improduttivi**
Numru ta' operazzjonijiet soġġetti għal prattiki ta' trażżin	12	7	16	9
Valuri riportati (inkl. l-imgħax u l-ammonti arretrati)	144,399	45,497	210,553	58,742
Kopertura tal-ECL rikonoxxuta	16,008	14,323	16,124	20,475
Introjtu mill-imgħax fir-rigward tal-operazzjonijiet imrażżna	7,745	2,280	11,583	3,563

		Miżuri ta' trażżin					
f' eluf ('000) ta' EUR	**31.12.2021**	**Estensjoni tal-maturitajiet**	**Differiment ta' kapital u imgħax**	**Ksur tal-patti finanzjarji materjali**	**Oħraj n**	**Ħlas lura kuntrattwal i terminazzjo ni u/jew tħassir**	**31.12.2022**
Istituzzjonijiet finanzjarji	149,326	-	-	4,119	-	-67,694	85,751
Korporattivi	119,969	-	-	-	-	-15,824	104,145
Total	**269,295**	**-**	**-**	**4,119**	**-**	**-83,518**	**189,896**

3.2.4 Riskju ta' kreditu fuq flus u fuq ekwivalenti ta' flus

Il-fondi disponibbli jiġu investiti f'konformità mal-iskeda tal-Faċilità tal-obbligi ta' żborż kuntrattwali. Fil-31 ta' Diċembru 2022 u fil-31 ta' Diċembru 2021, l-investimenti kienu fil-forma ta' depożiti bankarji, ta' ċertifikati ta' depożiti u ta' karti kummerċjali.

L-entitajiet awtorizzati għandhom klassifikazzjoni simili għall-klassifikazzjonijiet għal perjodu ta' żmien qasir u twil meħtieġa għall-pjazzamenti tat-teżor tal-BEI stess. F'każ li jingħataw klassifikazzjonijiet differenti minn aktar minn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu waħda, tgħodd l-aktar klassifikazzjoni baxxa. Il-limitu massimu awtorizzat għal kull bank awtorizzat bħalissa huwa EUR 50,000,000 (ħamsin miljun euro). Eċċezzjoni għal din ir-regola ngħatat lil Societe Generale, fejn il-Faċilità għandha l-kontijiet tal-flus operazzjonali tagħha. Il-limitu tal-kreditu għal terminu ta' żmien qasir għal Societe Generale fil-31 ta' Diċembru 2022 u fil-31 ta' Diċembru 2021 jammonta għal EUR 110,000,000 (mija u għaxar miljun euro). Il-limitu miżjud japplika għas-somma ta' flus miżmuma fil-kontijiet tal-flus operazzjonali u l-istrumenti maħruġa minn din il-kontroparti u miżmuma mill-portafoll tat-teżor.

L-investimenti kollha saru ma' entitajiet awtorizzati b'maturità massima ta' tliet xhur mid-data tal-valur. Il-ksur kollu tal-limitu tal-iskopertura ta' kreditu ġie rrapportat lil dawk li jagħtu l-mandat. Fil-31 ta' Diċembru 2022 u fil-31 ta' Diċembru 2021, id-depożiti kollha b'terminu, il-karti kummerċjali u l-flus fl-idejn miżmuma mill-portafoll tat-teżor tal-Faċilità kellhom klassifikazzjoni minima ta' P-2 (l-ekwivalenti ta' Moody's) fil-jum tas-saldu.

It-tabella li ġejja turi s-sitwazzjoni tal-flus u l-ekwivalenti ta' flus inkluż l-imgħax dovut (f' eluf ('000) ta' EUR):

Klassifikazzjoni minima għal terminu qasir	**Klassifikazzjoni minima għal terminu twil**	**31.12.2022**		**31.12.2021**	
(It-terminu ta' Moody's)	**(It-terminu ta' Moody's)**				
P-1	Aaa	200,167	14 %	299,814	22 %
P-1	Aa2	24,955	2 %	160,066	12 %
P-1	Aa3	4,992	0 %	67,036	5 %
P-1	A1	300,627	21 %	82,730	6 %
P-1	A2	340,252	22 %	199,879	15 %
P-1	A3	491,224	34 %	444,064	32 %
P-2	A3	29,956	2 %	104,975	8 %
P-2	Baa1	59,797	4 %	-	0 %
P-2		**1,451,970**	**100 %**	**1,358,564**	**100 %**

3.2.5 Ir-riskju ta' kreditu fuq id-derivattivi

3.2.5.1 Il-politika dwar ir-riskju ta' kreditu tad-derivattivi

Ir-riskju ta' kreditu fir-rigward tad-derivattivi huwa rrappreżentat mit-telf li parti speċifika tkun ġarrbet, fejn il-kontroparti l-oħra fil-ftehim ma tkunx tista' tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha. Ir-riskju ta' kreditu assoċjat mad-derivattivi jvarja skont għadd ta' fatturi (bħar-rati tal-imgħax u r-rati tal-kambju) u ġeneralment ikun jikkorrispondi biss għal porzjon żgħir tal-valur nozzjonali tagħhom.

Matul il-kors normali tal-attività tagħha, il-Faċilità tista' tidħol f'kuntratti ta' swaps, bil-ħsieb li tiħħeġġja operazzjonijiet speċifiċi ta' għoti b'self, jew inkella f'kuntratti forward tal-munita, bil-ħsieb li tiħħeġġja l-pożizzjonijiet tal-munita tagħha denominati f'muniti oħrajn innegozjati b'mod attiv, għajr il-Euro. L-iswaps kollha jiġu eżegwiti mill-BEI b'kontroparti esterna. L-iswaps jiġu rranġati mill-istess Ftehimiet Prinċipali tal-Iswaps u l-Annessi għall-Appoġġ tal-Kreditu ffirmati bejn il-BEI u l-kontrapartijiet esterni tiegħu.

3.2.5.2 Kejl tar-riskju ta' kreditu għad-derivattivi

L-iswaps kollha eżegwiti mill-BEI li huma relatati mal-Faċilità jiġu ttrattati fl-istess qafas kuntrattwali u metodoloġiji applikati għad-derivattivi nnegozjati mill-BEI għall-finijiet tiegħu stess. B'mod partikolari, l-eliġibbiltà tal-kontropartijiet tal-iswaps tiġi ddeterminata mill-BEI abbażi tal-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà applikati għall-finijiet tal-iswaps ġenerali tiegħu.

Il-BEI jkejjel l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu relatat ma' tranżazzjonijiet ta' swaps u derivattivi bl-użu tal-approċċ tal-Iskopertura Koperta Kurrenti u tal-Iskopertura Futura Potenzjali għar-rapportar u għall-monitoraġġ tal-limiti. Dawn il-metriċi jinkludu bis-sħiħ id-derivattivi relatati mal-Faċilità ta' Investiment.

Il-Faċilità tidħol f'kuntratti ta' swaps tal-valuti skont ir-rata tal-kambju ("swaps FX") għal terminu qasir sabiex tiħħeġġja r-riskju tal-kambju fuq l-iżborżi ta' self f'muniti għajr l-EUR. L-iswaps FX għandhom maturità massima ta' tliet xhur u jiġu rriportati regolarment. **L-ammont nozzjonali ta' swaps FX kien ta' EUR 1,790.0 miljun fil-31 ta' Diċembru 2022 kontra EUR 1,530.0 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021.** Il-valur ġust ta' swaps FX jammonta għal EUR 71,1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2022 kontra EUR -16,3 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021.

Il-Faċilità tidħol f'kuntratti ta' swaps bejn il-valuti sabiex tiħħeġġja r-riskju tal-munita fuq l-iżborżi ta' self f'muniti għajr l-EUR. Swaps tal-imgħax bejn il-muniti jkollhom maturitajiet twal. **L-ammont nozzjonali ta' swaps FX kien ta' EUR 47,0 miljun fil-31 ta' Diċembru 2022 kontra EUR 51,9 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021.** Il-valur ġust ta' swaps FX jammonta għal EUR 4,8 miljun fil-31 ta' Diċembru 2022 kontra EUR -2,6 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021.

3.2.6 Riskju ta' kreditu fuq assi finanzjarji tat-teżor

It-tabella li ġejja turi s-sitwazzjoni tal-portafoll tat-teżor magħmul kompletament minn karti kummerċjali maħruġa minn subsovrani, banek u entitajiet mhux bankarji b'maturità oriġinarja ta' aktar minn tliet xhur. L-Istati Membri tal-UE, l-aġenziji tagħhom, il-banek u l-entitajiet mhux bankarji huma mittenti eliġibbli. Il-limitu massimu awtorizzat għal kull emittent awtorizzat huwa ta' EUR 50,000,000 (ħamsin miljun euro). L-investimenti f'bonds għal perjodu ta' żmien medju u twil jistgħu jkunu wkoll eliġibbli skont ir-rekwiżiti tal-likwidità:

f' eluf ('000) ta' EUR

Klassifikazzjoni minima għal terminu qasir (It-terminu ta' Moody's)	**Klassifikazzjoni minima għal terminu twil (It-terminu ta' Moody's)**	**31.12.2022**		**31.12.2021**	
P-1	Aa2	32,974	45 %	-	0 %
P-1	Aa3	4	0 %	-	0 %
P-1	A3	39,843	55 %	-	0 %
P-2	A3	182	0 %	-	0 %
Total		**73,003**	**100 %**	**-**	**0 %**

3.3 Riskju ta' likwidità

Ir-riskju tal-likwidità jirreferi għall-kapaċità ta' entità li tiffinanzja ż-żidiet fl-assi u tissodisfa l-impenji hekk kif isiru dovuti, mingħajr ma ġġarrab telf inaċċettabbli. Dan jista' jinqasam fir-riskju tal-likwidità tal-iffinanzjar u r-riskju tal-likwidità tas-suq. Ir-riskju tal-likwidità tal-iffinanzjar huwa r-riskju li entità ma tkunx kapaċi tissodisfa b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet tal-likwidità kurrenti u futuri kemm mistennija kif ukoll mhux mistennija mingħajr ma taffettwa l-operazzjonijiet ta' kuljum tagħha jew il-kundizzjoni finanzjarja tagħha. Ir-riskju ta' likwidità tas-suq huwa r-riskju li entità ma tkunx tista' tpaċi jew telimina faċilment pożizzjoni bil-prezz tas-suq minħabba l-kobor inadegwat tas-suq jew it-tfixkil fis-suq.

3.3.1 Ġestjoni tar-riskju ta' likwidità

Il-Faċilità hija primarjament iffinanzjata minn kontribuzzjonijiet annwali mill-Istati Membri, kif ukoll minn fondi minn operazzjonijiet preċedenti li ġejjin mill-operazzjonijiet tal-Faċilità. Il-Faċilità tiġġestixxi r-riskju ta' likwidità tal-finanzjament tagħha primarjament permezz tal-ippjanar tal-ħtiġijiet netti tal-likwidità tagħha u l-kontribuzzjonijiet annwali tal-Istati Membri meħtieġa.

Sabiex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet annwali tal-Istati Membri, id-disinn tal-iżborż tal-portafoll eżistenti u ta' dak ippjanat jiġi analizzat u segwit matul is-sena. Jiġu kkunsidrati avvenimenti speċjali, bħal rimborżi kmieni, bejgħ ta' ishma jew każijiet ta' inadempjenza, sabiex jiġu kkoreġuti r-rekwiżiti annwali tal-likwidità.

Sabiex ikompli jitnaqqas ir-riskju tal-likwidità, il-Faċilità żżomm riżerva ta' likwidità suffiċjenti sabiex tkopri f'kull PIT l-iżborżi ta' flus imbassra, kif ikkomunikati perjodikament mid-Dipartiment tal-Għoti b'Self tal-BEI. Il-fondi jiġu investiti fis-suq tal-flus u fis-swieq tal-bonds fil-forma ta' depożiti interbankarji u strumenti finanzjarji oħrajn għal perjodu ta' żmien qasir billi jitqiesu l-obbligi tal-iżborżar tal-flus tal-Faċilità. L-assi likwidi tal-Faċilità jiġu ġestiti mid-Dipartiment tat-Teżor tal-Bank bil-ħsieb li jżomm likwidità xierqa sabiex jippermetti lill-Faċilità tissodisfa l-obbligi tagħha. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2233, ir-rimborżi mill-FI tal-AKP għandhom jiġu skjerati fil-qafas tal-NDICI. Madankollu, id-disponibbiltà ta' dawk ir-rimborżi li għandhom jiġu ttrasferiti hija kondizzjonali għas-sostenn ta' livell adegwat ta' likwidità taħt l-IF tal-AKP.

F'konformità mal-prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet bejn il-Front Office u l-Back Office, l-operazzjonijiet ta' saldu relatati mal-investiment ta' dawn l-assi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Ippjanar u s-Saldu tal-Operazzjonijiet tal-BEI. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjoni tal-kontrapartijiet u l-limiti għal investimenti tat-teżor, kif ukoll il-monitoraġġ ta' tali limiti, huma r-responsabbiltà tad-Direttorat tal-Ġestjoni tar-Riskji tal-Bank.

3.3.2 Kejl tar-riskju ta' likwidità

It-tabelli f'din it-taqsima janalizzaw l-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-Faċilità skont il-maturità abbażi tal-perjodu li jkun baqa' bejn id-data tal-karta tal-bilanċ u d-data tal-maturità kuntrattwali (abbażi tal-flussi tal-flus mhux skontati).

F'termini ta' obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi, il-Faċilità għandha impenji fil-forma ta' porzjonijiet mhux żborżati tal-kreditu skont il-ftehimiet ta' self iffirmati, ta' porzjonijiet mhux żborżati tal-ftehimiet ta' sottoskrizzjoni/investiment tal-kapital iffirmati, tal-garanziji tas-self mogħtija jew ta' sussidji fuq l-imgħax u AT impenjati.

Is-self taħt il-FI għandu skadenza ta' żborż. Madankollu, l-iżborżi jsiru f'ħinijiet u f'ammonti li jirriflettu l-progress tal-proġetti ta' investiment sottostanti. Barra minn hekk, is-self tal-FI jikkostitwixxi tranżazzjonijiet imwettqa f'ambjent operatorju relattivament volatili, sabiex b'hekk l-iskeda ta' żborż tagħhom hija soġġetta għal livell sinifikanti ta' inċertezza.

Investimenti kapitali jsiru dovuti meta u hekk kif il-maniġers tal-fondi tal-ekwità joħorġu sejħiet validi għall-kapital, u dan jirrifletti l-progress fl-attivitajiet ta' investiment tagħhom. Il-perjodu ta' prelevament ġeneralment ikun ta' tliet snin, li ta' spiss ikollu jitwal b'sena jew sentejn. Ċerti impenji ta' żborż ġeneralment jissopravivu sa tmiem il-perjodu tal-prelevament sad-disponiment sħiħ tal-investimenti sottostanti tal-fond, hekk kif il-likwidità tal-fond tista' ma tkunx biżżejjed minn żmien għal żmien sabiex tissodisfa l-obbligi ta' pagamenti li jirriżultaw fir-rigward ta' tariffi jew spejjeż oħrajn.

Il-garanziji mhumiex soġġetti għal impenji speċifiċi ta' żborż sakemm ma tiġix eżerċitata garanzija. L-ammont tal-garanziji pendenti jitnaqqas flimkien mal-iskeda ta' ħlas lura tas-self garantit.

Is-sussidji impenjati fuq l-imgħax tal-flussi tal-ħruġ tal-flus iseħħu fil-każ tas-self issussidjat iffinanzjat minn riżorsi proprji tal-Bank. Għalhekk, il-flussi tal-ħruġ irrapportati jirrappreżentaw biss l-impenji relatati ma' dan is-self aktar milli l-ammont totali ta' sussidji impenjati fuq l-imgħax mhux żborżati. Bħal fil-każ tas-self, l-iskeda tal-iżborż tagħhom hija inċerta.

"Fluss ta' ħruġ nominali gross" ta' AT impenjata fit-tabella "Profil tal-maturità ta' obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi" tirreferi għall-porzjon totali mhux żborżat fil-kuntratti AT iffirmati. L-iskeda taż-żmien tal-iżborż hija soġġetta għal livell sinifikanti ta' inċertezza. Flussi ta' ħruġ ta' flus ikklassifikat fil-bucket ta' "3 xhur jew inqas" jirrappreżentaw l-ammont pendenti ta' fatturi riċevuti sad-data tar-rapportar.

L-impenji għal obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi li għalihom ma hemm ebda data tal-maturità kuntrattwali definita huma kklassifikati taħt "Maturità Mhux Definita". L-impenji, li għalihom hemm irreġistrata talba għal żborż ta' flus fid-data tar-rapportar, huma kklassifikati taħt it-taqsima tal-ħin rilevanti.

F'termini tal-obbligazzjonijiet finanzjarji ta' derivattivi, il-profil tal-maturità jirrappreżenta l-flussi ta' flus kuntrattwali gross mhux skontati kuntrattwali ta' swaps inkluż swaps bejn il-valuti (CCS), swaps tar-rati tal-imgħax bejn il-valuti (CCIRS), swaps ta' valuti fuq terminu qasir u swaps tar-rati tal-imgħax.

3.3.2 Kejl tar-riskju tal-likwidità (kontinwazzjoni)

Profil tal-maturità ta' obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi **F'eluf ('000) ta' EUR fil-31.12.2022**	**3 xhur jew anqas**	**Aktar minn 3 xhur sa sena 1**	**Aktar minn sena 1 sa 5 snin**	**Aktar minn 5 snin**	**Maturità Mhux Definita**	**Fluss ta' ħruġ nominali gross**
Ħruġ għal self impenjat iżda mhux żborżat	87,210	21,208	-	-	1,563,433	1,671,851
Flussi ta' ħruġ ta' fondi ta' investiment impenjati u sottoskrizzjoni tal-ishma	4,676	-	-	-	406,496	411,172
Oħrajn (garanziji ffirmati mhux maħruġa, garanziji maħruġa)	-	-	-	-	49,378	49,378
Flussi ta' ħruġ għal sussidji impenjati fuq l-imgħax	-	-	-	-	350,282	350,282
Flussi ta' ħruġ għal TA impenjati	924	-	-	-	32,149	33,073
Total	**92,810**	**21,208**	**-**	**-**	**2,401,738**	**2,515,756**

Profil tal-maturità ta' obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi **f' eluf ('000) ta' EUR fil-31.12.2021**	**3 xhur jew anqas**	**Aktar minn 3 xhur sa sena 1**	**Aktar minn sena 1 sa 5 snin**	**Aktar minn 5 snin**	**Maturità Mhux Definita**	**Fluss ta' ħruġ nominali gross**
Ħruġ għal self impenjat iżda mhux żborżat	-	-	-	-	1,677,411	1,677,411
Flussi ta' ħruġ ta' fondi ta' investiment impenjati u sottoskrizzjoni tal-ishma	6,322	-	-	-	466,678	473,000
Oħrajn (garanziji ffirmati mhux maħruġa, garanziji maħruġa)	-	-	-	-	1,755,974	1,755,974
Flussi ta' ħruġ għal sussidji impenjati fuq l-imgħax	-	-	-	-	379,620	379,620
Flussi ta' ħruġ għal TA impenjati	1,519	-	-	-	37,617	39,136
Total	**7,841**	**-**	**-**	**-**	**4,317,300**	**4,325,141**

Profil tal-maturità ta' obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi **f'EUR'000 fil-31.12.2022**	**3 xhur jew anqas**	**Aktar minn 3 xhur sa sena 1**	**Aktar minn sena 1 sa 5 snin**	**Aktar minn 5 snin**	**Influss/fluss ta' ħruġ nominali gross**
CCS – Influssi	88	9,474	38,431	147	48,140
CCS – Flussi ta' ħruġ	-108	-11,965	-30,450	-146	-42,669
Swaps tal-valuti għal terminu qasir - Dħul	1,790,000	-	-	-	1,790,000
Swaps tal-valuti għal terminu qasir - Ħruġ	-1,724,227	-	-	-	-1,724,227
Total	**65,753**	**-2,491**	**7,981**	**1**	**71,244**

Profil tal-maturità ta' obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi **f' eluf ('000) ta' EUR fil-31.12.2021**	**3 xhur jew anqas**	**Aktar minn 3 xhur sa sena 1**	**Aktar minn sena 1 sa 5 snin**	**Aktar minn 5 snin**	**Influss/fluss ta' ħruġ nominali gross**
CCS u CCIRS – Influssi	82	3,340	34,870	9,394	47,686
CCS u CCIRS – Flussi ta' ħruġ	-115	-8,470	-47,250	-10,329	-66,164
Swaps tal-valuti għal terminu qasir - Dħul	1,530,000	-	-	-	1,530,000
Swaps tal-valuti għal terminu qasir - Ħruġ	-1,547,698	-	-	-	-1,547,698
Total	**-17,731**	**-5,130**	**-12,380**	**-935**	**-36,176**

3.3.3 Assi u obbligazzjonijiet finanzjarji għal terminu twil

It-tabella li ġejja tistabbilixxi l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi li mistennija jiġu rkuprati jew saldati aktar minn 12-il xahar wara d-data tar-rapportar.

f'eluf ('000) ta' EUR	31.12.2022	31.12.2021
Assi finanzjarji:		
Self u avvanzi	1,922,784	2,074,642
Ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli	797,341	697,631
Assi oħrajn	-	1,086
Total	**2,720,125**	**2,773,359**
Obbligazzjonijiet finanzjarji:		
Ammont dovut lil partijiet terzi*	136,867	179,593
Provvedimenti għall-impenji ta' self	16,583	16,602
Total	**153,450**	**196,195**

L-ammonti dovuti lil partijiet terzi jinkludu s-Sussidji fuq l-imgħax u l-AT li għadhom ma ġewx żbożati dovuti lill-Istati Membri, fejn il-maturità fil-bidu l-kbira mhix definita.

3.4 Riskju tas-suq

Ir-riskju tas-suq jirrappreżenta r-riskju li bidliet fil-prezzijiet tas-suq u r-rati, bħalma huma r-rati tal-imgħax, il-prezzijiet tal-ekwità u r-rati tal-kambju jaffettwaw id-dħul tal-entità jew il-valur tal-parteċipazzjonijiet tagħha fi strumenti finanzjarji.

3.4.1 Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

Ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jinħoloq mill-volatilità fil-valur ekonomiku tal-pożizzjonijiet tar-rati tal-imgħax jew fl-introjtu derivat minnhom minħabba ċaqliq avvers fir-rati tal-imgħax.

Il-Faċilità mhijiex milquta direttament mill-bidla fil-valur ekonomiku tagħha jew għal diskrepanzi bejn prezzijiet differenti ta' assi, obbligazzjonijiet u strumenti ta' kopertura għaliex (i) dan ma għandu l-ebda kostijiet tat-teħid b'self dirett jew obbligazzjonijiet li jġorru rata tal-imgħax u (ii) jaċċetta l-impatt ta' flutwazzjonijiet fir-rati tal-imgħax fuq id-dħul mill-investimenti tagħha.

Il-Faċilità tkejjel is-sensittività tal-portafoll tas-self tagħha u l-iswaps ta' mikroħħeġġjar għall-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-imgħax permezz ta' kalkolu tal-Valur tal-Punt Bażi (BPV).

Il-BPV ikejjel il-qligħ jew it-telf fil-valur nett preżenti tal-portafoll rilevanti, dovut għal żieda ta' punt bażi 1 (0,01 %) fil-livelli tar-rati tal-imgħax li jvarjaw f'taqsima ta' ħin speċifikata ta' "suq tal-flus – sa sena", "qasir ħafna – minn 2 sa 3 snin", "qasir – minn 4 sa 6 snin", "medju – minn 7 sa 11-il sena", "twil – minn 12 sa 20 sena" jew "twil ħafna – aktar minn 21 sena".

Sabiex tiddetermina l-valur preżenti nett ("VPN") tal-flussi ta' flus denominati f'EUR, il-Faċilità tuża l-kurva tas-swaps tal-EUR ta' 3 xhur. Il-VPN tal-flussi tal-flus tas-self denominati f'muniti mhux EUR huwa ddeterminat bl-użu tas-swaps tal-EUR ta' 3 xhur flimkien mal-bażi ta' swap bejn il-valuti. Għal dawk il-muniti mhux EUR li għalihom mhijiex disponibbli kurva ta' skont affidabbli u kompluta biżżejjed, minflok tintuża l-kurva ta' skont f'EUR jew USD.

Sabiex tikkalkola l-valur nett preżenti tal-iswaps ta' mikroħħeġġjar, il-Faċilità tuża l-kurva tal-iswaps tal-EUR għal flussi ta' flus denominati f'EUR u l-kurva tal-iswaps tal-USD għal flussi ta' flus denominati f'USD.

3.4.2 Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax (tkompli)

Kif muri fit-tabella li ġejja, il-valur nett preżenti tal-portafoll tas-self, inklużi l-iswaps tal-mikroħħeġġjar fil-31 ta' Diċembru 2022, se jonqos b'EUR 500k (fil-31 ta' Diċembru 2021: tnaqqis b'EUR 769k) jekk il-kurvi tar-rati tal-imgħax rilevanti kollha jiżdiedu fl-istess ħin b'mod parallel b'punt bażi wieħed.

Valur ta' punt bażi f'eluf ('000) ta' EUR	**Flus Suq**	**Qasir Ħafna**	**Qasira**	**Medja**	**Twila**	**Twil Ħafna**	**Total**
Fil-31.12.2022	**sena 1**	**2 sa 3 snin**	**4 snin sa 6 snin**	**7 snin sa 11-il sena**	**12-il sena sa 20 sena**	**21 sena**	
Sensittività totali ta' self u swaps tal-mikroħħeġġjar	-34	-98	-154	-162	-50	-2	**-500**

Valur ta' punt bażi f'eluf ('000) ta' EUR	**Flus Suq**	**Qasir Ħafna**	**Qasira**	**Medja**	**Twila**	**Twil Ħafna**	**Total**
Fil-31.12.2021	**sena 1**	**2 sa 3 snin**	**4 snin sa 6 snin**	**7 snin sa 11-il sena**	**12-il sena sa 20 sena**	**21 sena**	
Sensittività totali ta' self u swaps tal-mikroħħeġġjar	-46	-120	-371	-218	-14	-	**-769**

Riforma tal-IBOR:

Natura u estensjoni tal-Ġestjoni tar-Riskju u tar-Riskji

Il-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax, bħar-Rata Interbankarja Offruta ta' Londra (London InterBank Offered Rate, "LIBOR") jintużaw ħafna f'kuntratti finanzjarji. F'dawn l-aħħar snin, il-fiduċja fl-affidabbiltà u r-robustezza tagħhom iddgħajfet, u r-regolaturi madwar id-dinja kienu qed jimbuttaw għal riforma tal-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax. It-tranżizzjoni globali għal rati referenzjarji alternattivi tar-rata tal-imgħax hija waħda mill-aktar riformi diffiċili li għandhom jitwettqu fis-swieq finanzjarji.

Fi Frar 2018, il-Kumitat tal-Assi u l-Obbligazzjonijiet tal-Bank (ALCO) waqqaf grupp ta' ħidma subALCO ddedikat dwar l-IBORs, il-Grupp ta' Ħidma tal-IBOR biex isegwi u jimmonitorja b'mod proattiv l-iżviluppi relatati mat-tranżizzjoni għal rati tal-imgħax alternattivi.
L-objettivi tal-Grupp ta' Ħidma IBOR inkludew il-monitoraġġ mill-qrib tal-iżviluppi relatati mar-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax, filwaqt li jevalwaw il-punt sa fejn avvanzat it-tranżizzjoni lejn ir-rati alternattivi. Dan kopra, fost l-oħrajn, il-progress fl-emendi tal-kuntratti, in-negozjati bilaterali mal-klijenti, l-aġġornamenti tas-sistemi tal-IT u tal-applikazzjonijiet, l-introduzzjoni ta' lingwaġġ ta' riżerva f'kuntratti ġodda, il-monitoraġġ regolari tal-iskopertura għall-IBORs skont il-munita u l-klassi tal-assi.
Il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma stabbilit ġie mmonitorjat u diskuss regolarment fl-ALCO, u ġie rrappurtat perjodikament lill-Maniġment Superjuri tal-Bank.

Ir-riskji ewlenin li għalihom ġiet esposta l-Faċilità bħala riżultat tar-riforma tal-IBOR huma operazzjonali. Pereżempju, l-aġġornament tas-sistemi li jużaw il-kurvi tal-IBOR u r-reviżjoni tal-kontrolli operazzjonali relatati mar-riforma u r-riskji regolatorji, in-negozjar mill-ġdid tal-kuntratti ta' self permezz ta' negozjati bilaterali mal-klijenti, l-aġġornament tat-termini kuntrattwali, l-aġġustamenti għall-infrastrutturi tas-saldu u tal-pagamenti. Ir-riskju finanzjarju huwa fil-biċċa l-kbira limitat għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax.

Ir-riskji ma wasslux għal bidla fl-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju tal-Faċilità.

Skopertura għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji u status ta' tranżizzjoni

Bħala parti mis-self tagħha, il-Faċilità hija prinċipalment esposta għar-Riforma tal-IBOR fuq Ammonti Mislufa b'Rati Varjabbli denominati f'USD. Assi b'rati varjabbli huma ġeneralment irrapportati bil-kost amortizzat fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Faċilità. Barra minn hekk, il-Faċilità tuża strumenti derivattivi għall-micro-hedging ta' operazzjonijiet ta' self u teħid b'self b'rati fissi kif ukoll għall-monitoraġġ tar-rati tal-imgħax globali u l-pożizzjonijiet tal-kambju tagħha.

Fil-31 ta' Diċembru 2021, permezz tal-applikazzjoni tal-protokoll ta' riżerva tal-ISDA, il-Faċilità emigrat il-portafoll kollu tad-derivattivi tagħha li jirreferu għal-LIBORs. Għalhekk, ma hemm l-ebda impatt fuq ir-rapporti finanzjarji li ntemmu fl-31 ta' Diċembru 2022.

Is-self huwa t-tieni l-akbar klassi ta' assi esposta direttament għar-rati IBOR. Matul l-2022 il-Bank segwa l-migrazzjoni tas-self indiċjat għal USD LIBOR. Il-maġġoranza tal-mutwatarji diġà esprimew il-preferenza tal-prodott tagħhom u t-tiswija rilevanti hija mistennija li tiġi ffirmata kmieni fl-2023. Il-biċċa l-kbira tal-iskoperturi huma mistennija li jiġu migrati sal-ewwel data tal-pagament tal-imgħax wara d-data ta' waqfien tat-30 ta' Ġunju 2023, x'aktarx li tkun meħtieġa dipendenza parzjali fuq LIBOR sintetiku. B'mod parallel mal-migrazzjoni, il-Bank adatta l-portafoll tal-prodotti tas-self tiegħu għall-oriġinazzjoni ta' self ġdid.

3.4.2 Riskji tal-kambju

Ir-riskju tal-kambju ("FX") għall-FI huwa r-riskju ta' telf fil-qligħ jew valur ekonomiku minħabba ċaqliq avvers fir-rati tal-FX.

Fil-każ ta' munita tal-kontabbiltà ta' referenza (EUR għall-IF), il-Faċilità hija esposta għar-riskju FX kull meta jkun hemm diskrepanza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'munita tal-kontabbiltà mhux ta' referenza. Ir-riskju tal-FX jinkludi wkoll l-effett ta' bidliet fil-valur ta' flussi futuri ta' flus denominati f'munita tal-kontabilità ta' referenza, eż. imgħax u pagamenti ta' dividendi, minħabba l-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju.

3.4.2.1 Riskju tal-kambju u assi tat-teżor

L-assi tat-teżor tal-FI huma denominati f'EUR jew f'USD.

Ir-riskju tal-FX huwa kopert permezz ta' spot FX ta' bejn il-valuti jew tranżazzjonijiet forward, swaps FX jew swaps bejn il-valuti. Id-Dipartiment tat-Teżor tal-BEI jista', fejn jitqies neċessarju u xieraq, juża kull strument ieħor, skont il-politika tal-Bank, li jipprovdi protezzjoni kontra r-riskji tas-suq imġarrba fir-rigward tal-attivitajiet finanzjarji tal-IF.

3.4.2.2 Riskju tal-kambju u operazzjonijiet iffinanzjati jew garantiti mill-FI

Il-kontribuzzjonijiet tal-FI tal-Istati Membri jaslu f'EUR. L-operazzjonijiet iffinanzjati jew garantiti mill-FI kif ukoll is-sussidji tal-imgħax jistgħu jkunu denominati f'EUR, USD jew kwalunkwe munita oħra awtorizzata.

Tinħoloq skopertura għar-riskju tal-kambju (kontra l-munita ta' referenza EUR) kull meta t-tranżazzjonijiet denominati f'muniti oħrajn minbarra l-EUR jitħallew mhux iħħeġġjati. Il-linji gwida għall-iħħeġġjar tar-riskju tal-kambju tal-FI huma stabbiliti hawn taħt.

3.4.2.2.1. Iħħeġġjar ta' operazzjonijiet denominati f'USD

Ir-riskju tal-FX iġġenerat mill-operazzjonijiet tal-FI denominati f'USD għandu jkun kopert fuq bażi aggregata permezz ta' swaps tal-FX EUR/USD, riportati u aġġustati f'termini ta' ammont fuq bażi perjodika. L-użu ta' swaps FX iservi skop doppju. Fuq naħa waħda tiġi ġġenerata l-likwidità neċessarja għal żborżi ġodda (self u ekwità) u fuq in-naħa l-oħra jinżamm il-makroħħeġġjar tal-FX.

Fil-bidu ta' kull perjodu, il-flussi tal-flus li jridu jiġu rċevuti jew jitħallsu f'USD matul il-perjodu li jmiss għandhom jiġu kkalkolati abbażi tar-riflussi/tal-iżborżi ppjanati jew mistennija. Sussegwentement, l-iswaps FX li jimmaturaw għandhom jiġu riportati, bl-ammont tagħhom jiġi aġġustat sabiex ikopri tal-anqas il-ħtiġijiet ta' likwidità f'USD ipproġettata matul il-perjodu li jmiss.

Fuq bażi ta' kull xahar, il-pożizzjoni tal-FX f'USD għandha tiġi ħħeġġjata, jekk taqbeż il-limiti rilevanti, permezz ta' operazzjoni spot jew forward.

F'perjodu ta' riportament, id-defiċits tal-likwidità f'USD mhux mistennija għandhom ikunu koperti permezz ta' operazzjonijiet ta' swaps FX ad hoc, filwaqt li l-eċċessi tal-likwidità għandhom jiġu investiti f'assi tat-teżor jew inkella jiġu kkonvertiti f'EUR jekk iseħħu minn żieda fil-pożizzjoni tal-FX.

3.4.2.2.2. Operazzjonijiet ta' ħħeġġjar denominati f'muniti oħrajn minbarra EUR jew USD

Operazzjonijiet tal-IF denominat f'valuti oħra minbarra l-EUR u l-USD jiġu kopert permezz ta' kuntratti ta' swaps bejn il-valuti bl-istess profil finanzjarju bħas-Self sottostanti, sakemm ikun operazzjonali suq tal-iswaps.

L-IF għandu operazzjonijiet ta' ħħeġġjar denominati f'valuti li għalihom il-possibbiltajiet tal-iħħeġġjar huma jew mhux effiċjenti jew disponibbli bi prezz għoli. Dawn l-operazzjonijiet huma denominati fil-muniti lokali ("LCs") iżda jiġu saldati f'EUR jew USD. Il-qafas tar-riskju finanzjarju, li ġie approvat mill-Kumitat tal-IF fit-22 ta' Jannar 2015, joffri l-possibbiltà li wieħed jiħħeġġja skopertura tal-FX fl-LCs li juru korrelazzjoni pożittiva sinifikanti mal-USD sintetikament permezz ta' derivattivi b'denominazzjoni USD. L-LCs iħħeġġjati sintetikament ma' derivattivi denominati f'USD huma rrapportati fit-tabella fit-taqsima 3.4.2.2.3 hawn taħt, taħt l-entrata "Muniti lokali (taħt ħeġġ sintetiku)", filwaqt li l-LCs mhux iħħeġġjati sintetikament b'USD huma rrapportati fl-istess tabella taħt l-entrata "Muniti lokali (mhux taħt ħeġġ sintetiku)".

3.4.2.2.3 Pożizzjoni tal-kambju (f'eluf ('000) ta' EUR)

It-tabelli ta' din in-nota juru l-pożizzjoni tal-kambju tal-Faċilità.

Il-pożizzjoni tal-kambju hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt skont il-politiki tar-riskju tal-IF (kif deskritta fil-Qafas tar-riskju finanzjarju tal-IF). Il-pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki tar-Riskju hija bbażata fuq ċifri tal-kontabilità u ddefinita bħala l-bilanċ bejn assi u obbligazzjonijiet magħżulin. L-assi u l-obbligazzjonijiet definiti fil-pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki ta' Riskju huma magħżulin sabiex jiġi żgurat li l-qligħ ikun jista' jiġi kkonvertit fil-munita tar-rapportar (EUR) biss meta jiġi riċevut.

Il-bidla fil-valur ġust fuq l-ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli hija inkluża fil-pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki tar-Riskju, kif ukoll l-indebolimenti fuq is-self u l-avvanzi. Derivattivi inklużi fil-pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki tar-Riskju huma kkunsidrati bil-valur nominali

tagħhom minflok bil-valur ġust tagħhom, sabiex jiġu allinjati mal-valur tal-assi miżmuma, meqjusa wkoll bil-valur nominali tagħhom aġġustat bl-indeboliment għal self.

Fit-tabelli ta' hawn taħt il-bqija tal-assi u tal-obbligazzjonijiet, li jinkludu prinċipalment l-imgħax dovut fuq self, fuq derivattivi u fuq sussidji, huma ppreżentati bħala "pożizzjoni tal-FX eskluża mill-Politiki tar-Riskju".

FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2022	**Assi u obbligazzjonijiet**			**Impenji u obbligazzjonijiet kontinġenti**
Muniti	**Pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki tar-Riskju**	**Pożizzjoni tal-FX eskluża mill-Politiki tar-Riskju**	**Pożizzjoni tal-FX fil-Karta tal-bilanċ**	
USD	-318,423	-11,114	-329,537	844,247
*Muniti lokali (taħt ħeġġ sintetiku)**				
KES	129,513	36,883	166,396	-
TZS	7,355	123	7,478	-
DOP	24,533	301	24,834	-
UGX	32,632	489	33,121	-
RWF	75,037	698	75,735	-
*Muniti lokali (mhux taħt ħeġġ sintetiku)**				-
HTG, MUR, MZN, XOF, ZMW, BWP, JMD, NGN, ZAR	86,929	-479	86,450	-
Muniti mhux EUR totali	**37,576**	**26,901**	**64,477**	**844,247**
EUR	**-**	**4,009,151**	**4,009,151**	**1,726,301**
Total EUR u mhux EUR	**37,576**	**4,036,052**	**4,073,628**	**2,570,548**

* Ara t-taqsima 3.4.2.2.2 għal spjegazzjonijiet dwar ħeġġ sintetiku.

3.4.2.2.3 Pożizzjoni tal-kambju (f'eluf '000 ta' EUR) (tkomplija)

Fil-31 ta' Diċembru 2021	Assi u obbligazzjonijiet			Impenji u obbligazzjonijiet kontinġenti
Muniti	**Pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki tar-Riskju**	**Pożizzjoni tal-FX eskluża mill-Politiki tar-Riskju**	**Pożizzjoni tal-FX fil-Karta tal-bilanċ**	
USD	-130,383	-29,399	-159,782	756,190
*Muniti lokali (taħt ħeġġ sintetiku)**				
KES	90,567	7,138	97,705	-
TZS	16,478	333	16,811	-
DOP	18,783	301	19,084	-
UGX	36,935	978	37,913	-
RWF	49,667	365	50,032	-
*Muniti lokali (mhux taħt ħeġġ sintetiku)**				
HTG, MUR, MZN, XOF, ZMW, BWP, JMD, NGN, ZAR	96,450	-517	95,933	-
Muniti mhux EUR totali	**178,497**	**-20,801**	**157,696**	**756,190**
EUR	**-**	**3,645,241**	**3,645,241**	**628,913**
Total EUR u mhux EUR	**178,497**	**3,624,440**	**3,802,937**	**1,385,103**

* Ara t-taqsima 3.4.2.2.2 għal spjegazzjonijiet dwar ħeġġ sintetiku.

3.4.2.3 Analiżi tas-sensittività tal-munita barranija

Fil-31 ta' Diċembru 2022, deprezzament ta' 10 fil-mija tal-EUR kontra l-muniti kollha li mhumiex EUR jirriżulta f'żieda tar-riżorsi tal-kontributuri li jammontaw għal EUR 7.2 miljun (fil-31 ta' Diċembru 2021: EUR 17.5 miljun). Apprezzament ta' 10 fil-mija tal-EUR kontra l-muniti kollha li mhumiex EUR jirriżulta fi tnaqqis tar-riżorsi tal-kontributuri li jammontaw għal EUR -5,9 miljun (fil-31 ta' Diċembru 2021: EUR -14.3 miljun).

3.4.2.4 Rati ta' konverżjoni

Ir-rati ta' konverżjoni li ġejjin intużaw sabiex tiġi stabbilita l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 u fil-31 ta' Diċembru 2021:

	31 ta' Diċembru 2022	31 ta' Diċembru 2021
Muniti li mhumiex tal-UE		
Pula tal-Botswana (BWP)	13,59	13,27
Pesos tar-Repubblika Dominicana (DOP)	59,84	64,83
Dollari tal-Fiġi (FJD)	2,32	2,36
Gourde tal-Haiti (HTG)	154,37	113,16
Dollaru Ġamajkan (JMD)	161,59	173,48
Shillings Kenjan (KES)	131,68	128,26
Ouguiyas tal-Mauritania (MRU)	39,04	40,99
Rupees tal-Mauritius (MUR)	46,83	49,30
Metikal tal-Możambique (MZN)	67,54	71,70
Naira Niġerjana (NGN)	478,02	467,07
Francs tar-Rwanda (RWF)	1,132,20	1,162,53
Shillings tat-Tanzanija (TZS)	2,487,37	2,610,48
Shillings tal-Uganda (UGX)	3,965,00	4,027,00
Dollari Amerikani (USD)	1,07	1,13
Franc CFA Francs (XAF/XOF)	655,96	655,96
Rand tal-Afrika t'Isfel (ZAR)	18,10	18,06
Kvacha taż-Żambja (ZMW)	19,28	18,88

3.4.3 Riskju tal-prezz tal-ekwità

Ir-riskju tal-prezz tal-ekwità jirreferi għar-riskju li l-valuri ġusti ta' investimenti fl-ekwitajiet jonqsu b'riżultat tal-bidliet fil-livelli tal-prezzijiet tal-ekwità u/jew il-valur ta' investimenti ta' ekwità.

L-IF hu espost għal riskji tal-prezz tal-ekwità permezz tal-investimenti f'ekwità diretti u fondi tal-kapital tar-riskju.

Il-valur tal-pożizzjonijiet ta' ekwità mhux elenkati mhuwiex faċilment disponibbli għall-finijiet ta' monitoraġġ u kontroll fuq bażi kontinwa. Għal tali pożizzjonijiet, l-aħjar indikazzjonijiet disponibbli jinkludu l-prezzijiet derivati minn kwalunkwe teknika ta' valwazzjoni rilevanti.

L-effetti fuq ir-riżorsi tal-kontributuri tal-Faċilità (bħala riżultat ta' bidla fil-valur ġust tal-portafoll ta' ekwità disponibbli għall-bejgħ) minħabba bidla ta' +/-10 % fil-valur ta' ekwità diretta individwali u fl-investimenti kapitali ta' riskju, bil-varjabbli l-oħrajn kollha jinżammu kostanti, huma EUR 79,7 miljun rispettivament, EUR -79,7 miljun fil-31 ta' Diċembru 2022 (EUR 69,8 miljun u EUR -69,8 miljun rispettivament fil-31 ta' Diċembru 2021).

4 Valuri ġusti tal-istrumenti finanzjarji

4.1 Klassifikazzjonijiet tal-kontabilità u valuri ġusti

It-tabella li ġejja turi l-ammonti riportati u l-valuri ġusti tal-assi finanzjarji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji, inklużi l-livelli tagħhom fil-ġerarkija tal-valur ġust. Dawn ma jinkludux informazzjoni ta' valur ġust għal assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejla bil-valur ġust jekk l-ammont miżmum fil-kotba huwa approssimazzjoni raġonevoli tal-valur ġust.

Fil-31 ta' Diċembru 2022	Ammont riportat						Valur ġust			
f'eluf ('000) ta' EUR	Strumenti finanzjarji derivattivi	Ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli	Flus, self u avvanzi	Assi finanzjarji tat-teżor	Assi/obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	Total	Livell 1	Livell 2	Livell 3	Total
Assi finanzjarji obbligatorji mkejla bl-FVTPL										
Strumenti finanzjarji derivattivi	75,852	-	-	-	-	**75,852**	-	75,852	-	**75,852**
Fondi ta' Kapital ta' Riskju	-	684,564	-	-	-	**684,564**	-	-	684,564	**684,564**
Investimenti ta' Ekwità Diretta	-	112,777	-	-	-	**112,777**	-	-	112,777	**112,777**
Self u avvanzi	-	-	95,604	-	-	**95,604**	-	-	95,604	**95,604**
Assi finanzjarji totali mkejla b'mod obbligatorju bl-FVTPL	**75,852**	**797,341**	**95,604**	**-**	**-**	**968,797**	**-**	**75,852**	**892,945**	**968,797**
Assi finanzjarji mkejla bl-AC										
Flus u ekwivalenti tal-flus	-	-	1,451,970	-	-	**1,451,970**				
Self u avvanzi	-	-	1,754,182	-	-	**1,754,182**				
Ammonti riċevibbli mingħand il-kontributuri	-	-	85,321	-	-	**85,321**				
Assi finanzjarji tat-teżor	-	-	-	73,003	-	**73,003**				
